MALTA

ĠID LI JASAL
**GĦAND
KULĦADD**

2017

# DISKORS TAL-BAĠIT

**EDWARD SCICLUNA**
MINISTRU GĦALL-FINANZI

Ministeru għall-Finanzi

# Diskors tal-Baġit

# 2017

L-Onor. Prof. Edward Scicluna
Ministru għall-Finanzi
Malta
17 ta' Ottubru, 2016

Ippublikat mill-
Ministeru għall-Finanzi,
Triq Nofsinhar,
Il-Belt Valletta
VLT 1102

Tel.: (+356) 25 99 82 59
Website: http://www.mfin.gov.mt

**Dejta tal-katalogar tal-pubblikazzjoni**

**Malta.** *Ministeru għall-Finanzi*
Diskors tal-Baġit, 2017 / Edward Scicluna.
Valletta : Ministeru għall-Finanzi, 2016

ISBN: 978-99957-58-14-1

1. Baġit – Malta
I. Titlu II. Edward Scicluna

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-

Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja
Il-Belt Valletta
VLT 2000

Tel.: (+356) 22 00 17 00

Mitbugħ fl-Stamperija tal-Gvern
Prezz: €2.00

## Werrej


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni | 1 |
| Ġid li jasal għand kulħadd | 31 |
| Ninvestu fl-edukazzjoni u t-taħriġ | 57 |
| Infrastruttura b'saħħitha għal ekonomija b'saħħitha | 65 |
| Inkomplu nsaħħu l-kompetittività ta' pajjiżna | 93 |
| Saħħa, sport u kultura | 125 |
| Inkomplu nibnu soċjetà inklussiva | 134 |
| Għeluq | 140 |

# INTRODUZZJONI –
# IL-VIŻJONI TAL-GVERN GĦAL MALTA

Sur President,  il-baġit li qed inressaq illejla quddiem din il-Kamra qed inressqu b'iktar serenità minn qatt qabel għax illum il-familji Maltin u Għawdxin qed jifhmu sew il-pjan tal-Gvern għal din il-Leġiżlatura u qed iħossu l-effett pożittiv fi bwiethom.

Mhux biss, iżda jifhmu wkoll li kull ma għamel il-Gvern s'issa għamlu bl-għan li jitla' tarġa wara l-oħra biex jilħaq il-miri li wiegħed lill-familji u n-negozji fil-Manifest Elettorali. Dak li joħloq il-ġid li jġib miegħu ix-xogħol, l-opportunitajiet ġodda, u fuq kollox, il-mezzi biex jitqassam b'mod xieraq lil min l-aktar għandu bżonnu.

Illum wasalna f'punt fejn ir-riżultati ekonomiċi u finanzjarji li qed ikunu l-għira tal-pajjiżi sħabna fl-Unjoni Ewropea, f'pajjiżna stess xi wħud qed joħduhom *for granted*. Dan jagħtina pjaċir għax ifisser li llum il-familja ma għadhiex fl-inċertezza li kienet qabel. Ifisser li l-familja qed tħares lejn affarijiet importanti bħal l-ambjent u l-edukazzjoni tal-ulied u mhux inkwetata fuq jekk għandiex mezzi biex tħallas kont tal-elettriku.

Juruh *surveys* xjentifiċi. L-Eurobarometer, li tagħmel il-Kummissjoni Ewropea darbtejn fis-sena fost familji f'pajjiżna, fl-2012 kien juri li għal 61 fil-mija ta' dawk li ħadu sehem l-aktar tema li taffetwahom kienet l-inflazzjoni. Illum dan il-proporzjon naqas għal 24 fil-mija, u minflok l-attenzjoni daret aktar fuq l-immigrazzjoni u l-ambjent, fost l-oħrajn.

Fil-pajjiżi ta' madwarna, dan ma seħħx. Madwar l-UE, kważi nofs dawk li jieħdu sehem fil-Eurobarometer għadhom jaraw il-qgħad bħala l-akbar problema għal pajjiżhom. F'pajjiżna ħamsa fil-mija biss jaħsbu hekk. Relattivament għaxar darbiet anqas.

U bir-raġun, għax hekk kif f'pajjiżi oħra l-qgħad baqa' problema kbira, speċjalment għal miljuni ta' żgħażagħ, f'pajjiżna kellna tliet snin li fihom l-ekonomija ħolqot postijiet tax-xogħol iktar milli hawn Maltin lesti li jimlewhom, tant li qed ikollna nġibu n-nies minn barra biex ir-ritmu ekonomiku jkompli sejjer.

Dawk li jieħdu dawn ir-riżultati *for granted* nixtieq infakkarhom minn fejn kellna nibdew.

Meta ilħaqt Ministru għall-Finanzi, il-Gvern kellu ma' wiċċu defiċit ferm ogħla minn dak imbassar, b'riżultat li pajjiżna reġa' ddaħħal fil-proċedura ta' defiċit eċċessiv mill-Kummissjoni Ewropea. Din kienet it-tielet darba f'għaxar snin li seħħ dan. Dawk li jgħidu li l-qagħda ekonomika f'pajjiżna kienet tajba, nixtieq infakkarhom li pajjiżna kien għadu kemm iddaħħal fil-*macro imbalances procedure* fejn il-Kummissjoni kienet qed twissi fuq id-djun mhux biss pubbliċi, imma wkoll privati. Illum dan kollu huwa storja tal-passat għax pajjiżna ħareġ bl-unuri miż-żewġ proċeduri.

Ftit qabel ma bdejna din il-Leġiżlatura, f'Jannar 2013, *S&P Global Ratings* kienu niżżlu ir-*rating* ta' pajjiżna għat-tieni darba f'dik il-leġiżlatura. Għandi l-pjaċir ngħid li nhar il-Ġimgħa li għadda, rajna kif din l-aġenzija għolliet, għall-ewwel darba f'għoxrin sena, r-*rating* ta' pajjiżna minn 'BBB+' għal 'A-'.

Dan seħħ għax f'baġit wara l-ieħor imxejna bir-reqqa u bil-galbu biex inwettqu l-pjan tagħna. Fl-ewwel baġit tagħna, l-enfasi kienet li nerġgħu inġibu l-istabbilità u ċ-ċertezza fil-pajjiż. Ippreżentajna l-miri tagħna u ħadna l-passi biex nibdew nibnu ekonomija dinamika, fejn in-negozji jħossuhom kunfidenti biżżejjed biex jinvestu u jimpjegaw, u fejn il-familji jkollhom anqas piżijiet ħalli jonfqu u jfittxu opportunitajiet ġodda.

Fit-tieni baġit ippremjajna l-bżulija. Ħadna passi biex ninkoraġġixxu u ngħinu lil min irid jaħdem. Naqqasna t-taxxa tad-dħul u daħħalna *tax credits* u benefiċċji biex aktar nies joħorġu jaħdmu. Nidejna ċ-*childcare* b'xejn – miżura li ħafna pajjiżi Ewropej joħolmu li xi darba jdaħħluha. Wettaqna l-wegħda tagħna li nraħħsu l-kontijiet tad-dawl u ninvestu bis-saħħa fil-qasam tal-enerġija, wara snin twal ta' apatija.

Fil-baġit ta' wara wettaqna riformi progressivi fis-sistema tal-benefiċċji soċjali. Filwaqt li attakkajna l-abbużi, daħħalna inċentivi ċari għal min ried joħroġ minn qagħda ta' dipendenza soċjali. Ma kinitx deċiżjoni faċli. Kien hemm min ikkritikana talli konna ser nibqgħu inħallsu parti mill-benefiċċji soċjali lil min isib impjieg.

Illum bi pjaċir nista' ngħid li dawn il-miżuri kienu investiment li jagħmel sens. Gawdew l-eluf li ħarġu mid-dipendenza fuq l-assistenza soċjali, għax dawn issa qed jaħdmu bi qligħ u qed jibnu ħajja aħjar.

Gawdew it-*taxpayers* għax irnexxielna niffrankaw il-miljuni fi spiża rikurrenti. F'dawn l-aħħar sentejn, l-ispiża fuq benefiċċji non-kontributorji naqset. Gawdew ukoll il-persuni li daħlu f'dawn l-iskemi u li bdew jaħdmu għall-ġid tagħhom u tal-familji tagħhom.
U dawn is-suċċessi fil-qasam tax-xogħol u fl-andament ekonomiku waslu biex id-dħul tal-Gvern mit-taxxi jiżdied, minkejja li kull sena li ilni Ministru għall-Finanzi kelli l-pjaċir li nħabbar tnaqqis fit-taxxa fuq id-dħul. Tnaqqis li gawdew minnu t-*taxpayers* kollha, f'kull faxxa.

Fil-baġit għas-sena li qegħdin fiha, ħsibna ukoll f'dawk li kienu għadhom ma gawdewx direttament mill-miżuri li ħadna fis-snin ta' qabel. Naqqasna t-taxxi għal dawk bi dħul baxx. Daħħalna *tax credits* għal min lest ifaddal b'mod volontarju f'pensjoni privata. Erġajna żidna l-*in-work benefit* għall-ħaddiema bi dħul anqas mill-medja. Komplejna nsostnu lil dawk li qed jixtru l-ewwel propjetà tagħhom – id-dota tal-Gvern Laburista lill-koppji żgħażagħ.

U għall-ewwel darba f'ġenerazzjoni, għollejna l-pensjonijiet b'aktar miż-żieda għall-għoli tal-ħajja. Miżura li laqtet 12,000 pensjonant bl-anqas dħul, filwaqt li ir-romol li ħadmu ingħataw dritt għal pensjoni ferm aħjar.

Dan stajna nagħmluh għax Malta saret ekonomija b'saħħitha.

L-aktar ħaġa li tagħtina pjaċir hi li dan it-tkabbir ekonomiku kien akkumpanjat minn żieda qawwija fl-impjiegi. F'ħafna pajjiżi, minkejja li l-ġid nazzjonali reġa' beda jikber, ftit li xejn kien hemm żieda fl-impjiegi. F'pajjiżna fl-istess żmien il-ġid nazzjonali kiber bi 15 fil-mija filwaqt li l-impjiegi żdiedu bi 13 fil-mija.

F'pajjiżna t-tkabbir fil-ġid qed jasal fil-bwiet tal-familji. Fl-ewwel nofs tal-2016 tħallsu €443 miljun aktar f'pagi, jew 28 fil-mija aktar, milli tħallsu fl-istess żmien fl-aħħar sena tal-amministrazzjoni preċedenti. Id-depożiti tal-familji Maltin u Għawdxin mal-banek lokali illum ilaħħqu l-€10.3 biljun, żieda ta' 33 fil-mija mill-ammont reġistrat fil-bidu ta' din il-leġiżlatura.

Il-baġit għas-sena d-dieħla ser ikompli jseddaq dawn ir-riżultati.

Sejrin inkomplu nsaħħu l-ekonomija tagħna u nżidu l-inċentivi biex aktar nies joħorġu jaħdmu u biex iż-żgħażagħ tagħna jkollhom il-ħiliet meħtieġa biex igawdu mill-frott li qed tagħti l-ekonomija b'saħħitha tagħna. Għalkemm għamilna progress f'dan il-qasam, inħoss li nistgħu niksbu aktar riżultati, għax il-potenzjal hemmhekk qiegħed.

L-ambizzjoni tagħna twassalna biex nistinkaw sabiex nilħqu dak li kisbu snin ilu pajjiżi fin-Nord tal-Ewropa, fejn r-rata tal-impjiegi tiżboq is-70 fil-mija. Min-naħa l-oħra, hemm bżonn li bħalma ħdimna biex aktar nies jersqu lejn id-dinja tax-xogħol, issa nidħlu għall-isfida biex intejbu l-ħiliet tal-ħaddiema tagħna. Dan ser ifisser aktar investiment fl-edukazzjoni, kemm dik akkademika imma ferm aktar dik vokazzjonali. Min iħaddem sar jaffaċċja wisq sfidi biex isib ħaddiema mħarrġa. Fiż-żmien li ġej ser inkunu qed nindirizzaw dan.

Fl-istess ħin ser inkomplu ntejbu l-aċċess għall-finanzjament għan-negozji tagħna.

Ser inkomplu ninvestu bla preċedent fl-ekonomija tagħna. Is-sena l-oħra kellna rekord assolut fl-istorja ta' pajjiżna f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispiża kapitali. Irnexxielna nużaw ammont qawwi ta' fondi Ewropej biex intejbu l-infrastuttura tagħna. U ser inkomplu mexjin f'din id-direzzjoni. L-istess bħalma s-settur privat qed jikber u jinvesti, huwa d-dover tal-Gvern li jara li l-infrastruttura tagħna titjieb fl-enerġija, t-trasport, is-saħħa u l-edukazzjoni. U dan bis-sehem tas-settur privat ukoll.

Fuq kollox, iżda dan il-baġit huwa baġit soċjali. Għalhekk il-messaġġ: Malta – ġid li jasal għand kulħadd.

Għax nifhmu li filwaqt li ħafna mxew ‘il quddiem, fadal min għadu jbati biex ilaħħaq. Bis-saħħa li ksibna u l-ġid li ħloqna, issa se ngħinu lil dawn in-nies b’ħeġġa akbar minn qatt qabel.

F’dan il-baġit ser inkomplu f’din it-triq, b’għajnuna lill-familji tagħna ħalli jiffaċċjaw żviluppi ġodda, bħaż-żieda fil-kera. U ser inkomplu ngħinu lil dawk li jridu jfaddlu b’mod volontarju għall-irtirar tagħhom.

Fl-istess ħin, għal dawk li ma jistgħux jidħlu fis-suq tax-xogħol, ħadna passi u ser inkomplu nieħdu oħrajn f’dan il-baġit biex intejbu d-dħul. U dan mingħajr biża’ li nżidu d-defiċit għax għandna ekonomija b’saħħitha.

Verament qed nibnu Malta fejn il-ġid jasal għand kulħadd.

**Il-qagħda ekonomika u finanzjarja**

Sur President, tajjeb li issa nagħti titwila lejn l-aħħar żviluppi ekonomiċi u finanzjarji f’pajjiżna, kif ukoll lejn l-andamanent mistenni fis-snin li ġejjin, għax dawn il-figuri huma l-bażi li propju fuqhom jinbena l-baġit.

B’sens ta’ sodisfazzjon, ngħid li, fl-ewwel nofs ta’ din is-sena Malta rreġistrat tkabbir ekonomiku reali ta’ 4.1 fil-mija u 6.1 fil-mija f’termini nominali. Bħala paragun, it-tkabbir reali kien aktar mid-doppju tat-tkabbir li kien hemm fl-Unjoni Ewropea u fiż-Żona Ewro,

fejn il-medja ta' tkabbir ekonomiku fl-ewwel nofs tal-2016 kien ta' 1.9 fil-mija.

Dan it-tkabbir kien sostnut minn żieda b'saħħitha fil-konsum u fl-investiment, li rriflettew iż-żidiet fil-pagi tal-ħaddiema, kif ukoll fil-profitti tal-kumpaniji. Importanti wkoll li ninnutaw li t-tkabbir kien diversifikat hekk kif il-maġġoranza tas-setturi, inkluż il-manifattura, rreġistraw żidiet fil-Valur Miżjud Gross.

Fil-qasam tal-impjiegi, illum wasalna fi stat li, in ġenerali, mhux tfittex ix-xogħol iżda tara kif tista' ttejjeb il-pożizzjoni tiegħek. Skont il-Eurostat, l-*employers* f'pajjiżna għandhom *job vacancy rate* kważi d-doppju tal-medja Ewropea. Malta qed tattira l-barranin lejha għax għandha x-xogħol x'toffrilhom.

Din iż-żieda qawwija fl-impjiegi ġejja mis-settur privat li baqa' jkompli jkun il-mutur ewlieni wara din iż-żieda. F'April ta' din is-sena, iż-żieda totali fl-impjiegi kienet kważi ta' 7,400, fejn aktar minn 7,000 minnhom inħolqu fis-settur privat. Dan ifisser li 96 fil-mija tal-impjiegi nħolqu fis-settur privat. Is-setturi li l-iktar li ħolqu impjiegi kienu dawk li jinkludu servizzi professjonali, tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi, kif ukoll is-setturi tal-arti, d-divertiment u rikreazzjoni.

Ta' min jinnota wkoll iż-żieda sostanzjali fl-impjiegi tan-nisa. Infatti, f'temp ta' tliet snin ta' din il-leġiżlatura, ir-rata ta' impjiegi tan-nisa żdiedet bi kważi sitt punti perċentwali.

Suċċess ieħor li nkiseb kien it-tnaqqis fil-qgħad, speċjalment fost iż-żgħażagħ. Infatti, r-rata ta' qgħad niżlet għal livell rekord baxx ta' 4.9 fil-mija f'Lulju ta' din is-sena, filwaqt li dik taż-żgħażagħ kienet ta' 10.8 fil-mija. In-numru ta' żgħażagħ jirreġistraw niżel minn 1,250 jirreġistraw għal 326 biss.

Dan filwaqt li fl-istess perijodu r-rata ta' inflazzjoni baqgħet f'livell relativament baxx ta' 1 fil-mija hekk kif imkejla mill-*Harmonised Index of Consumer Prices* (HICP), u ta' 0.82 fil-mija hekk kif imkejla mir-*Retail Price Index* (RPI), f'Awissu ta' din is-sena.

Ksibna suċċessi anke fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali, fejn fl-ewwel seba' xhur ta' din is-sena, l-esportazzjoni ta' prodotti netti mill-kummerċ taż-żejt żdiedet b'€454 miljun, meta mqabbel mal-istess perijodu tas-sena l-oħra. Żidiet sostanzjali ġew irreġistrati wkoll fl-esportazzjoni tas-servizzi, inkluż it-turiżmu, fejn fl-ewwel seba' xhur ta' din is-sena, jekk neskludu lill-*cruise passengers*, Malta laqgħet mal-1.1 miljun turist. Dan ifisser żieda ta' kważi 10 fil-mija meta mqabbel mal-istess perijodu fl-2015.

Dan wassal biex l-infiq tat-turisti żdied bi 5.4 fil-mija filwaqt li l-ammont ta' ljieli li qattgħu Malta żdied b'7.3 fil-mija.

Dawn ir-riżultati pożittivi ħallew impatt pożittiv ukoll fil-*Global Competitiveness Report* maħruġ mill-fondazzjoni internazzjonali *World Economic Forum*. Infatti, skont l-aħħar edizzjoni tal-*Global Competitiveness Index* (2016-2017), Malta avvanzat mhux anqas

minn tmien postijiet bis-saħħa ta' titjib sostanzjali u sostenibbli fil-finanzi pubbliċi. Minn 138 pajjiż madwar id-dinja, Malta issa telgħet għall-40 post.

Ngħaddu issa għall-finanzi pubbliċi

It-titjib li bdejna bih mill-ewwel f'dan is-settur kompla matul din is-sena. Infatti għal din is-sena, id-defiċit tal-fondi pubbliċi qed nistennew li jkun ta' 0.7 fil-mija, titjib ta' 0.4 punti perċentwali fuq l-istima baġitarja oriġinali għal din is-sena, u titjib ta' 0.7 punti perċentwali fuq is-sena li għaddiet. Il-mira tagħna, għal bilanċ fiskali favorevoli, nistgħu ngħidu li qiegħed fuq l-għatba.

Parti integrali mis-sitwazzjoni finanzjarja tal-fondi pubbliċi hi d-dejn pubbliku kif imqabbel mal-Prodott Domestiku Gross, jew aħjar, bħala perċentwal tiegħu. Dan jagħtina indikazzjoni tal-piż tad-dejn pubbliku fuq l-ekonomija tagħna. Fl-aħħar tal-2013 id-dejn niżel għal 68.6 fil-mija; fl-aħħar tal-2014 niżel għal 67.1 fil-mija, filwaqt li fl-aħħar tal-2015 nieżel għal 64 fil-mija. Din is-sena qed nistennew li jkompli jinżel għal 63.3 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross. Dan juri li l-familji Maltin u Għawdxin, li fil-maġġoranza tagħhom jobgħodu d-djun, qed jaraw li ta' kull sena qed jirnexxielna nilħqu l-miri li nkunu kkalkulajna.

Dan kollu sar filwaqt li ma qgħadniex lura milli niffinanzjaw il-bżonnijiet, dejjem jikbru, tas-saħħa, l-edukazzjoni u sigurtà soċjali.

**Tbassir tal-Andament tal-Ekonomija u l-Finanzi Pubbliċi**

Qabel ma ngħaddi għat-tbassir ekonomiku lokali nixtieq nagħti ftit ħarsa lejn it-tbassir internazzjonali għas-snin li ġejjin. L-aħħar tbassir maħruġ mill-Fond Monetarju Internazzjonali irreveda 'l isfel it-tkabbir ekonomiku globali mistenni għas-sena dieħla għal 3.4 fil-mija.

Fil-każ ta' Malta, t-tkabbir reali huwa mistenni li jkun ta' 3.5 fil-mija u ta' 5.8 fil-mija f'termini nominali. It-tkabbir mistenni li jkun iġġenerat miż-żieda fil-konsum privat u l-investment. Il-konsum privat mistenni jikber grazzi għaż-żieda qawwija fl-impjiegi u fid-dħul net mit-taxxi, permezz ta' żieda fil-pagi fi sfond ta' inflazzjoni li mistennija tkun moderata. Min-naħa l-oħra, t-tkabbir fl-investiment huwa rifless fin-numru ta' proġetti, kemm fis-settur privat kif ukoll fis-settur pubbliku, li mistennija jibdew fis-snin li ġejjin.

Fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali, qed nistennew żieda fl-esportazzjoni ta' 2.8 fil-mija għall-2017. Iż-żieda fl-importazzjoni mistennija titla' għal 4.2 fil-mija fl-2017 peress li għas-sena dieħla qed nipprevedu żieda fl-importazzjoni ta' makkinarju meħtieġ għad-diversi proġetti li ser isiru.

L-inflazzjoni, imkejla mill-HICP, mistennija tibqa' f'livell moderat ta' 1.5 fil-mija għas-sena dieħla.

Fil-qasam tax-xogħol, qed inbassru li t-tkabbir fl-impjiegi ser jibqa' pjuttost b'saħħtu u jkun ta' 2.7 fil-mija filwaqt li r-rata ta' qgħad mistennija tibqa' f'livell rekord baxx ta' 5.0 fil-mija.

Fl-2017, id-defiċit mistenni jinżel għal 0.5 fil-mija u l-piż tad-dejn għal 61.9 fil-mija tal- Prodott Domestiku Gross.

Kif qed taraw mill-istimi fiskali, dan il-Gvern determinat li jaqta' l-iżbilanċ fiskali għal kollox biex Malta tibda tirreġistra bilanċ favorevoli u b'hekk jirnexxielna nniżlu d-dejn pubbliku għal taħt is-60 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross. Dan ifisser l-anqas defiċit minn meta bdew jinġabru l-figuri u l-anqas piż tad-dejn nazzjonali fl-ahhar 18-il sena.

**Kumpens għall-Għoli tal-Ħajja**

Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja għas-sena d-dieħla ser tkun ta' €1.75 fil-ġimgħa.

Skont l-istatistika tal-RPI għal Settembru, li ġiet ippublikata dalgħodu mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, u li tinħadem b' mekkaniżmu maqbul bejn l-imsieħba soċjali, l-għoli tal-ħajja kkalkulat bejn Ottubru 2015 u Settembru 2016, fil-fatt, jwassal għal żieda ta' €1.16 fil-ġimgħa. Madanakollu, għas-sena d-dieħla l-Gvern iddeċieda li jantiċipa d-differenza ta' 59 ċenteżmu, biex, meta l-għoli tal-ħajja, minn sena għall-oħra, jaqbeż il-€1.75 fil-

ġimgħa, iż-żieda fis-sena rispettiva tkun aġġustata 'l isfel b'din id-differenza.

Din mhix l-ewwel sena li sar arranġament simili. Din iż-żieda ser tingħata lill-impjegati kollha, inkluż, kif inhi l-prassi, lill-pensjonanti u lil dawk li qegħdin fuq il-benefiċċji soċjali. Fir-rigward tal-istudenti, l-istipendji ser jerggħu jogħlew b'żieda pro-rata.

**Miżuri fiskali fl-isfond tat-twettiq tar-riforma fl-eko-kontribuzzjoni**

Wara li sena ilu ħabbart ir-riforma fl-eko-kontribuzzjoni, illum xtaqt inħabbar li sal-aħħar ta' din is-sena se nkunu wettaqna kompletament din ir-riforma. Fil-fatt qed inħabbar it-tneħħija ta' din it-taxxa minn fuq il-batteriji, is-saqqijiet, id-deterġenti, it-*toiletries*, il-*filters* tal-vetturi. kif ukoll oġġetti u kontenituri tal-plastik użati fil-kċina. Għalhekk, uħud minn dawn il-prodotti mistennija jorħsu fil-prezz.

Bħala parti mir-responsabilità ambjentali, il-Gvern ħass li għalkemm l-eko-kontribuzzjoni fuq il-prodotti qed titneħħa, hemm bżonn qafas leġiżlattiv aktar effettiv għat-*toiletries* u anke għall-batteriji minħabba l-konsum sinifikanti tagħhom.

It-*toiletries* se jidħlu fir-reġim tas-sisa mill-1 ta' Jannar 2017 sabiex l-importaturi konċernati jkollhom ċans jaġġustaw għas-sistema l-ġdida. Din is-sistema se tkun aktar ġusta kemm mil-lat ambjentali

kif ukoll minn dak kummerċjali, għax it-taxxa relattivament żgħira se tkun applikabbli fuq il-volum tal-prodott.
Minn għada, is-sisa fuq il-boroż is-suwed tal-iskart li ma humiex *bio-degradable* se tiżdied sabiex inħeġġu lill-poplu Malti u Għawdxi jirriċikla iktar l-iskart fil-boroż il-griżi u l-ħodor. Għaldaqstant, dawn tal-aħħar kif ukoll il-boroż is-suwed bio-degredabbli se jibqgħu kompletament eżentati mit-taxxa tas-sisa.

Biex inkomplu nnaqqsu l-prevalenza tat-titjip f'pajjiżna, is-sigaretti u s-sigarri se jogħlew b'medja ta' 3.76 fil-mija filwaqt li t-tabakk tal-brim ser jogħla b'5.5 fil-mija.

Is-sisa fuq xarbiet mhux alcoħoliċi qed togħla b'żewġ ċenteżmi kull litru. Ir-rata fuq l-ilma sa tibqa' l-istess biex ninkuraġġixxu xarbiet aktar sani u li jwasslu għal stil ta' ħajja aktar b'saħħitha.

Filwaqt li nilqgħu l-fatt li s-settur tal-kostruzzjoni reġa' beda jikber, nemmnu li hemm bżonn li nieħdu miżuri biex dan is-settur iħallas għall-impatt tiegħu fuq l-ambjent. Għaldaqstant, f'dan il-baġit se nintroduċu t-taxxa tas-sisa fuq materjal użat fis-settur tal-kostruzzjoni, partikolarment fil-bini fuq skala kbira. Id-dħul minnha jkun jista jaghmel tajjeb għat-titjib ambjentali f'pajjiżna. Mill-1 ta' Jannar 2017, it-travi u l-istrutturi tal-ħadid, il-vireg, ix-xibka, folji tal-ħġieġ użati fil-kostruzzjoni u l-madum se jkunu soġġetti għas-sisa. Minbarra dan, il-Gvern irid jassigura li kumpaniji Maltin li jħallsu t-taxxa fuq is-siment ma jiġux żvantaġġati fil-konfront ta' dawk

barranin. Għalhekk, l-importazzjoni ta' blajjet u planki tal-konkos se tkun intaxxata b'rata komparabbli għal dawk mixtrija lokalment. It-tabelli annessi ma' dan id-diskors juru l-aġġustamenti fir-reġim tas-sisa fuq il-prodotti msemmija hawn fuq.

### *Miżuri fiskali biex jinċentivaw l-attività ekonomika*

### **Rifużjoni ta' taxxa minn fuq dividendi**

Mis-sena d-dieħla, dawk l-azzjonisti li jibdew jirċievu dividendi fuq profitti li jkunu saru wara l-1 ta' Jannar 2017 minn kumpaniji li huma llistjati fil-Borża ta' Malta, se jibdew jieħdu rifużjoni ta' taxxa fuq dividendi li jiddikjaraw fil-formola tat-taxxa, skont ir-rata tat-taxxa applikabbli. Din il-miżura tapplika għal min għandu mhux iżjed minn 0.5 fil-mija tal-kapital nominali tal-ishma u d-drittijiet għall-profitti.
B'hekk, numru sostanzjali ta' individwi, fosthom anzjani, li jinvestu fuq il-Borża ta' Malta, se jibdew igawdu minn tnaqqis fit-taxxa.

### **Konċessjoni għat-trasferiment ta' negozju**

Fis-sena 2017 se nkunu qed nagħtu konċessjoni ta' 12-il xahar fit-tnaqqis tal-boll, minn 5 fil-mija għal 1.5 fil-mija, meta ġenitur jittrasferixxi n-negozju lit-tfal tiegħu. Dan għandu jgħin ħafna negozji tal-familja biex jibqgħu mexjin 'l quddiem.

***First-time buyers***

Bi pjaċir inħabbar li l-miżura tal-*first-time buyers* se terġa' tiġi estiża għal sena oħra. Koppji żgħażagħ u individwi li qed jixtru l-ewwel propjetà tagħhom, u li tkun għal skop ta' residenza, se jibqgħu jiġu eżentati mit-taxxa tal-boll fuq l-ewwel €150,000 għas-sena d-dieħla wkoll.

**Skemi ta' rifużjoni lil first time buyers ta' spejjeż fuq xogħol ta' restawr**

Biex inkomplu nnaqqsu l-ispejjeż fuq xogħolijiet fuq propjetà fil-UCA jew fuq bini ieħor skedat band'oĦra fl-Ewwel u fit-Tieni Grad, l-Awtorità tal-Ippjanar se tniedi żewġ skemi ġodda li permezz tagħhom first time buyers jibbenefikaw sa massimu ta' €100,000 fuq spejjeż li jkunu nefqu.[1]

**Inċentivi għax-xiri ta' propjetà f'Għawdex**

Mhux hekk biss, iżda, għal sena waħda, se nniedu inċentiv ġdid fejn xerrejja li jixtru residenza f'Għawdex ser jibbenefikaw minn tnaqqis fir-rata tal-boll, minn 5 fil-mija għal 2 fil-mija. Dan jgħodd għal min jidħol f'konvenju matul l-2017 u jkun reġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni sal-31 ta' Diċembru 2017, u jikkonkludi l-kuntratt sal-aħħar tal-2018.

**Propjetà ġejja minn wirt li tinbiegħ bis-subbasta**

Fil-preżent, propjetà ġejja minn wirt u li tinbiegħ fil-Qorti bis-subbasta, qed tkun intaxxata bir-rata fissa ta' 7 fil-mija jekk din l-istess proprjetà tkun intirtet qabel Novembru 1992. Min-naħa l-oħra, proprjetà li tkun intirtet wara din id-data u li tinbiegħ bis-subbasta, qed tkun suġġetta għall-taxxa provviżorja fuq qliegħ kapitali ta' 7 fil-mija. F'dawn il-każijiet, għalhekk, tkun trid timtela formola tas-*self-assessment* fejn ikun irid jiġi ddikjarat il-qliegħ kapitali, jekk ikun il-każ, u jiġu applikati r-rati normali tat-taxxa.

Inħass il-bżonn li, biex ikun hemm aktar ekwità bejn werrieta li jkunu involuti f'bejgħ bis-subbasta u anke biex ikun ssimplifikat il-proċess tal-ġbir tat-taxxa fuq dan it-tip ta' trasferiment, kull proprjetà li tkun ġejja minn wirt u li tiġi trasferita permezz ta' bejgħ bis-subbasta, ser tibda tkun intaxxata b'rata finali ta' 7 fil-mija.

**Xiri ta' vetturi mingħand min jikkwalifika għal eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni**

Se nagħmlu tibdil fil-metodu ta' kif tinħadem it-taxxa tar-reġistrazzjoni dovuta f'każijiet meta tinxtara vettura mingħand persuna li tkun ingħatat eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni għal raġuni ta' diżabilità, u din il-persuna titrasferixxi l-vettura lil xi ħadd li ma jikkwalifikax għal din l-eżenzjoni. Permezz ta' arranġamenti ġodda, l-ammont dovut, riżultat tal-eżenzjoni, ser jinfirex b'mod ekwu fuq medda ta' 10 snin.

**Reġistrazzjoni ta' kuntratti ta' kirjiet**

Diġà daħħalna l-għażla ta' rata favorevoli (15 fil-mija) fit-taxxa tad-dħul biex ninkuraġġixxu d-dikjarazzjoni ta' dħul minn kirjiet fuq bini kemm domestiku, kif ukoll kummerċjali. Konna ċari mill-bidu nett dwar il-ħtieġa ta' kontrolli biex nindirizzaw l-evażjoni minn dan is-sors ta' dħul.

Għal dan il-għan, mis-sena d-dieħla, ser indaħħlu sistema fejn ftehim ta' kuntratti ta' kera għal tliet xhur jew aktar, inklużi dawk ta' tiġdid ta' kera, iridu jiġu reġistrati mad-Dipartimenti tat-Taxxi Interni. Kemm is-sid kif ukoll il-kerrej jistgħu jirreġistraw il-kuntratt iżda, fin-nuqqas ta' dan, is-sid ikun suġġett għal penalitajiet ikkontemplati fil-liġi tat-taxxa tad-dħul.

# TABELLA 1.1

**IL-QAGĦDA FISKALI 2015 - 2019**

| | 2015 Attwali €'000 | | 2016 Rivedut €'000 | | 2017 Estimi €'000 | | 2018 Estimi €'000 | | 2019 Estimi €'000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 3,195,486 | | 3,360,533 | | 3,542,304 | | 3,756,906 | | 3,915,281 | |
| Dħul Ieħor | 439,312 | | 323,355 | | 345,299 | | 379,861 | | 382,428 | |
| Dħul Totali | | 3,634,798 | | 3,683,888 | | 3,887,603 | | 4,136,767 | | 4,297,709 |
| Nefqa Rikurrenti | | 3,056,833 | | 3,261,361 | | 3,434,868 | | 3,525,674 | | 3,680,077 |
| Nefqa Kapitali | | 578,469 | | 365,073 | | 361,927 | | 431,243 | | 412,532 |
| Bilanċ qabel l-Imgħax | (504) | | 57,454 | | 90,808 | | 179,850 | | 205,100 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 232,331 | | 224,454 | | 219,108 | | 215,550 | | 213,300 |
| Bilanċ / (□bilanċ) Rikurrenti | 345,634 | | 198,073 | | 233,627 | | 395,543 | | 404,332 | |
| **(□bilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(232,835)** | | **(167,000)** | | **(128,300)** | | **(35,700)** | | **(8,200)** |
| *Finanzjament* | | | | | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(349,377)* | | *(485,399)* | | *(372,926)* | | *(391,694)* | | *(437,227)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(3,261)* | | *(3,261)* | | *(3,261)* | | *(1,631)* | | *-* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(6,465)* | | *(6,465)* | | *(1,663)* | | *(57)* | | *(57)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds Specjali MG* | *(25,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(44,071)* | | *(14,584)* | | *(32,600)* | | *(2,600)* | | *(2,600)* | |
| *EFSF / ESM Credit Line Facility* | *0* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern* | *40,416* | | *11,984* | | *2* | | *2* | | *2* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | *-* | | *-* | | *-* | | *90,000* | | *-* | |
| *Bejgħ ta' Ishma / Assi* | *758* | | *1,131* | | *889* | | *889* | | *889* | |
| | | *(387,000)* | | *(551,094)* | | *(464,059)* | | *(359,591)* | | *(493,493)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(619,835)* | | *(718,094)* | | *(592,359)* | | *(395,291)* | | *(501,693)* |
| *Self Barrani* | | *-* | | *-* | | *-* | | *-* | | *-* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(23,536)* | | *(170,138)* | | *(288,232)* | | *(280,591)* | | *(175,882)* | |
| *Self Lokali* | *473,233* | | *600,000* | | *600,000* | | *500,000* | | *500,000* | |
| | | *449,697* | | *429,862* | | *311,768* | | *219,409* | | *324,118* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(170,138)* | | *(288,232)* | | *(280,591)* | | *(175,882)* | | *(177,575)* |
| **(□bilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(232,835)** | | **(167,000)** | | **(128,300)** | | **(35,700)** | | **(8,200)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Esti□** | | **112,566** | | **100,000** | | **78,300** | | **16,700** | | **18,200** |
| **(□bilanċ) / Bilanċ tal-Gvern Esti□** | | **(120,269)** | | **(67,000)** | | **(50,000)** | | **(19,000)** | | **10,000** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **8,788,351** | | **9,293,130** | | **9,835,659** | | **10,337,278** | | **10,854,142** | |
| **(□bilanċ) / Bilanċ tal-Gvern Esti□ bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-1.4%** | | **-0.7%** | | **-0.5%** | | **-0.2%** | | **0.1%** | |

## TABELLA 1.2

### IL-BILANĊ TAD-DEJN TAL-GVERN

| | | | | | *€'000* |
|---|---|---|---|---|---|
| | **2015** | **2016** | **2017** | **2018** | **2019** |
| *Stocks* tal-Gvern | 4,953,923 | 5,128,888 | 5,346,141 | 5,432,232 | 5,475,563 |
| *Bills* tat-Te□or | 222,050 | 366,000 | 358,359 | 253,650 | 255,343 |
| Self Lokali ma' Banek Kummerċjali | 56,379 | - | - | - | - |
| Self minn Barra | 29,775 | 19,366 | 8,955 | 1,091 | 967 |
| *EBU's* / Kunsilli Lokali | 120,118 | 121,070 | 121,070 | 121,070 | 121,070 |
| Munita | 68,510 | 77,484 | 87,257 | 98,187 | 110,568 |
| EFSF (*Debt Re-Routing*) | 171,189 | 171,189 | 171,189 | 171,189 | 171,189 |
| **Dejn tal-Gvern Esti□** | **5,621,944** | **5,883,997** | **6,092,971** | **6,077,419** | **6,134,700** |
| Prodott Domestiku Gross | 8,788,351 | 9,293,130 | 9,835,659 | 10,337,278 | 10,854,142 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **63.97%** | **63.32%** | **61.95%** | **58.79%** | **56.52%** |

# TABELLA 1.3

**IL-QAGĦDA FISKALI 2015 - 2016**

| | 2015 | | 2016 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Attwali** | | **Approvat** | | **Rivedut** | |
| | **€'000** | | **€'000** | | **€'000** | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 3,195,486 | | 3,279,838 | | 3,360,533 | |
| Dħul Ieħor | 439,312 | | 333,406 | | 323,355 | |
| Dħul Totali | | 3,634,798 | | 3,613,244 | | 3,683,888 |
| Nefqa Rikurrenti | | 3,056,833 | | 3,205,598 | | 3,261,361 |
| Nefqa Kapitali | | 578,469 | | 376,756 | | 365,073 |
| Bilanc qabel l-Imgħax | (504) | | 30,890 | | 57,454 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 232,331 | | 226,890 | | 224,454 |
| Bilanċ / (□bilanċ) Rikurrenti | 345,634 | | 180,756 | | 198,073 | |
| **(□bilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(232,835)** | | **(196,000)** | | **(167,000)** |
| *Finanzjament* | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(349,377)* | | *(474,489)* | | *(485,399)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(3,261)* | | *(3,261)* | | *(3,261)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barrani* | *(6,465)* | | *(6,465)* | | *(6,465)* | |
| *Kontribuzzjonijiet Sinking Fund Specjali MGS* | *(25,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(44,071)* | | *(14,584)* | | *(14,584)* | |
| *EFSF / ESM Credit Line Facility* | *0* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern* | *40,416* | | *11,986* | | *11,984* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | *-* | | *-* | | *-* | |
| *Bejgħ ta' Ishma /Assi* | *758* | | *889* | | *1,131* | |
| | | *(387,000)* | | *(540,424)* | | *(551,094)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(619,835)* | | *(736,424)* | | *(718,094)* |
| *Self Barrani* | | *-* | | *-* | | *-* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(23,536)* | | *(97,886)* | | *(170,138)* | |
| *Self Lokali* | *473,233* | | *600,000* | | *600,000* | |
| | | *449,697* | | *502,114* | | *429,862* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(170,138)* | | *(234,310)* | | *(288,232)* |
| **(□bilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(232,835)** | | **(196,000)** | | **(167,000)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Esti□** | | **112,566** | | **94,000** | | **100,000** |
| **(□bilanċ) tal-Gvern Esti□** | | **(120,269)** | | **(102,000)** | | **(67,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **8,788,351** | | **8,983,420** | | **9,293,130** | |
| **(□bilanċ) tal-Gvern Esti□ bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-1.4%** | | **-1.1%** | | **-0.7%** | |

[1] Għal dawn iż-żewġ skemi hemm allokazzjoni ta' €8 miljun li joħorġu mill-iskema ta' regolarizazzjoni fi ħdan l-Awtorità. Dettalji dwar kif se jitħaddmu dawn iż-żewġ skemi se jitħabbru mill-Awtorità nnifisha.

**TABELLA 1.4 Bidliet fir-rati tad-Dazju tas-Sisa**

| **KAP. 382, It-Tielet Skeda – Tabakk Manifatturat** | | |
|---|---|---|
| **Prodott** | **Rati Attwali** | **Rati Ġodda** |
| **Cigarettes (Sigaretti)** | *25.0% tal-prezz fis-suq (retail price), kif ukoll €100 kull 1000 sigarett imma mhux inqas minn €160 kull 1000 sigarett* | 23.4% tal-prezz fis-suq (*retail price*), kif ukoll €107 kull 1000 sigarett imma mhux inqas minn €165 kull 1000 sigarett<br>***Id-dazju tas-sisa fuq is-sigaretti qed jiżdied bi 3.76%.***<br>B'effett mis-17 ta' Ottubru 2016. |
| **Cigars and Cigarillos (Sigarri u *Cigarillos*)** | €24.33 kull 1000 sigarru/ *cigarillo* | €25.24 kull 1000 sigarru/ *cigarillo*<br>***Id-dazju tas-sisa fuq is-sigarri u cigarillos qed jiżdied bi 3.76%.***<br>B'effett mis-17 ta' Ottubru 2016 |
| **Hand-Rolling Tobacco (Tabakk tal-Brim)** | €115.64 kull kilogramm | €122 kull kilogramm<br>***It-tabakk tal-brim qed jogħla b'medja ta' 5.5%.***<br>B'effett mis-17 ta' Ottubru 2016 |

| | | |
|---|---|---|
| **Other Smoking Tobacco (Tabakk ieħor)** | €115.64 kull kilogramm | €122 kull kilogramm<br>***Dan it-tabakk qed jogħla b'medja ta' 5.5%.***<br>B'effett mis-17 ta' Ottubru 2016 |
| **Pipe Tobacco and Shisha (Tabakk tal-Pipa u x-*Shisha*)** | €34.49 kull kilogramm | €36.40 kull kilogramm<br>***Dan it-tabakk qed jogħla b'medja ta' 5.5%.***<br>B'effett mis-17 ta' Ottubru 2016 |
| **KAP. 382, Skeda Ħamsa E – Xarbiet Non-alkoħoliċi** | | |
| **Xarbiet mhux alkoħoliċi li jaqgħu taħt CN Heading 2202, minbarra dawk li jaqgħu taħt CN Codes 2202 90 91, 2202 90 95 u 2202 90 99** | €20 kull 1000 litru | €40 kull 1000 litru<br>***Xarbiet non alkoħoliċi qed jogħlew b'żewġ ċenteżmi ta' ewro kull litru.***<br>***Ir-rata tas-sisa fuq l-ilma baqgħet mhix mittiefsa.***<br>B'effett mis-17 ta' Ottubru 2016 |

| **KAP. 382, Skeda Ħamsa F – Boroż u basktijiet tal-plastik** | | |
|---|---|---|
| **Boroż tal-plastik li jaqgħu taħt *HS Codes* 3923 21 u 3923 29 speċifikament mixtrija għall-użu ta' skart mhux riċiklabbli** | €250 kull 100 kilogramm sa massimu ta' €170 kull 10,000 borża | €425 kull 100 kilogramm sa massimu ta' €305 kull 10,000 borża<br><br>***Il-borża s-sewda biss, li normalment jintrema fiha skart mhux riċiklabbli, qed tiżdied b'0.012 ċenteżmu ta' ewro kull borża.***<br>***Ir-rata tal-boroż tal-plastik l-oħra tinżamm mhix mittiefsa'. Boroż tal-plastik bio-degradable qed jinżammu zero rated. Il-boroż il-griżi u dawk ħodor, bħall-boroż bio-degradable, baqgħu mhux intaxxati.***<br><br>B'effett mis-17 ta' Ottubru 2016 |

| **KAP. 382, Skeda Ħamsa G – *Toiletries* u preparazzjonijiet tal-ħasil (skeda ġdida)** | | |
|---|---|---|
| **Fwieħa u *toilet waters* li jaqgħu taħt *CN Heading* 3303** | *Dawn l-oġġetti qabel kienu suġġetti għall-Eko-kontribuzzjoni.* | €220 kull 100 litru ***(żewġ ewro u għoxrin ċenteżmu sisa fuq kull litru)*** B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |
| ***Make-up,* prodotti tal-ġilda u prodotti oħra tas-sbuħija li jaqgħu taħt *CN Heading* 3304** | *Dawn l-oġġetti qabel kienu suġġetti għall-Eko-kontribuzzjoni.* | €50 kull 100 litru / kilogramm ***(ħamsin ċenteżmu ta' ewro sisa fuq kull litru jew kilogramm)*** B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |
| **Prodotti tax-xagħar li jaqgħu taħt *CN Heading* 3305, minbarra *shampoo* li jaqa' taħt *HS Code* 3305 10 00** | *Dawn l-oġġetti qabel kienu suġġetti għall-Eko-kontribuzzjoni.* | €50 kull 100 litru / kilogramm ***(ħamsin ċenteżmu ta' ewro sisa fuq kull litru jew kilogramm)*** B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |

| | | |
|---|---|---|
| ***Shampoo* li jaqa' taħt *HS Code* 3305 10 00** | *Dawn l-oġġetti qabel kienu suġġetti għall-Eko-kontribuzzjoni.* | €3 kull 100 litru<br><br>***(tliet ċenteżmi ta' ewro sisa fuq kull litru)***<br><br>B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |
| **Prodotti ta' tindif personali, deodoranti u prodotti simili li jaqgħu taħt *CN Heading* 3307, minbarra dawk li jaqgħu taħt *HS Codes* 3307 10 00 u 33017 41 00** | *Dawn l-oġġetti qabel kienu suġġetti għall-Eko-kontribuzzjoni.* | €3 kull 100 litru/ kilogramm<br><br>***(tliet ċenteżmi ta' ewro sisa fuq kull litru jew kilogramm)***<br><br>B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |
| ***Aftershave, room-deodorisers* u prodotti simili li jaqgħu taħt *HS Code* 3307 10 00 u *HS Code* 3307 41 00** | *Dawn l-oġġetti qabel kienu suġġetti għall-Eko-kontribuzzjoni.* | €50 kull 100 litru / kilogramm<br><br>***(ħamsin ċenteżmu ta' ewro sisa fuq kull litru jew kilogramm)***<br><br>B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |
| **Prodotti tas-sapun u *shower gels* li jaqgħu taħt *CN Heading* 3401** | *Dawn l-oġġetti qabel kienu suġġetti għall-Eko-kontribuzzjoni* | €3 kull 100 litru/ kilogramm<br><br>***(tliet ċenteżmi ta' ewro sisa fuq kull litru jew kilogramm)***<br><br>B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |

| KAP. 382, Skeda Ħamsa H – Komponenti tal-kostruzzjoni u oġġetti relatati (skeda ġdida) | | |
|---|---|---|
| **Strutturi tal-konkrit pre-fabrikati li jaqgħu taħt *HS Code* 6810 91 00, minbarra dawk li fil-manifattura tagħhom ikun intuża siment u ħadid diġà intaxxat taħt dan l-Att** | Xejn | €25.60 sisa kull 1000 kilogramm<br><br>***Biex ma jkunx hemm ġbir ta' taxxa doppja, strutturi tal-konkrit li fil-manifattura tagħhom ikun intuża siment u ħadid li fuqhom tkun diġà tħallset it-taxxa tas-sisa, qed jiġu eżentati.***<br><br>B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |
| **Madum taċ-Ċeramika li jaqa' taħt *CN Heading* 6907 u *CN Heading* 6908** | Xejn | €7.50 kull 1000 kilogramm<br><br>***(0.0075 ċenteżmu ta' ewro sisa kull kilo)***<br><br>B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |
| **Folji tal-ħġieġ li jaqgħu taħt *CN Heading* 7005** | Xejn | €16 kull 1000 kilogramm<br><br>***(0.016 ċenteżmu ta' ewro sisa kull kilo)***<br><br>B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |

| | | |
|---|---|---|
| **Vireg tal-ħadid li jaqgħu taħt *CN Heading* 7213, minbarra dawk li jaqgħu taħt *HS Code* 7213 10 00, 7213 91 10, 7213 91 49 imma li jinkludu wkoll dawk li jaqgħu taħt *CN Heading* 7214 minbarra 7214 20 00** | xejn | €30 kull 1000 kilogramm<br><br>***(tliet ċenteżmi ta' ewro sisa kull kilo)***<br><br>B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |
| **Vireg tal-ħadid kif speċifikament definiti f'*HS Code* 7213 10 00** | Xejn | €5 kull 1000 kilogramm<br><br>***(0.005 ċenteżmu ta' ewro sisa kull kilo)***<br><br>B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |
| **Vireg tal-ħadid li jaqgħu taħt HS Codes 7213 91 10, 7213 91 49, 7214 20 00** | Xejn | **€15 kull 1000 kilogramm**<br><br>***(0.015 ċenteżmu ta' ewro sisa kull kilo)***<br><br>B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |
| **Travi tal-ħadid li jaqgħu taħt *CN Heading* 7216** | Xejn | €50 kull 1000 kilogramm<br><br>***(ħames ċenteżmi ta' ewro sisa kull kilo)***<br><br>B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |

| | | |
|---|---|---|
| **Xibka tal-ħadid li taqa' taħt *HS Codes* 7314 20 10, 7314 20 90 u 7314 39 00** | Xejn | €30 kull 1000 kilogramm<br><br>***(tliet ċenteżmi ta' ewro kull kilo)***<br><br>B'effett mill-1 ta' Jannar 2017 |

## Ġid li jasal għand kulħadd

Sur President, il-baġits li ġew ippreżentati minn dan il-Gvern urew biċ-ċar, li l-Gvern qed jimxi fuq pjan, li l-għan aħħari tiegħu hu li l-ġid li jinħoloq jasal għand kulħadd. L-ewwel pass kruċjali kien li tiġi stabilizzata l-ekonomija akkost ta' kollox, inkluż li naċċettaw bil-quddiem il-baġit tal-gvern ta' qabilna. It-tieni pass kien li nikkonċentraw ir-riżorsi kollha biex noħolqu l-ġid permezz tal-ħolqien tal-impjiegi. It-tielet pass, dak tal-lum, li naraw li l-ġid jasal għand kulħadd filwaqt li nkomplu nkabbru l-ekonomija.

Filwaqt li huma ħafna dawk li jitkellmu fuq il-faqar jew ir-riskju ta' faqar, dan il-Gvern permezz tal-pjan tiegħu, qed jimplimenta serje ta' miżuri li jwasslu finalment sabiex eluf ta' familji jibdew jinqalgħu mill-faqar jew riskju ta' faqar.

Għal dan il-Gvern, il-faqar m'huwiex perċezzjoni iżda realtà li qed niġġieldu bil-fatti.

Dan qed ngħidu Sur President, għax il-kawżi prinċipali għalfejn ċertu familji jaqgħu fil-faqar huma magħrufa minn dan il-Gvern. Dawn huma n-nuqqas ta' xogħol, ix-xogħol bi dħul baxx, primarjament għal dawk li s-sistema edukattiva ma ppreparathomx biżżejjed, l-anzjanità, speċjalment għall-familji li jiddependu biss minn pensjoni waħda, u fl-aħħarnett, dawk il-familji kollha li l-problemi ta' saħħa u problemi oħra jġiegħluhom jiddependu fuq l-istat għall-manteniment tagħhom. Dawn qed jiġu ndirizzati lkoll.

**Ħolqien tal-ġid bix-xogħol**

Fl-ewwel disa' xhur ta' din il-leġiżlatura, jiġifieri matul l-2013, il-Gvern irnexxielu jwaqqaf in-numru ta' familji f'riskju ta' faqar u l-esklużjoni soċjali milli jkompli jiżdied, filwaqt li niżżel dan in-numru b'madwar 5,000 ruħ fis-sena ta' wara. Irridu ngħidu li dan kollu sar għall-ewwel darba f'10 snin. Mhux qed ngħiduh aħna imma qed tgħidu il-Eurostat. Bil-miżuri li qed inressqu f'dan il-baġit, nistennew li l-faqar ikompli jonqos.

Dan kollu sar s'issa permezz tal-ħolqien tax-xogħol. In-numru ta' riformi permezz tal-miżuri baġitarji rnexxielhom inaqqsu l-qgħad, jinkoraġġixxu persuni, l-iktar nisa, biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol, u oħrajn biex jagħżlu x-xogħol minflok id-dipendenzi fuq il-benefiċċji soċjali. Dawn kollha huma familji li raw dħul ġdid u bdew igawdu mir-rispett li tgawdi familja li ssir finanzjarjament indipendenti.

Minn mindu bdejna dawn l-iskemi tat-*Tapering*, kien hemm 1,322 persuna li kienu fuq l-assistenza soċjali, inkluż numru kbir ta' *single parents*, li bdew jaħdmu. Filwaqt li 2,050 persuna oħra li kienu jirċievu l-*unemployment assistance* għal aktar minn sentejn, sabu impjieg. Total ta' 3,450 persuna.

**Għajnuna għal min jaħdem bi dħul baxx**

Fl-aħħar żewġ baġits daħħalna l-iskemi tal-*In-Work Benefit* biex filwaqt li nissuplimentaw d-dħul baxx, ninċentivaw lill-kapijiet ta'

familji bi tfal biex jaħdmu permezz ta' benefiċċju li jlaħħaq l-€1,000 għal kull wild. Għal din is-sena, l-iskema ġiet estiża għal koppji bi tfal fejn membru wieħed biss għandu xogħol.

F'dan il-baġit se nkomplu nsaħħu u ntejbu l-benefiċċju taż-żewġ skemi.

L-ewwelnett, se nkunu qed nestendu is-*ceilings* rispettivi taż-żewġ skemi.[1] Barra minn hekk, se ngħollu r-rati tal-*In-Work Benefit* għal kull wild taħt it-23 sena.

Għal koppji li jaħdmu it-tnejn, din se tfisser żieda ta' €200 fis-sena skont id-dħul u b'hekk il-benefiċċju issa ser jogħla minn €1,000 għal €1,200.

Għas-*single parents* li jaħdmu, ir-rati se jogħlew b'€50 fis-sena għal €1,250, filwaqt li għal koppji fejn wieħed biss jaħdem, ir-rati se jogħlew minn €150 sa massimu ta' €350 fis-sena skont id-dħul. B'hekk ser inkunu qed nolqtu 3,000 familja bi dħul baxx jew medju li se jiżdiedulhom il-flus fil-but.

Aktar dettalji jinsabu fin-nota fl-aħħar tal-kapitlu (Tabella 2.1)

**Żieda fl-Għajnuna Supplimentari**

Matul is-sena d-dieħla se nkunu qed nagħmlu riforma importanti fl-Għajnuna Supplimentari li titħallas lill-ħaddiema miżżewġin bi dħul

baxx, inkluż bil-Paga Minima, imma li m'għandhomx tfal taħt is-16-il sena u ma jieħdux *Children's Allowance*.

B'din ir-riforma se ngħollu is-*ceiling* preżenti tal-Għajnuna Supplimentari għall-miżżewġin minn €11,089 għal €13,000. Iżda mhux se jkunu biss il-miżżewġin li se jgawdu minn dan it-tibdil. Persuni *single* li jgħixu għal rashom, jaħdmu, u għandhom dħul nett ta' anqas minn €9,012, kif ukoll persuni *single* oħra, li jaħdmu u għandhom il-Paga Minima u m'għandhomx dħul nett li jaqbeż €9,012, se jibbenefikaw minn żieda ta' €126.36 fis-sena.

Minn din ir-riforma se jkunu qed igawdu mal-11,000 koppja u 5,000 persuna *single*, li jahdmu, total ta' 27,000 persuna.

Il-miżuri li għadni kif ħabbart, jiġifieri tal-*In-Work Benefit* u tal-Għajnuna Supplimentari, flimkien maż-żieda għall-Għoli tal-Ħajja, se jwasslu għal titjib konsiderevoli fid-dħul tal-familji Maltin u l-Għawxin, bl-akbar żidiet jingħataw lill-familji li jaħdmu iżda li għandhom dħul baxx jew medju. Fl-istess ħin, ridna nħallu l-inċentiv li ġenitur jaqbillu li jibda jaħdem.

Permezz ta' dawn ir-riformi, u meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-COLA, kull min qiegħed bil-*Minimum Wage* se jiżdied mill-inqas b'€4 fil-ġimgħa, jew €208 fis-sena. Din iż-żieda se jerfagħha kollha l-Gvern.

Fit-tabelli fl-aħħar ta' dan il-kapitlu qed nagħtu l-istampa sħiħa tal-effett sħiħ tal-miżuri mħabbra favur il-familji. (Tabella 2.2)

***Ngħinu lill-Pensjonanti***

**Pensjoni minima għall-miżżewġin**

Sur President, f'dan il-baġit ser nerġgħu inżidu l-pensjonijiet għat-tieni sena wara l-oħra. Dan qed isir wara 25 sena mingħajr żidiet.

Fil-baġit li għadda konna tellajna il-pensjoni minima għal €140 fil-ġimgħa għal eluf ta' pensjonanti. Il-Gvern b'hekk irnexxielu jagħmel dak li ma għamilx dak ta' qablu għal bosta snin. Lill-pensjonanti miżżewġa fuq pensjoni waħda u minima konna żidnihom b'€4.15 fil-ġimgħa.

Inħossu li din is-sena għandna inkomplu nwieżnu lil dawn il-pensjonanti u anzjani miżżewġin b'pensjoni minima. Għaldaqstant, minn Jannar li ġej, se nkunu qed nagħtu żieda oħra ta' €4 fil-ġimgħa (jew €208 fis-sena). Din iż-żieda se titħallas pro-rata ukoll lil min għandu l-pensjoni tiegħu ftit ogħla mill-Pensjoni Minima.

Iż-żieda mħabbra se titħallas ukoll lill-pensjonanti miżżewġin li jieħdu l-Pensjoni tal-Età. Minn din il-miżura se jibbenefikaw madwar 2,500 pensjonanti miżżewġin.

**Ħelsien mit-taxxa fuq pensjonijiet**

Dan il-baġit qed idaħħal riforma oħra kbira għax qed ngħidu li l-pensjonanti li għandhom aktar minn 61 sena m'humiex se jibqgħu iħallsu *income tax* fuq pensjoni jew pensjonijiet li jistgħu jiġu minn sorsi differenti, inkluż dik tas-sigurtà soċjali, tat-teżor, kif ukoll pensjonijiet lokali jew barranin li jammontaw sa massimu ta' €13,000. Din ir-riforma ser titqassam fuq medda ta' sentejn. Fl-aħħar tas-sentejn, pensjonant ser ikun iggwadanja ħelsien mit-taxxa sa massimu ta' €585 fis-sena.[2]

Sur President, din hija miżura li mistennija li tolqot mhux inqas minn 22,000 pensjonant. Iktar minn hekk hemm 9,000 pensjonant li mhux se jibqgħu iħallsu taxxa permezz ta' din il-miżura.

Biex tinżamm l-ekwità fiskali bejn persuni single u l-miżżewġin fil-każ ta' anzjani miżżewgin, minbarra it-tneħħija tat-taxxa fuq id-dħul fuq il-pensjonijiet sa €13,000, ser jingħataw tnaqqis ieħor min kull dħul taxxabli sa massimu ta' €1,000.

Din il-miżura se titwettaq fuq medda ta' sentejn kif gej:

Persuni fuq rata ta' *single* se jingħataw tnaqqis mit-taxxa fuq dħul mill-pensjoni ta' €10,500 fl-2017, li jitla' għal €13,000 fl-2018. Għal persuni b'rata ta' miżżewġin ser jingħataw tnaqqis mit-taxxa fuq dħul mill-pensjoni kollha, jiġifieri sa €13,000 fl-2017. It-tnaqqis l-

ieħor għall-koppji pensjonanti miżżewġa jitqassam billi jkun €500 fl-2017 u jitla' għal €1,000 fl-2018.

Dawk il-pensjonanti li jikkwalifikaw għar-rati ta' ġenituri (*parent*) jgawdu wkoll minn din il-miżura billi fl-2017 ser jingħata għal kull ġenitur tnaqqis ta' taxxa fuq dħul mill-pensjoni sa €11,500. Fl-2018 dan it-tnaqqis jitla' għal €13,000. (Tabella 2.3)

**Għajnuna Supplimentari għall-anzjani**

L-għajnuna supplimentari li ħabbart għall-ħaddiema fuq il-paga minima ser tapplika wkoll għall-anzjani bi dħul baxx. Bis-saħħa ta' din ir-riforma, se nkunu qed inżidu sostanzjalment id-dħul ta' madwar 9,500 pensjonanti miżżewġin li jgħixu b'pensjoni waħda, biex b'hekk, nolqtu wkoll il-koppji li mhux se jibbenefikaw mil-qtugħ fit-taxxa. Aktar dettalji jinsabu f'tabella 2.4.

**Għotja ta' €300 fis-sena**

Se nerġgħu nestendu l-għotja ta' €300 fis-sena lil dawk li għalqu l-75 (ħamsa u sebgħin) sena u li għadhom jgħixu fid-djar tagħhom.

***Bonus* għal min ħallas il-kontribuzzjonijiet imma m'għandux pensjoni**

Fil-baġit għall-2014, konna daħħalna għall-ewwel darba *bonus* li beda jitħallas kull sena lil numru ta' nies, l-aktar nisa miżżewġa, li jkunu ħallsu kontribuzzjonijiet matul ħajjithom iżda ma ħallsux

biżżejjed biex jikkwalifikaw għal pensjoni. Mill-1 ta' Jannar li ġej se nkunu qed inżidu dan il-*bonus* b'€50 fis-sena. B'hekk, il-*bonus* ta' dawk li jkunu laħqu l-età tal-irtirar iżda m'għalqux 75 sena u li ħallsu aktar minn sena kontribuzzjonijiet iżda anqas minn 5 snin, se jiżdied minn €100 għal €150, filwaqt li l-*bonus* ta' dawk li ħallsu aktar minn 5 snin kontribuzzjonijiet se jiżdied minn €200 għal €250 fis-sena. B'din il-miżura se jibbenefikaw madwar 12,500 persuna.

**Pensjonanti tas-servizz**

Mis-sena d-dieħla se nkunu qed nerġgħu inżidu €200 oħra fl-ammont ta' pensjoni tas-servizz li jitnaqqas mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali. Din il-miżura se tkun qed tolqot aktar minn 5,000 pensjonant tas-servizz.

**Tneħħija ta' diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru**

Matul din is-sena il-Kabinett, u aktar tard il-Parlament, approva emendi fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali li jneħħu kull forma ta' diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru u li kienu ilhom hemm għal snin sħaħ.

Permezz ta' dawn l-emendi fost oħrajn, se tispiċċa d-differenza fir-rati fissi jew minimi bejn l-irġiel u n-nisa. Qed nirrevedu l-pensjonijiet ta' dawn in-nisa biex inneħħu din id-diskriminazzjoni. Għal dawn in-nisa dan se jfisser żieda fil-pensjoni tagħhom li tista' titla' sa madwar €20 fil-ġimgħa.

**Riforma fil-Pensjoni tal-Wens u l-*Allowance* ta' *Carer***

Il-Gvern hu kommess li l-anzjani jibqgħu jgħixu kemm jista' jkun fi djarhom u fil-komunità. Dan iwassal għal sens akbar ta' dinjità. Bi pjaċir illum nista' nħabbar riforma fil-Pensjoni tal-Wens u fl-*Allowance* għal *Carer* li se tkun qed titwettaq matul is-sena d-dieħla, fejn il-benefiċċju ser jiżdied b'mod sostanzjali, filwaqt li l-benefiċċju tal-Pensjoni tal-Wens ser jitħallas mingħajr test tal-mezzi. Dan il-benefiċċju se jkun ta' €140 fil-ġimgħa li jfisser żieda ta' €35 fil-ġimgħa jew żieda f'sena ta' €1,820 aktar mir-rata preżenti tal-Pensjoni tal-Wens.

Mill-2017, dik li illum hija l-Pensjoni tal-Wens u li titħallas biss wara test tal-mezzi tal-*carer* u f'każ fejn il-pazjent juża *wheelchair* jew ikun ikkonfinat f'sodda, se tinbidel f'*Increased Carers' Allowance* u se titħallas lil dawk il-*carers*, inkluż il-miżżewġin, b'xi kundizzjonijiet, li jkunu qegħdin jieħdu ħsieb persuna fir-residenza tagħhom li jkollha grad għoli ta' dipendenza.

Min-naħa l-oħra il-*Carers' Allowance* se titħallas lil dawk il-*carers* li jkunu qed jieħdu ħsieb persuna fir-residenza tagħhom, u li jkollha grad medju ta dipendenza. Ir-rata tal-*Carers' Allowance* se tkun ta' €90 fil-ġimgħa li jfisser €14 fil-ġimgħa jew €728 fis-sena aktar mir-rata preżenti.  F'dan il-każ id-dritt għal dan il-benefiċċju se jibqa' skont test tal-mezzi tal-*carer*.

L-assessjar tal-grad ta' dipendenza se jibda jsir minn professjonisti skont il-*Barthel Index* u l-*Mini-Mental Score*. B'dan il-mod se nkunu qed nagħmlu ġustizzja ma' aktar nies li jidħlu għall-impenn u l-vokazzjoni diffiċli li jiddedikaw ħajjithom biex jieħdu ħsieb qraba li jeħtieġu kura kontinwa waqt li nikkontribwixxu biex l-anzjani b'mod speċjali inżommuhom fil-komunità u fl-imħabba ta' qrabathom.

## COLA lill-pensjonanti

Kif għidt fil-bidu tad-diskors, il-pensjonijiet kollha, bħal kull sena se jkunu qed jogħlew biż-żieda sħiħa għall-għoli tal-ħajja. Bħas-soltu parti miż-żieda tkun fir-rata tal-pensjoni u l-kumplament ikun fil-*bonus* għall-għoli tal-ħajja. L-għajnuniet soċjali jogħlew b'żewġ terzi taż-żieda tal-għoli tal-ħajja bħalma jiġri kull sena.

Fit-tabelli fl-aħħar ta' dan il-kapitlu qed nagħtu l-istampa tal-effett sħiħ taż-żieda ta' €4 fil-ġimgħa, ir-riforma fl-Għajnuna Supplimentari u l-COLA lill-pensjonanti. (Tabella 2.4)

## Riforma fil-Pensjoni tad-Diżabilità

M'hemm l-ebda dubju li l-persuni b'diżabilità huma punt fokali tal-politika soċjali ta' dan il-Gvern. Fil-Manifest Elettorali, wegħdna li se nsaħħu l-benefiċċji imħallsa lil persuni b'diżabilità. Fl-2014 żidna ir-rata tal-*Allowance* tat-Tfal b'Diżabilità. Fl-2015 daħħalna il-miżura li biha d-dħul mill-impjieg beda jiġi injorat kollu kemm hu ghall-finijiet tal-kalkolu tal-Pensjoni tad-Diżabilità.

Issa jmiss li nagħmlu pass ieħor kbir ’il quddiem u naħsbu f’dawk li minħabba d-diżabilità tagħhom ma jistgħu qatt ikunu f’pożizzjoni li jaħdmu u b’hekk jikkumplimentaw id-dħul mill-pensjoni mad-dħul mix-xogħol. Għalhekk, matul is-sena d-dieħla se nkunu qed nagħmlu riforma f’dan il-qasam fejn se nkunu qed nistabbilixxu tliet livelli ta’ ħlasijiet skont il-livell ta’ diżabilità.

L-ewwel livell se jikkonċerna lil dawk il-persuni b’diżabilità li assolutament ma’ jistgħux jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol skont il-*Barthel Index*. Dawn se jkunu qed jirċievu l-ogħla rata ta’ benefiċċju li se tiżdied, bil-għan li eventwalment u gradwalment, din ir-rata tkun ekwivalenti għall-ammont nett li persuna ddaħħal mill-Paga Minima.

It-tieni livell se jkun bħal dak imħallas illum u se jkun qed jiġbor fih lil dawk il-persuni li d-diżabilità tagħhom taqa’ fil-parametri tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u jkunu jaħdmu jew jistgħu jaħdmu. Hawnhekk, il-Gvern se jkompli bir-riforma li permezz tagħha, mijiet ta’ persuni b’diżabilità daħlu fid-dinja tax-xogħol għall-ewwel darba.

It-tielet livell se jkun qiegħed gradwalment jiġbor fih diżabilitajiet li sal-lum għadhom m’humiex koperti bil-liġi u persuni li sal-lum ma jieħdux benefiċċju. Fil-fatt b’dan il-mod se nkunu wkoll qed inwettqu wegħda elettorali oħra li tikkonċerna lil persuni taħt is-60 sena li għax għandhom riġel jew driegħ wieħed nieqes, sal-lum

m'humiex ikkunsidrati bħala persuni b'diżabiltà għall-fini tal-Pensjoni tad-Diżabilità.

Barra minn hekk, għal dawk li se jkunu qed jieħdu l-Pensjoni tad-Diżabiltà fl-ewwel livell li semmejt aktar 'il fuq, id-dħul li jkun ġej minn xi benefiċċji jew pensjonijiet oħra, anke minn barra, mhux se jibqa' jiġi ikkunsidrat fl-assessjar tal-eliġibilità tal-Karta r-Roża. U għal dawk fit-tieni livell, id-dħul mill-impjieg mhux se jibqa' jiġi kkunsidrat fl-assessjar tal-Karta r-Roża. B'dan il-mod inkunu qed nagħmlu ġustizzja meta tqis li ħafna mill-persuni b'diżabilità jkollhom bżonn attenzjoni medika.

Miżura oħra li se ndaħħlu hija li persuni li jirċievu l-Pensjoni tad-Diżabilità u li jkunu eliġibbli għall-mediċini b'xejn se jibdew jingħataw il-Karta r-Roża għal sena u mhux għal tliet xhur kif qed jiġri illum. Dan se jiffranka ħafna tbatija u skariġġ għall-persuni infushom u għal qrabathom.

**Reviżjoni tas-sussidju fuq il-kera**

It-tkabbir ekonomiku b'saħħtu li qed jesperjenza pajjiżna f'dawn l-aħħar snin qed iwassal sabiex togħla d-domanda għall-propjetà, u dan qed ikollu impatt fuq il-prezzijiet tal-propjetà u l-kirjiet. Għaldaqstant il-Gvern se jkun qed jieħu passi konkreti sabiex dawk il-familji l-aktar vulnerabbli ma jbatux minn dawn iż-żidiet. Għalhekk mis-sena dieħla, il-Gvern se jirdoppja s-sussidju li bħalissa jingħata lil 1,400 familji.

Dan is-sussidju llum ivarja minn €66.67 sa €83.33 skont id-dħul u d-daqs tal-familja. Dan issa ser jirdoppja, jiġifieri jitla' għal bejn €133.34 u €166.66. Ser nestendu wkoll il-kriterji għal min jibbenefika sabiex nilħqu l-mira tagħna li nirdoppjaw in-numru ta' familji li jibbenefikaw minn din il-miżura minn 1,400 għal 2,800.

Biex wieħed jikkwalifika għal dawn il-benefiċċji irid jippreżenta kuntratt tal-kera. Min qiegħed diġà fis-sistema preżenti u ma jagħmilx dan, jibqa' bis-sussidju attwali.

**Reviżjoni tal-kera minima fuq djar mikrija mill-Gvern**

B'riżultat ta' emendi fil-Kodiċi Ċivili dwar il-kera introdotti mill-Gvern ta' qabel fl-2009, ġie stabbilit li l-ammont minimu ta' kera ta' dar ta' abitazzjoni li għandu jitħallas japplika mhux biss għall-postijiet residenzjali mikrija mis-settur privat, iżda wkoll għal dawk ir-residenzi mikrija mingħand il-Gvern/Awtorità tad-Djar.
Matul is-snin, din il-parti tal-liġi tal-kera ġiet applikata b'mod awtomatiku u b'hekk postijiet ta' abitazzjoni mikrija mingħand il-Gvern kellhom il-kera tagħhom fis-sena aġġustata skont l-anqas kera stabbilita bil-liġi fl-2010, 2013 u 2016 rispettivament.
Dan il-Gvern ħa d-deċiżjonijiet li jsewwi dan kollu.

Mis-sena d-dieħla din il-parti tal-Kodiċi Ċivili mhux ser tkompli tapplika, u b'hekk, iż-żidiet fil-kera għal dawk li jagħlqilhom il-kuntratt, ma tibqax tiġi applikata għall-kirjiet ta' postijiet ta' abitazzjoni mikrija mingħand il-Gvern/Awtorità tad-Djar.

Barra minn hekk ser jiġi mrodd lura l-ħlas li sar taż-żieda fil-kera imposta fuqhom mis-sena 2013 'l hawn.[3]

## Rati preferenzjali fuq ċertu kirjiet

Sabiex inkomplu nassiguraw li familji bi dħul baxx ikollhom assigurazzjoni fejn tidħol ir-residenza li qegħdin jikru, il-Gvern ser iniedi proġett pilota fuq 100 każ. Dawk is-sidien li qegħdin jikru lill-familji bi dħul baxx, jidħlu f'kuntratt ta' kera għal seba' snin u ser iħallsu taxxa b'rata imnaqqsa ta' 5 fil-mija fuq il-kirja. Dan ma japplikax fejn hemm *Special Designated Areas*. Matul il-ġimgħat li ġejjin ser inkunu qegħdin inħabbru il-kriterji li bihom ser titħaddem din il-miżura.

## Twaqqif ta' fond biex nindirizzaw l-ilmenti tal-imgħoddi

Il-Gvern hu konxju li t-tibdiliet minn żmien għal żmien fis-sistema tal-pensjonijiet setgħu ħolqu anomaliji li għal ħafna persuni baqgħu jinħassu bħala inġustizzji kbar fir-rigward tagħhom, u b'hekk ma setgħux isibu s-serħan tal-moħħ fl-iktar perjodu kritiku ta' ħajjithom, dak tal-anzjanità. Qed nitkellmu hawn dwar ex-ħaddiema tal-korpi tas-snin sebgħin, ex-impjegati tal-*Malta Electricity Board*, il-każ tal-*overtime* tal-pulizija, ex-ħaddiema tax-xatt, u oħrajn.

Dejjem għidna li biex il-pajjiż jagħmel tajjeb għalihom kollha irid jivvota mijiet ta' miljuni ta' ewro. Min-naħa l-oħra, dawn l-weġgħat

u lmenti ma nistgħux ma nagħtux kashom. Min ġie qabilna, għal raġunijiet li jaf hu, qatt ma ta kas dawn l-ilmenti. Aħna, kif wegħdna, se nibdew nindirizzawhom fuq medda ta' snin.

Diġà ħadna l-ewwel pass meta ftit ilu ħallasna l-ammont dovut lill-ex-impjegati tas-Sea Malta.

Bi pjaċir inħabbar li f'dan il-baġit qed nagħmlu pass importanti bl-allokazzjoni ta' €8 miljun għas-sena 2017 għat-twaqqif ta' fond li minnu se nkunu qed nagħmlu l-ewwel ħlasijiet lil persuni minn dawk li għadni kif semmejt.

Il-ħsieb tagħna hu li nwaqqfu bord li nagħtuh l-inkarigu li jamministra dan il-fond u li, wara li jagħmel il-konsultazzjonijiet meħtieġa, ifassal mekkaniżmu u proċeduri ġusti dwar kif għandhom jiġu ttrattati dawn il-każijiet u jsiru l-ħlasijiet b'mod trasparenti u kontabbli fuq medda ta' snin.

B'hekk nibdew nagħlqu ferita li ilha miftuħa snin sħaħ.

**Sussidju għas-servizz ta' *Care Worker* lill-anzjani f'darhom**

Il-Gvern qiegħed dejjem jaħdem biex isaħħaħ is-servizzi fil-komunità, sabiex l-anzjani jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu f'darhom u qrib il-familjari tagħhom. Għal din is-sena, il-Gvern ser jiddedika somma oħra biex ikun estiż il-proġett tal-*Carer at Home*. B'din l-iskema, l-anzjani li qed jistennew biex jidħlu f'waħda mid-djar tal-anzjani, jkollhom il-possibilità li jqabbdu *care worker* tal-għażla

tagħhom, *full-time* jew *part-time* u jieħdu għajnuna finanzjarja proporzjonata, sa massimu ekwivalenti għal €5,200 fis-sena.

**Government Savings Bonds għall-Pensjonanti**

F'dawn l-aħħar snin ir-rati ta' imgħaxx fuq kontijiet bankarji fissi niżlu sew. Dan qed iwassal għal tnaqqis qawwi fid-dħul addizzjonali li pensjonanti seta' kellhom mill-interessi. Biex ngħinu lil dawn il-pensjonanti itejbu d-dħul tagħhom, se nibdlu l-liġi dwar il-Bills tat-Teżor ta' Malta biex inkunu nistgħu noħorġu *Savings Bonds*, b'rati attraenti, indirizzati apposta għall-bżonnijiet tal-pensjonanti. B'hekk, pensjonanti issa jkunu jistghu jinvestu f'Bonds tal-Gvern b'rata tal-imgħaxx aħjar milli joffri s-suq.

**Reviżjoni tal-*means test***

Kif konna wegħdna fil-manifest elettorali, gradwalment se nkunu qed nirrevedu 'il fuq il-limiti fuq il-kapital li taħthom persuni bi dħul baxx jew f'riskju ta' faqar jikkwalifikaw għall-benefiċċji mhux kontributorji. Dan sabiex dawn it-*thresholds* ikunu aktar realistiċi. B'hekk persuni fil-bżonn se jiġu mgħejuna tanġibilment biex inkomplu nbegħduhom mir-riskju tal-faqar.

Fl-istess ħin irridu inżommu bilanċ bejn l-għajnuna li aħna fid-dmir li nagħtu lil min verament jeħtieġa, u l-politika ta' dan il-gvern li jnaqqas id-dipendenzi fuq il-benefiċċji soċjali, politika li fl-aħħar tliet snin irnexxiet bil-kbir.

Għalhekk bħala parti minn din ir-riforma li se nagħmlu fil-mekkaniżmu tal-ittestjar tal-mezzi se noħolqu *threshold* wieħed għal assistenzi mhux kontributarji kollha, inkluż tal-Kartuna r-Roża. B'hekk dawn issa ser ikunu kollha hekk: €23,300 għall-miżżewġin, u €14,000 għall-persuni *single*. Dan ifisser li l-limitu tal-kapital għall-miżżewġin biex jikkwalifikaw għall-Karta r-Roża se jiżdied b'€7,000 filwaqt li dak tal-persuni *single* se jitla' bi kważi €4,700.

B'dan l-ewwel tibdil huwa mistenni li jibbenefikaw madwar 1,000 persuna, il-biċċa l-kbira anzjani u pensjonanti, li issa jistgħu jikkwalifikaw għall-Karta r-Roża li tagħtihom id-dritt għall-mediċini b'xejn.

**Konklużjoni**

Sur President, dawn il-miżuri kollha huma mmirati biex iżidu d-dħul ta' eluf ta' familji, huma x'inhuma iċ-ċirkostanzi li jwassluhom li jkollhom dħul baxx. Dan il-Gvern qed juri biċ-ċar li lil dawn il-familji mhu se jinsihom qatt, u li l-ġid fil-fatt, se jasal għand kulħadd. Nikkonkludi bil-wegħda ta' dan il-Gvern li jrid li fi żmien tlett snin l-ebda tifel u tifla ta' *working family* ma jibqgħu fil-faqar.

[1] Għal koppji li jaħdmu t-tnejn, is-*ceiling* se jgħola minn €20,400 għal €24,000 fis-sena. Għas-*single parents* li jaħdmu, is-*ceiling* se jgħola minn €15,000 għal €16,500 fis-sena, filwaqt li għal koppji fejn wieħed biss jaħdem, is-*ceiling* se jgħola minn €13,000 għal €16,500 fis-sena.

[2] Billi esiġejna li kull gwadann finanzjarju massimu li jingħata jkun l-istess għal kull livell tad-dħul tal-individwu, it-*tax brackets* li jeżistu llum u r-rata tagħhom ser jibqgħu japplikaw rispettivament għal dak id-dħul li jaqbeż it-€13,000. Dan id-dħul jibda jigi intaxxat bir-rati ta' 15, 25 jew 35 fil-mija rispettivament.

[3] Din il-miżura tapplika speċifikament u biss għall-dawk il-postijiet residenzjali li huma proprjeta' tal-Gvern jew l-Awtorità tad-Djar u li kellhom il-kirja tagħhom miżjuda minħabba l-fatt li **l-kera kienet anqas mill-minimu stabbilit** mis-Sezzjoni 1531C tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk, din ma tapplikax għal dawk iż-żidiet fil-kera li, per eżempju, kienu riżultat ta' reviżjoni tal-kera skont il-kuntratt tal-istess kera, liema każijiet ma jaqawx taħt l-iskop ta' din il-miżura.

**Tabella 2.1:** ***In-Work Benefit*** **- Ir-rati bħalissa u ż-żiedit proposti skont kategoriji differenti ta' dħul**

| Kategoriji ta' dħul | Rati Bħalissa | Rati Ġodda |
|---|---|---|
| | | |
| **Ġenitur Wieħed** | **Jaħdem** | **Rati** |
| €6,600 - €14,999 | Massimu ta' €1,200 | Ir-rati jiżdiedu b'€50 |
| €15,000 - €16,500 | €0 | Ir-rati jiżdiedu b'€50 |
| | | |
| **Zewġ Ġenituri** | **Tnejn jaħdmu** | **Rati** |
| €10,000 - €20,399 | Massimu ta' €1000 | Ir-rati jiżdiedu b'€200 |
| €20,400 - €24,000 | €0 | Ir-rati jvarjaw minn €170 għal €100 |
| | | |
| **Żewġ Ġenituri** | **Wieħed jaħdem** | **Rati** |
| €6,600 – €9,499 | Massimu ta' €150 | Ir-rati jiżdiedu għal €350 |
| €9,500 – €11,999 | Massimu ta' €150 | Ir-rati jiżdiedu għal €300 |
| €12,000 - €12,699 | Massimu ta' €150 | Ir-rati jiżdiedu għal €250 |
| €12,700 - €12,999 | €0 | Ir-rati jiżdiedu għal €250 |
| €13,000 - €13,999 | €0 | Ir-rati jiżdiedu għal €150 |
| €14,000 - €14,999 | €0 | Ir-rati jiżdiedu għal €100 |
| €15,000 - €16,500 | €0 | Ir-rati jiżdiedu għal €52 |

## Tabella 2.2: Iż-żieda netta fil-gimgħa għal kategorija differenti ta' familji

| Koppja fejn wiehed mill-genituri jahdem | B'Paga Minima waħda jew l-ekwivalenti tagħha | Oħrajn bi dhul annwali medju bażiku u nett bejn €8,500 u €13,900 | Oħrajn bi dħul annwali medju baziku u nett bejn €13,901 u €16,500 |
|---|---|---|---|
| | Żieda netta fil-ġimgħa* € | | |
| Bla tfal | 4.38 | 3.50 | 1.75 |
| Wild (1) taħt is-16-il sena | 5.38 | 4.58 | 3.10 |
| Żewġ (2) ulied taħt is-16-il sena | 9.22 | 7.59 | 4.40 |
| Tlett (3) ulied taħt is-16-il sena | 13.07 | 10.61 | 6.00 |

**** Min ma jkollux tfal taħt is-16-il sena iżda jkollu tfal bejn 16 u 23 sena ukoll se jgawdi minn żidiet bis-saħħa tar-riforma fl-Għajnuna Supplimentari***

| Genitur wiehed jahdem (Single Parent) | B'Paga Minima waħda jew l-ekwivalenti tagħha | Oħrajn bi dħul annwali bażiku medju u nett ta' bejn €8,500 u €16,500 |
|---|---|---|
| | Żieda netta fil-ġimgħa € | |
| Wild (1) taħt is-16-il sena | 4.08 | 2.67 |
| Żewġ (2) ulied taħt is-16-il sena | 5.04 | 3.63 |
| Tlett (3) ulied taħt is-16-il sena | 6.00 | 4.59 |

| Koppja jahdmu t-tnejn | B'zewg pagi minimi jew ekwivalenti taghhom | Ohrajn b'dħul annwali bażiku medju u nett bejn €16,920 u €26,850 |
|---|---|---|
| | Żieda netta fil-ġimgħa € | |
| Wild (1) taħt is-16-il sena | 7.01 | 5.20 |
| Żewġ (2) ulied taħt is-16-il sena | 10.85 | 7.26 |
| Tlett (3) ulied taħt is-16-il sena | 14.70 | 8.99 |

| **Persuni single li jaħdmu u li għandhom il-Paga Minima** | **Żieda netta fil-ġimgħa €** |
| --- | --- |
| Bi dhul annwali medju baziku u nett li ma jaqbiżx €9,012 | 4.00 |

**Tabella 2.3: Xenarji ta’ dħul għall-pensjonanti skont i l-komputazzjoni tat-taxxa**

| Pensjonant bi dħul ta' €19,200 b'rati tas-singoli | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **2017: Dħul mill-pensjoni mhux intaxxat jogħla għal €10,500** | | | | |
| | **Dħul** | **Ammont ta' Taxxa Kurrenti** | **Ammont ta' taxxa f'2017** | **Tnaqqis fit-taxxa** |
| Pensjoni ta' DSS | €11,000 | €285 | €75 | €210 |
| Pensjoni tat-Teżor | €3,000 | €450 | €450 | €0 |
| Pensjoni minn Barra minn Malta | €2,000 | €450 | €450 | €0 |
| Dħul Ieħor | €3,200 | €800 | €800 | €0 |
| **Totali** | **€19,200** | **€1,985** | **€1,775** | **€210** |
| | | | | |
| **2018: Dħul mill-pensjoni mhux intaxxat jogħla għal €13,000** | | | | |
| | **Dħul** | **Ammont ta' Taxxa Kurrenti** | **Ammont ta' taxxa f'2018** | **Tnaqqis fit-taxxa** |
| Pensjoni ta' DSS | €11,000 | €285 | €0 | €285 |
| Pensjoni tat-Teżor | €3,000 | €450 | €150 | €300 |
| Pensjoni minn Barra minn Malta | €2,000 | €450 | €450 | €0 |
| Dħul Ieħor | €3,200 | €800 | €800 | €0 |
| **Totali** | **€19,200** | **€1,985** | **€1,400** | **€585** |

| Pensjonant bi dħul ta' €21,500 b'rati tal-miżżewġin | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **2017: Dħul mill-pensjoni mhux intaxxat jogħla għal €13,000** | | | | |
| | **Dħul** | **Ammont ta' Taxxa Kurrenti** | **Ammont ta' taxxa f'2017** | **Tnaqqis fit-taxxa** |
| Pensjoni ta' DSS | €11,000 | €0 | €0 | €0 |
| Pensjoni tat-Teżor | €3,000 | €195 | €150 | €45 |
| Pensjoni minn Barra minn Malta | €2,000 | €300 | €300 | €0 |
| Dħul Ieħor | €5,500 | €855 | €855 | €0 |
| **Sottototali** | **€21,500** | **€1,350** | **€1,305** | **€45** |
| €500 ta' dħul minn kwalunkwe sors addizjonali li ma titħallas taxxa fuqu (€500*0.15 = €75) | - | - | -€75 | €75 |
| **Totali** | **€21,500** | **€1,350** | **€1,230** | **€120** |
| | | | | |
| **2018: Dħul mill-pensjoni mhux intaxxat jogħla għal €13,000** | | | | |
| | **Dħul** | **Ammont ta' Taxxa Kurrenti** | **Ammont ta' taxxa f'2018** | **Tnaqqis fit-taxxa** |
| Pensjoni ta' DSS | €11,000 | €0 | €0 | €0 |
| Pensjoni tat-Teżor | €3,000 | €195 | €150 | €45 |
| Pensjoni minn Barra minn Malta | €2,000 | €300 | €300 | €0 |
| Dħul Ieħor | €5,500 | €855 | €855 | €0 |
| **Sottototali** | **€21,500** | **€1,350** | **€1,305** | **€45** |
| €1000 ta' dħul minn kwalunkwe sors addizjonali li ma titħallas taxxa fuqu (€1000*0.15 = €150) | - | - | -€150 | €150 |
| **Totali** | **€21,500** | **€1,350** | **€1,155** | **€195** |

| Pensjonant bi dħul ta' €16,000 b'rati tas-singoli | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **2017: Dħul mill-pensjoni mhux intaxxat jogħla għal €10,500** | | | | |
| | **Dħul** | **Ammont ta' Taxxa Kurrenti** | **Ammont ta' taxxa f'2017** | **Tnaqqis fit-taxxa** |
| Pensjoni ta' DSS | €13,000 | €585 | €375 | €210 |
| Dħul Ieħor | €3,000 | €600 | €600 | €0 |
| **Totali** | **€16,000** | **€1,185** | **€975** | **€210** |
| | | | | |
| **2018: Dħul mill-pensjoni mhux intaxxat jogħla għal €13,000** | | | | |
| | **Dħul** | **Ammont ta' Taxxa Kurrenti** | **Ammont ta' taxxa f'2018** | **Tnaqqis fit-taxxa** |
| Pensjoni ta' DSS | €13,000 | €585 | €0 | €585 |
| Dħul Ieħor | €3,000 | €600 | €600 | €0 |
| **Totali** | **€16,000** | **€1,185** | **€600** | **€585** |

| Pensjonant bi dħul ta' €18,000 b'rati tal-miżżewġin | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **2017: Dħul mill-pensjoni mhux intaxxat jogħla għal €13,000** | | | | |
| | **Dħul** | **Ammont ta' Taxxa Kurrenti** | **Ammont ta' taxxa f'2017** | **Tnaqqis fit-taxxa** |
| Pensjonijiet ta' DSS | €16,000 | €495 | €450 | €45 |
| Dħul Ieħor | €2,000 | €300 | €300 | €0 |
| **Sottototali** | **€18,000** | **€795** | **€750** | **€45** |
| €500 ta' dħul minn kwalunkwe sors addizjonali li ma titħallas taxxa fuqu (€500*0.15 = €75) | - | - | -€75 | €75 |
| **Totali** | **€18,000** | **€795** | **€675** | **€120** |
| | | | | |
| **2018: Dħul mill-pensjoni mhux intaxxat jogħla għal €13,000** | | | | |
| | **Dħul** | **Ammont ta' Taxxa Kurrenti** | **Ammont ta' taxxa f'2018** | **Tnaqqis fit-taxxa** |
| Pensjonijiet ta' DSS | €16,000 | €495 | €450 | €45 |
| Dħul Ieħor | €2,000 | €300 | €300 | €0 |
| **Sottototali** | **€18,000** | **€795** | **€750** | **€45** |
| €1000 ta' dħul minn kwalunkwe sors addizjonali li ma titħallas taxxa fuqu (€1000*0.15 = €150) | - | - | -€150 | €150 |
| **Totali** | **€18,000** | **€795** | **€600** | **€195** |

**Tabella 2.4: Żieda fil-ġimgħa għal kategoriji ta' pensjonanti**

| Pensjonanti miżżewġin | Żieda fil-ġimgħa € |
|---|---|
| Pensjoni tal-Età (miżżewġin) | 9.62 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali tal-Irtirar (rata ta' miżżewġin) jew rata ta' pensjoni komparabbli | Sa 9.62 |
| Dħul totali (inkluż minn pensjoni kontributorja u bonuses) minn €148 sa €164 fil-ġimgħa | Sa 5.90 |
| Dħul totali (inkluż minn pensjoni kontributorja u bonuses) minn €165 sa €184 fil-ġimgħa | Sa 5.44 |
| Dħul totali (inkluż minn pensjoni kontributorja) minn €185 sa €214 fil-ġimgħa | Sa 5.20 |
| Dħul totali (inkluż minn pensjoni kontributorja) minn €215 sa €250 fil-ġimgħa | Sa 4.25 |

## Ninvestu fl-edukazzjoni u t-taħriġ

Sur President, l-Gvern iħares lejn l-edukazzjoni u t-taħriġ mhux biss bħala pedament ewlieni li fuqu jrid jistrieħ l-iżvilupp ekonomiku tagħna, imma b'mod ekwu, inkomplu nilħqu aktar tfal u żgħażagħ biex noffrulhom aktar ħiliet li bihom ikunu jistgħu jsibu xogħol li permezz tiegħu kemm huma kif ukoll il-familji tagħhom, ikunu jistgħu jinqalgħu mill-faqar.

### Tagħlim ekwu u ta' kwalità

Se nissoktaw il-ħidma favur il-litteriżmu billi nkomplu nsaħħu s-servizzi offruti mil-libreriji u mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu waqt li se jinfetħu żewġ ċentri ġodda tal-Programm għal-Litteriżmu fil-Familji (NWAR).

Se nkomplu nsaħħu l-kors ta' sena skolastika u l-kors intensiv fil-Malti u l-Ingliż kommunikattiv fis-sajf għal studenti mhux Maltin li ma jafux jikkomunikaw la bil-Malti u lanqas bl-Ingliż. Se niftħu Ċentru ieħor Nazzjonali tal-Kurrikulu f'Għawdex.

### Negħlbu l-illitteriżmu permezz tal-isport

Fl-2017, se nagħtu bidu għal proġett ġdid imfassal apposta biex negħlbu l-illitteriżmu fl-iskejjel tagħna permezz tal-isport. L-għan ta' dan il-proġett hu li nużaw il-futbol bħala mezz kif tfal b'din il-problema ngħallmuhom jaqraw u ninkuraġġuhom iħobbu l-qari.

Dan il-proġett se nibdewh matul is-sena li ġejja f'erba' skejjel, kull waħda f'reġjun differenti, jiġifieri Bormla, Birkirkara, San Pawl il-Baħar u r-Rabat, Għawdex.

**Bini ta' skejjel u ċentri edukattivi**

Dan il-Gvern mhux se jibda l-bini ta' skola waħda s-sena d-dieħla kif kienu jgħidu li jagħmlu ta' qabilna, imma fil-fatt se jibda tlieta kif għamilna fl-aħħar sentejn. Se nibnu tliet skejjel primarji ġodda: f'San Pawl il-Baħar, Marsaskala u r-Rabat, Għawdex.

Barra minn hekk, se niftħu ċentru ieħor ġdid għall-ħarsien tat-tfal fl-iskola Primarja ta' San Ġiljan u nestendu l-iskola Primarja tar-Rabat, Malta biex l-iskola topera minn binja waħda.

Se nibnu sala ġdida fl-Iskola Sekondarja ta' Santa Luċija, nestendu u nsebbħu l-faċilitaijiet edukattivi tal-Iskola Guardian Angel fil-Ħamrun u l-faċilitaijiet edukattivi ġodda għall-Iskola San Miguel Resource Centre.

**Stipendji**

Se nkomplu bl-impenn tagħna li nsaħħu l-istipendji ta' studenti f'istituzzjonijiet post-sekondarji, għolja u terzjarji.

Għal sena oħra qed nerġgħu inżidu l-istipendji *pro rata* biż-żieda għall-għoli tal-ħajja.

Se nirrevedu t-*thresholds* tal-qligħ tal-istudenti b'rabta mal-eliġibilità għall-għotja supplimentari.

Studenti b'diżabilità u studenti li joqogħdu fi djar tal-Knisja u konservatorji, fost l-oħrajn, se jibdew jitqiesu awtomatikament eliġibbli għall-għotjiet ta' manteniment, inkluż l-għotja supplimentari.

Studenti li jagħmlu sena waħda addizzjonali fil-kors tagħhom se jingħataw stipendju wkoll għas-sena addizzjonali u jitqiesu bħala studenti li qed jirrepetu sena fil-kors tagħhom.

Mis-sena d-dieħla, studenti *full-time* li jkunu għadhom m'għalqux l-24 sena u li jagħmlu xi xogħol bħala *self-employed* se jkunu jistgħu jħallsu l-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali *pro rata* bir-rata ta' 15 fil-mija fuq id-dħul nett mix-xogħol.

Minn din is-sena skolastika, studenti li jagħlqu 16-il sena u jkomplu jistudjaw u jitħarrġu fil-Programm ta' Tagħlim Alternattiv f'Raħal Ġdid fil-Livell 3 tal-Qafas tal-Kwalifiki Malti fil-*hospitality and customer care* u fil-*welding and fabrication* se jkunu eliġibbli biex jingħataw stipendju wkoll.

Studenti li għal xi raġuni jiddeċiedu li jmorru għal kors ta' studju li jwassal għal kwalifiki aktar baxxi minn kors ta' studju bi kwalifiki aktar għolja jibqgħu jieħdu l-istipendju.

**L-użu tat-teknoloġija**

Din is-sena se jkun introdott l-użu edukattiv tat-*tablet* fil-klassijiet kollha tar-raba' sena tal-primarja fl-iskejjel kollha tal-Istat, tal-Knisja u dawk indipendenti.

Se nkomplu nsaħħu l-infrastruttura u l-aċċess għall-WIFI fl-iskejjel u nibdlu l-PCs li qabżu it-tmien snin fl-użu tagħhom fil-klassijiet tal-iskejjel primarji.

**Kunsill għall-Ħiliet (Skills Council)**

Se nibdew inħaddmu l-Kunsill għall-Ħiliet fejn inressqu l-imsieħba ekonomiċi ma' dawk edukattivi biex janalizzaw il-kompetenzi meħtieġa fis-suq tax-xogħol għas-snin li ġejjin biex l-istituzzjonijiet edukattivi tagħna jħarrġu studenti biex jiksbu dawn il-ħiliet għall-opportunitajiet ġodda ta' xogħol li qed noħolqu.

**Taħriġ għall-għalliema**

L-Istitut għat-Tagħlim se jkompli jaħdem biex l-edukaturi kollha, kemm ġodda kif ukoll dawk fis-servizz, jingħataw taħriġ biex isaħħu il-pedagoġija u jkomplu jaġġornaw ruħhom ma' metodi

ġodda ta' tagħlim b'mezzi moderni bħal korsijiet *on-line* biex ikunu jistgħu joffru kwalità ogħla ta' tagħlim.

Il-Gvern se jissieħeb ma' universitajiet barranin u lokali biex inħarrġu għalliema fil-pedagoġija ta' suġġetti vokazzjonali biex ikunu jistgħu jgħallmu suġġetti vokazzjonali fil-livell sekondarju.

Għas-sena d-dieħla wkoll, se nkunu qed nallokaw €400,000 għal persuni minn skejjel statali u minn skejjel oħra li jitolbu *leave* mħallas biex ikollhom ċans jistudjaw (*sabbatical*).

**Iktar investiment fl-Università ta' Malta...**

Se jissokta x-xogħol fuq proġetti kapitali fl-Università ta' Malta fosthom l-estensjoni tal-Materials Engineering Lab u tal-binjiet tal-Matematika u l-Fiżika, il-bini għall-Postdoc, il-bini għall-multi-reliġjon, ir-rinovazzjoni tal-kampus tal-Belt Valletta u tal-Junior College. Il-Gvern se jkun qed jikkontribwixxi biex isir University Residence and Community Car Park f'Tal-Qroqq. [i]

**... u fil-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija, l-MCAST**

Fil-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija se jissokta l-iżvilupp tal-kampus il-ġdid fuq il-binjiet tal-Istitut tal-Inġinerija u Trasport, il-Librerija u l-Learning Support Unit.

Se nkunu qed ninvestu f'korsijiet u f'servizzi fis-settur marittimu b'kollaborazzjoni ma' msieħba strateġiċi kif ukoll f'riżorsi ġodda għall-Istitut tal-Creative Arts.

Permezz tar-riforma fl-apprentistat, se niżguraw li t-taħriġ tal-apprendisti jkun ta' kwalità.

Il-Kulleġġ se jintroduċi wkoll *Research Framework* biex jitjieb il-livell ta' tagħlim permezz ta' riċerka li tkun relevanti u ta' koperazzjoni bejn l-istudenti u l-industrija kif ukoll bejn l-MCAST u l-industrija.

**Xjenza u riċerka u innovazzjoni**

Permezz taċ-Ċentru tax-Xjenza Esplora li sewa madwar €26 miljun li madwar nofshom ġew minn fondi Ewropej, se jkollna l-ewwel ċentru interattiv tax-xjenza b'attivitajiet oħra relatati, biex ix-xjenza ssir aktar popolari u aktar studenti jitħajru jagħżluh bħala suġġett li jistudjaw fil-futur. Il-viżjoni tagħna fit-tul hi li f'Malta jiżdiedu l-professjonisti fix-xjenza biex il-pajjiż ikollu l-kapital uman tant meħtieġ għal ekonomija kompetittiva ibbażata fuq l-għarfien – l-hekk imsejħa *knowledge-based economy*.

Fl-istess ħin, se nkomplu nagħtu għajnuna lil riċerkaturi lokali biex jiksbu appoġġ għax-xogħol tagħhom permezz ta' Horizon 2020 u skemi finanzjarji oħra.[ii]

**Taħriġ**

Bil-għan li nkomplu ninvestu fir-riżorsa umana u nġeddu l-impenn tagħna li nwittu t-triq għal kull individwu li jixtieq ikompli javvanza, Jobsplus se tissokta bil-programmi *Work Exposure*, *Traineeships, Access to Employment*, *Investing in Skills, Work Placement Scheme*, *Training Pays* u *Community Work Scheme*. Ser jibqa' jinħoloq ukoll xogħol permezz tad-*Document Management System for Public Documents* għal persuni b'diżabilità li qed ifittxu x-xogħol.[iii]

Ir-rati baxxi ta' qgħad fost iż-żgħażagħ ma jiġux weħidhom. Hu propju għalhekk li fassalna pjan ta' riformi li jpoġġu fuq nett soċjetà inklussiva li tħares 'il quddiem lejn l-opportunitajiet u mhux lejn l-ostakoli. Permezz tal-*Work Programme Initiative* se tkompli l-kollaborazzjoni mas-settur privat biex tingħata għajnuna lil individwi ta' 25 sena li ilhom ifittxu xogħol għal 12-il xahar jew aktar. Fl-istess waqt, se nkomplu noffru l-Garanzija għaż-Żgħażagħ biex nassiguraw li Malta jkollha l-anqas rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ.

Permezz ta' dawn l-inizjattivi se nkunu qed inpoġġu l-iżvilupp ta' ħiliet u opportunitajiet għal kull individwu fil-qofol tal-politika mħaddna minn dan il-Gvern. Dan filwaqt li nkomplu nsaħħu r-relazzjonijiet ma' min jimpjega bil-għan li nimxu bl-istess pass tad-domanda tas-suq tax-xogħol.

[i] Għal dawn il-proġetti kollha qed nallokaw 'il fuq minn €7 miljun għas-sena li ġejja.

[ii] Ninsabu preparati wkoll li nikkunsidraw b'mod pożittiv proposta li tressqet mill-Kamra tal-Kummerċ aktar kmieni din is-sena dwar it-twaqqif ta' organizzazzjoni bejn rappreżentanti tal-Kamra u ta' istituzzjonijiet bħalma huma l-Università, Malta Enterprise u l-MCAST. L-għan ta' din il-proposta hu li l-membri msieħba f'din l-organizzazzjoni jaħdmu flimkien biex l-industrija u istituzzjonijiet akkademiċi jwettqu programmi ta' riċerka fuq il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti magħżula u l-*marketing* tagħhom.

[iii] Dawn id-diversi skemi organizzati mill-Jobsplus għandhom l-għan li jagħtu taħriġ lill-parteċipanti f'ħiliet u snajja' li hawn domanda għalihom, jagħtuhom opportunità li jakkwistaw esperjenza prattika fil-ħila jew sengħa li togħġobhom; u jgħinuhom jakkwistaw kunfidenza fihom infushom b'mod li jiffaċilita l-bidla minn programmi ta' taħriġ għad-dinja tax-xogħol.

## Infrastruttura b’saħħitha għal ekonomija b’saħħitha

Il-qabżiet kbar li għamlet l-ekonomija f’dawn l-aħħar tliet snin bin-numru kbir ta’ viżitaturi barranin u numru ta’ persuni rekord li qed joħorġu minn djarhom kuljum biex jaħdmu qed joħolqu sfidi ġodda għall-infrastruttura u l-ambjent tal-pajjiż. Il-Gvern ippreparat ikompli jinvesti bil-kbir u kif ukoll jinkoraġġixxi lis-settur privat jinvesti biex il-pajjiż ikollu l-infrastruttura li tixraq lil pajjiżna. Il-Gvern irid jara li dan l-izvilupp ikun sostenibbli sabiex jinżamm il-bilanċ meħtieġ biex l-ambjent ikun protett.

### Enerġija

It - trasformazzjoni tal-Enemalta tkompli wara *upgrade* ieħor mil-*credit rating agencies.* Dan bis-saħħa ta' investment ta’ 80 miljun ewro li saru fi tliet snin mil-Enemalta fis-sistema tad-distribuzzjoni.

Wasal iż-żmien li ngawdu mill-impjant tal-elettriku l-ġdid li jaħdem bil-gass, speċjalment fi żmien meta l-prezz internazzjonali taż-żejt qed jogħla.

Dalwaqt se nagħlqu darba għal dejjem l-impjanti li jaħdmu bil-*heavy fuel oil* u jibdew joperaw iż-żewġ impjanti għall-ġenerazzjoni tal-elettriku bil-gass naturali.

Bis-saħħa ta’ dawn l-iżviluppi, il-Marsa Power Station ma tibqax aktar *on cold standby* u tiġi *decommissioned* kompletament,

ikompli ż-żarmar tat-turbini, boilers u ċmieni biex tkun tista’ tibda r-riġenerazzjoni ta’ din iż-żona fil-Marsa. Fl-2017 jibda wkoll iż-żarmar tal-eqdem impjant fid-*Delimara Power Station* li jinkludi boilers, turbini tal-fwar u ċ-ċumnija għolja 150 metru li ma tieqafx tarmi l-emissjonijiet.[1]

Hawn ta’ min isemmi li matul din is-sena l-medja tal-interruzzjonijiet tal-elettriku kien biss ta’ 63 minuta minn medja ta’ 4 sigħat qabel l-2013.

**Pipeline tal-gass ma’ Sqallija**

Se nkomplu naħdmu wkoll fuq il-wegħda tagħna ta’ *pipeline* tal-gass li jgħaqqadna ma’ Gela fi Sqallija.

Fl-2016 sar xogħol biex nidentifikaw kuridur f’qiegħ il-baħar minn fejn jgħaddi l-*pipeline*; is-siti fejn il-*pipeline* jingħaqad mal-*grid* tal-gass fi Sqallija u f’Malta; fuq il-ħruġ ta’ permessi ambjentali; u biex ġie identifikat l-aħjar sit fejn il-*pipeline* jista’ jaqbad mas-sistema tal-gass fl-istazzjon ta' Delimara. Qed isiru wkoll testijiet ġeoloġiċi biex insibu l-aħjar rotta tal-*pipeline* minn taħt l-art ġewwa Delimara.[2]

**Ħażna ta’ *fuels***

Mill-banda l-oħra l-kumpanija Enemed se tkun qed timmodernizza l-impjant tal-ħażna f’Ħas-Saptan u tiżviluppa *filling station* ġdid

b'investiment ta' aktar minn €50 miljun. B'hekk inwettqu wegħda oħra li jingħalaq darba għal dejjem l-impjant tal-31 ta' Marzu f'Birżebbuġa, li n-nies tas-south jafu li hu l-veru periklu li għandhom fosthom.

L-Enemed qed taħdem ukoll biex timmodernizza l-faċilitajiet ta' ħażna ta' *jet fuel* fl-ajruport – investiment ta' aktar minn €15-il miljun. Il-proġett mistenni jibda fl-ewwel xhur tas-sena d-dieħla.

## Enerġija rinnovabbli

Fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli u effiċjenza fl-użu tal-istess enerġija, l-aġenzija Energy and Water Agency li waqqafna għal dan il-għan, kompliet miexja b'diversi inizjattivi fuq is-sostenibilità, is-*security of supply* u l-affordabilità tal-enerġija u l-ilma f'Malta.[3]

Sa tmiem din is-sena qed nistennew li nilħqu nofs il-mira ta' 10% li rridu nilħqu sal-2020. B'hekk, sal-aħħar ta' din is-sena f'Malta se jkollna bejn 95 u 100 *megawatt peak* ta' installazzjonijiet ta' pannelli fotovoltajiċi bis-saħħa ta' skemi innovattivi u sostenibbli.

Fl-2016 sar xogħol preparatorju biex nagħtu opportunità għal investiment f'enerġija rinnovabbli lil min m'għandux aċċess għal bejt permezz ta' solar farm komunitarju fuq il-ġibjun tal-Fiddien. [4]

F'Awwissu ta' din is-sena l-Kummissjoni Ewropea approvat skema ta' € 140 miljun għal *large scale renewable energy installations*.[5]

Fl-2017 se nkomplu bi skemi ta' *grants* għal residenti li jixtiequ jinstallaw panelli fotovoltajiċi fuq ir-residenzi tagħhom.

Se jkun hemm skemi oħra li jinċentivaw l-użu ta' *heat pump water heaters*, *double glazing*, *roof insulation, solar water heaters* u rinovar tal-bjar. Qed nistmaw li permezz ta' din l-iskema se nkunu qed ngħinu lil madwar 1,000 familja u li biha waħedha se nkunu qed innaqqsu madwar 440 tunnellata metrika ta' $CO_2$.

L-*conservation unit* (Energy and Water Agency) ser tkompli tistudja l-potenzjal tal-bjut ta' skejjel pubbliċi għall-produzzjoni ta' aktar enerġija rinnovabbli waqt li ser jibdew jinbnew l-ewwel *solar farms* bi ftehim bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, il-GRTU u l-Malta Developers Association. Is-sena d-dieħla jibda l-installar tal-pannelli. [6]

Se tibda titħaddem ukoll skema mfassla mill-istess aġenzija u amministrata mill-Malta Enterprise, wara konsultazzjoni u kollaborazzjoni mal-GRTU, għal *energy audits* għall-SMEs. [7]

Taħt miżura favur iktar effiċjena fl-użu tal-enerġija, il-Malta Enterprise mistennija taħdem fuq l-iżvilupp ta' skema li toffri għajnuna biex intrapriżi b'konsum għoli ta' energija jkunu mgħejuna jinvestu f'sistemi u makkinarju li jgħinuhom itejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

Se nkomplu wkoll il-kampanja ta' żjarat fid-djar biex inżidu t-tagħrif dwar l-użu għaqli tal-enerġija u l-ilma u nagħtu pariri f'dan is-sens.

Ħassejna wkoll il-bżonn li niftħu skema ta' *grants* biex nippromwovu l-bdil ta' *appliances* qodma. Għalhekk ser issir skema ta' *eco cheques* għal dawk l-aktar vulnerabbli biex jibdlu *refrigerators*, *air conditioners* u *tumble dryers* b'mudelli aktar ekonomiċi u moderni. [8]

**Ftehim dwar iffrankar fil-konsum tal-enerġija**

Matul is-sena d-dieħla, għal-lukandi se nibdew inħaddmu skema bejn l-aġenzija Energy and Water Agency u l-MHRA fejn il-membri ta' din l-assoċjazzjoni jibdew jibbenefikaw minn forom ta' gwadann fuq *savings* irreġistrati fil-konsum tal-enerġija tagħhom.[9]

***Solar bonds* biex jinxtraw mill-pubbliku**

Wara li ksibna fondi mill-Unjoni Ewropea għall-iżvilupp ta' skemi solari u biex jintlaħqu l-miri nazzjonali fuq *renewable energy*, fix-xhur li ġejjin il-Malita plc bi sħab mal-Malta Government Investments Ltd se toħroġ għall-bejgħ fis-suq *solar bonds* li jkunu jistgħu jinxtraw mill-pubbliku.

Dawn il-bonds se jiffinanzjaw il-kiri ta' sistemi ta' pannelli solari li jitwaħħlu minn stabbilimenti kummerċjali. B'hekk kumpaniji li jinvestu f'dawn is-sistemi se jkollhom opportunità oħra ta'

finanzjament. Il-bonds se jintużaw ukoll għal finanzjament ta' sistemi solari f'żoni pubbliċi li se jiġu identifikati fix-xhur li ġejjin. [10]

**Ilma**

Din is-sena l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma temmet ix-xogħol fuq tliet *polishing plants* fiż-żona taċ-Ċumnija fil-Mellieħa, f'Ras il-Ħobż f'Għawdex u f'Ta' Barkat fix-Xgħajra għat-trattament terzjarju tal-*urban waste water* biex ikollna ilma alternattiv għall-bdiewa u l-industrija. Kif jitlestew il-*commissioning* u l-ittestjar fuq dawn l-impjanti se nkunu qed inżidu mas-seba' miljun metru kubu ta' ilma ġdid.

Taħt it-tieni parti ta' dan il-proġett se nagħmlu l-infrastruttura għat-tqassim ta' dan l-ilma permezz ta' *dispensers* elettroniċi li jaħdmu b'top-up cards. Il-proġett mistenni jkopri madwar 1,200 ettaru ta' art agrikola.

Bi spiża ta' €1.5 miljun fl-2017 se nagħmlu xogħol ta' *landscaping* biex insebbħu d-dehra u ntejbu l-ambjent madwar l-impjant f'Ta' Barkat u ntaffu l-problema tal-irwejjaħ, partikolarment għar-residenti tax-Xgħajra.

Tul is-sena li ġejja l-Korporazzjoni ser iġġedded is-sistema ta' drenaġġ fi Triq Cachia Zammit fiż-Żejtun bi spiża ta' €1.5 miljun biex issolvi l-problema tad-drenaġġ li ilha takkumula fl-inħawi, l-istess kif sar fiż-żona tal-Baħrija matul din is-sena.

Fir-rigward tal-Baħrija, is-sena d-dieħla se jitkompla x-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq in-Nigra kollha u jsir xogħol ieħor fuq id-dawl fit-triq prinċipali waqt li se jiġu rinovati faċilitajiet rikrejattivi għat-tfal. [11]

Fl-2017 l-aġenzija Energy and Water Agency se tiftaħ iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Konservazzjoni tal-Ilma fl-inħawi tan-Nigret fir-Rabat.

Biex ikollna infrastruttura xierqa għall-ħażna tal-ilma tax-xita u nirrestawraw il-faċilitajiet eżistenti, se jintużaw fondi mill-Unjoni Ewropea għar-rijabilitazzjoni tal-ilqugħ tal-ilma f'Wied il-Qlejjgħa (Chadwick Lakes) u għar-restawr ta' diversi lqugħ tal-ilma.

**Trasport pubbliku**

Iż-żidiet inkuraġġanti fin-numru ta' passiġġieri li jużaw it-trasport pubbliku hu sinjal ċar li bil-mod il-Maltin qed jiksbu lura l-fiduċja f'dan is-servizz. Matul is-sena li għaddiet it-trasport pubbliku ġarr 'l fuq minn 40 miljun passiġġier, żieda ta' 7% fuq is-sena ta' qabel u qabża ta' 'l fuq minn 18% meta pparagunat mal-2012.

Se nibqgħu nesiġu wkoll mal-operatur tat-trasport pubbliku biex ikompli jtejjeb is-servizz kemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' frekwenza u puntwalità kif ukoll mal-livell tas-servizz li jingħata lill-passiġġiera.

**Rifużjoni tal-VAT fuq reġistrazzjoni tal-karozzi**

Kif wegħdna, din is-sena komplejna nagħtu pagament ex gratia relatat mat-taxxa ta' reġistrazzjoni li tħallset żejda minn persuni li rreġistraw vettura bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2008.[12]

**Traffiku**

Dan il-Gvern mhux ser jinjora l-isfida taż-żieda fit-traffiku f'pajjiżna għax din hi realtà li n-nies jaffaċċjaw ta' kuljum fit-toroq tagħna. Mhix xi ħaġa li bdiet illum jew il-bierah iżda hi akkumulazzjoni ta' nuqqas ta' ippjanar fuq bosta snin.

Pajjiżna, aktar u aktar f'dawn l-aħħar tliet snin, kiber b'rata mgħaġġla. Illum għandna 24,000 elf ruħ aktar li kuljum joħorgu jaħdmu waqt li n-numru ta' turisti dejjem jiżdied. Bla dubju, iż-żieda fit-traffiku tirrifletti is-sitwazzjoni ekonomika fil-pajjiż. Filwaqt li ż-żieda ta' karozzi reġistrati fis-sena 2012 kien ta' 1.4 fil-mija, fl-aħħar tliet snin dan qabeż għat-3.4 fil-mija kull sena jiġifieri żieda ta' 12,000 karozza fis-sena fit-toroq Maltin u Għawdxin.

Filwaqt li naħdmu għal titjib fit-trasport pubbliku u ntejbu l-infrastuttura, ser nibdew nieħdu miżuri biex nagħtu inċentivi lil gruppi partikolari ħalli nibdew nippremjaw l-użu ta' trasport organizzat.

**_Tax credit_ għal trasport tal-ħaddiema**

Mill-2017 se nagħtu deduzzjoni mit-taxxa ta'150% tal-ispiża, sa massimu ta' €35,000 fis-sena fil-każ ta' kumpanija li tipprovdi dan is-servizz weħidha u sa massimu ta' €50,000 fis-sena għal kull kumpanija li topera dan is-servizz bi sħab ma kumpanija oħra, lil dawk l-intrapriżi li jipprovdu servizz ta' trasport b'xejn lill-ħaddiema tagħhom.

**Pjan ta' trasport sostenibbli minn entitajiet pubbliċi**

Bħala gvern ukoll se nkunu qed nagħtu l-eżempju. Mis-sena d-dieħla, se nkunu qed nitolbu lil entitajiet tal-gvern b'aktar minn 50 impjegat biex iressqu pjan ta' trasport sostenibbli. [13]

**Sena vjaġġar b'xejn b'tal-linja**

Biex inkomplu nħeġġu aktar nies jużaw il-karozza tal-linja minflok il-vettura personali tagħhom, kull tfajla u ġuvni li jagħlqu 18-il sena fl-2017, se jingħataw sena vvjaġġar b'xejn b'tal-linja li jammonta ghal massimu ta' €312 lil kull żagħżugħ u żagħżugħa.[14]

**Investiment f'mezzi ta' trasport aktar nodfa**

Fl-aħħar baġit daħħalna inċentiv għal dawk l-azjendi li jinvestu f'*bicycle racks* ħalli l-impjegati tagħhom ikollhom fejn ipoġġu r-roti

meta jużaw dan it-tip ta’ trasport biex imorru fil-post tax-xogħol. Din l-iskema ser tiġi estiża għas-sena d-dieħla. [15]

**Żvilupp ta’ toroq u xogħol ieħor**

Fil-qasam tat-toroq fl-2017 se nikkonċentraw l-aktar fuq xogħlijiet marbuta mal-proġett tal-Kappara bil-għan li jkun lest sal-aħħar tas-sena d-dieħla. Sadattant se jkunu għaddejjin it-tħejjijiet biex malli jitlesta dan il-proġett, jibda kemm jista’ jkun malajr il-proġett tal-Marsa. [16]

Fl-2017 se nibdew wkoll xogħol ta’ riabilitazzjoni tal-funtana tat-Tritoni u taż-żoni tal-madwar.

Barra minn hekk qed nippjanaw li nibdew ix-xogħol fuq it-twessiegħ tal-*bypass* tal-Ħamrun bejn il-mini ta’ Santa Venera u s-*slip road* li tagħti lejn Ħal Qormi; *junction* ġdida f’High Ridge f’St Andrews; *junction* fil-Mosta fejn Vjal il-Labour tingħaqad mar-*ringroad* tal-Mosta; u proġetti oħra ta’ toroq f’tal-Qajjenza, iż-Żurrieq, Ħal Safi, l-Isla u l-Belt Valletta. Dan minbarra xogħol ta’ manutenzjoni u tiswija ta’ toroq arterjali u distributorji kif ukoll asfaltar ta’ għadd ta’ toroq residenzjali ġodda.

Fil-qasam tat-tiftix għaż-żejt se nkunu qed inwaqqfu kumpanija nazzjonali biex tħares l-operat ta’ dan is-settur.

*Proġetti fil-qasam tat-turiżmu*

**Proġett fil-Port għal *cruiseliners***

Din is-sena qed nistennew li aktar minn 700,000 passiġġier se jżuru Malta fuq *cruiseliners* li jieqfu fil-Port il-Kbir għal ftit sigħat. Dan hu settur li rridu nkomplu nisfruttawh.

Bejn l-2017 u s-sena 2020 se jidħlu fis-suq tal-industrija tal-*cruiseliners* madwar 40 vapur ġdid. Fil-maġġoranza tagħhom dawn se jkunu 'l fuq minn 300 metru.

Biex inkabbru dan is-settur u nħejju ruħna għall-ġejjieni, se nwessgħu Pinto Wharf bi 15-il metru biex ikollna it-tieni moll li jista' jilqa' *cruiseliners* 'l fuq minn 300 metru.

Se ninkuraġġixxu wkoll il-qasam tal-*homeporting* għax dan hu sors ieħor li bih aktar passiġġieri jiġu f'pajjiżna.

Se nimbarkaw ukoll f'taħdidiet biex nespandu d-*Deep Water Quay*.

**L-Istitut għall-Istudji Turistiċi**

Diġà ħabbarna investiment ta' aktar minn €56 miljun f'kampus ġdid għall-Istitut għall-Istudji Turistiċi fi Smart City li bih se ntejbu l-kwalità fit-tagħlim fil-qasam tal-ospitalità. Ix-xogħol fi Smart City mistenni jibda kmieni fis-sena 2017.

**Nsebbħu d-dehra ġenerali ta' pajjiżna**

Li ntejbu l-infrastruttura huwa importanti. Daqstant ieħor importanti huwa li nsebbħu d-dehra ġenerali ta' pajjiżna. Għal dan il-għan se nkunu qed inwaqqfu aġenzija ġdida fejn diversi entitajiet tal-gvern jinagħqdu taħt saqaf wieħed biex flimkien jagħtu l-importanza xierqa lil dan il-għan.

Il-familji f'pajjiżna għandhom jgħixu f'ambjent li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tagħhom. Wasal iż-żmien għal qabża fil-kwalità fid-dehra ta' diversi lokalitajiet u żoni pubbliċi f'pajjiżna.

**Proġetti ta' fejda għall-komunità**

Il-programm ta' dan ix-xogħol jinkludi wiċċ ġdid lit-toroq tal-Belt Valletta speċjalment fiż-żoni residenzjali; proġett ta' restawr u riabilitazzjoni tan-naħa t'isfel tal-Forti Sant Iermu; bini mill-ġdid u pavimentar tal-promenade fil-Qajjenza; ġnien fil-pjazza ta' Triq l-Irmiġġ, l-Imsida; faċilitajiet sportivi fil-Kalkara u x-Xgħajra; ir-restawr taz-zuntier ta' isfel tal-Knisja ta' Santa Katerina fiż-Żejtun; u l-iżvilupp ta' *ground* tal-*football* fil-Park tal-Familja f'Marsaskala.

Il-Gvern kommess li jwettaq ir-riġenerazzjoni ta' Marsaxlokk. Matul din is-sena, saret konsultazzjoni pubblika biex ir-residenti tal-lokal joffru s-suġġerimenti tagħhom fuq kif il-villaġġ jista' jiġi rriġenerat bl-aħjar mod. Sar ukoll xogħol konness mat-tiswija u

tisbiħ tat-toroq tal-madwar biex titjieb iċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku u l-aċċessibilità.

Beda wkoll il-proċess ta' *tendering* għall-bini ta' parkeġġ ġdid u x-xogħol previst li jsir fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla meta se jitlestew ukoll it-toroq tal-madwar. Wara, jibda x-xogħol fuq Xatt is-Sajjieda biex din il-parti tal-villaġġ tinbidel f'żona pedonali.

Bis-sehem ukoll tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, matul is-sena d-dieħla se nkunu qed niffromulaw pjan għar-riġenerazzjoni ta' din il-lokalità.

Fil-Fgura se nwettqu proġett ambjentali u sportiv li jikkonsisti fi ġnien fi Triq Valperga fejn se jinżergħu aktar siġar u se jinkludi wkoll *walking* u *jogging track*, żoni ta' rilassament, *pitch* sportiv u *scouting area*. Hemm il-ħsieb ukoll li biswit dan il-ġnien ikun hemm ukoll *bmx track*.

Se nkunu qed nagħtu għajnuna lill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, sabiex jinbena Ċentru Ċiviku ġdid.

Ser isir ukoll xogħol fil-ġnien Duminku Mintoff f'Raħal Ġdid, sabiex b'hekk ir-residenti jkunu jistgħu igawdu ambjent isbaħ u b'faċilitajiet moderni. Xogħol simili se jkun qed isir ukoll fil-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

Process ieħor li ser jitnieda huwa dak tal-*partial local plan* review fejn qed jigi identifikat sit fuq art pubblika diga kommessa fiz-zona ta' zvilupp sabiex isir centru amministrattiv barra l-Belt Valletta.

**Inċentivi għan-negozji li jagħtu proġetti lill-Komunità**

Dawk in-negozji li jagħmlu proġetti ta' tisbiħ u fejda għall-komunitajiet lokali, liema progetti jkunu approvati mill-kunsill lokali rispettiv, se jingħataw deduzzjoni mid-dħul tagħhom. [17]

## Ambjent

Illum sirna aktar konxji tal-prijorità li jistħoqqlu l-ħarsien tal-ambjent ta' madwarna. Ambjent b'saħħtu jfisser kwalità ta' ħajja aħjar.

Nemmnu bis-sħiħ fil-kredenzjali ambjentali tagħna. Dan urejnih bil-qalba għall-użu tal-gass għall-ġenerazzjoni tal-enerġija; il-ħolqien ta' infrastruttura moderna għall-immaniġġjar tal-iskart; ir-riġenerazzjoni ta' siti ta' Natura 2000; iż-żieda għal erbatax-il żona marittima protetta; u bit-twaqqif ta' strutturi awtonomi għall-ħarsien tal-ambjent u r-riżorsi tagħna.

## L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi

Bit-twaqqif tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi issa għandna awtorità b'responsabbiltà għall-qasam ambjentali. Fl-2017 din l-awtorità se tkun qed timbarka fuq għadd ta' proġetti parzjalment

finanzjati mill-Unjoni Ewropea, fosthom dawk tal-monitoraġġ tal-ambjent marittimu.

**Tisħiħ tal-leġiżlazzjoni**

Fl-2017 se nwaqqfu *Advisory Committee* biex insaħħu l-leġiżlazzjoni u l-inforzar fir-rigward ta' rimi abbużiv tal-iskart fi spazji pubbliċi. [18] [19]

**L-immaniġġjar tal-iskart**

Wara li aktar kmieni din is-sena inawgurajna tliet impjanti ġodda tal-*Malta North* fil-Magħtab, l-*autoclave* fil-Marsa u t-*transfer station* f'tal-Kus f'Għawdex b'investiment ta' madwar €65 miljun u daħlu fis-seħħ sistemi għas-separazzjoni u l-ġbir tal-iskart organiku f'ċerti lokalitajiet, fl-2017 se nestendu l-ġbir ta' skart ta' dan it-tip f'aktar lokalitajiet.

Sadanittant, irridu nibdew naħsbu bis-serjetà għa meta tiġi eżawrita l-Miżbla tal-Għallis.

***Parks* u afforestazzjoni**

Fl-2017 se nkomplu x-xogħol fuq diversi proġetti fosthom dak tal-Buskett; il-park ta' Kennedy Grove u s-Salina; ir-restawr tal-fortikazzjonijiet u żoni oħra mad-dawra tal-Argotti; u l-park ġdid f'Ħaż-Żabbar. Dwar proġetti ta' afforestazzjoni, fl-2017 se jkunu għaddejjin ix-xogħlijiet f'siti indikati f'Baħar iċ-Ċagħaq, l-iSwatar fl-Imsida, quddiem l-isptar Mater Dei, Wied Blandun u Bormla. [20]

**Il-Park Nazzjonali tal-Inwadar**

Fin-nofsinhar ta' Malta se nkunu qed nagħmlu t-tieni l-akbar park nazzjonali wara dak tal-Majjistral li jestendi mill-impjant ta' Barkat sa Żonqor Point. Għal dan il-għan se nkunu qed naħtru Bord ta' Governanza biex nibdlu ż-żona f'park attraenti fejn jiġi apprezzat aħjar il-valur ambjentali ta' pajjiżna.

**Il-Ġonna tal-Argotti**

Se ngħaqqdu flimkien l-Argotti, il-Ġnien ta' San Filippu u l-Mall u nibdluhom f'ġonna botaniċi permezz ta' proġett stmat li jiswa 'l fuq minn €3 miljun. Ix-xogħol fuq dan il-proġett se jkun għaddej matul l-2017.

**Spazji miftuħa u sostenibbli**

Waqt li se nkomplu nidentifikaw siti li jistgħu jservu bħala spazji pubbliċi, se nkunu wkoll qed nieħdu ħsieb u nsostnu siti ta' kapital naturali u wirt nazzjonali bħalma huma il-Victoria Lines, Cottoner Lines u l-inħawi ta' Għar Lapsi.

Nemmnu li hemm bzonn aktar inhawi fejn il-familji jistghu iqattghu il-hin liberu taghhom. Ghal dan il-ghan se ninvestu biex naghmlu *upgrading* tal-*picnic area* ta' Ta' Qali. Fl-istess hin, ninsabu fil-process li nidentifikaw post fejn naghmlu *camping site* gdida.

.

## Agrikoltura

Bis-saħħa tal-inċentivi ġodda għall-produzzjoni u promozzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità taħt il-programm ta' żvilupp rurali, se nħaddmu qafas ta' ċertifikazzjoni u kontroll biex il-konsumaturi jsibu jixtru prodotti ta' kwalità li jġorru marka ta' garanzija.

Fl-2017 se nerġgħu nwaqqfu l-*extension service* fl-agrikoltura biex b'mod regolari bdiewa u raħħala jingħataw pariri tekniċi kif ukoll assistenza teknika.

Dwar l-iskema ta' rilokazzjoni ta' irziezet tal-baqar li jinsabu fl-abitat jew f'postijiet storiċi, ġiet sottomessa applikazzjoni biex jinbnew irziezet moderni li jirrispettaw ir-regoli ambjentali u jingħalqu iriziezet li huma ta' inkonvenjent.

Fl-2017 se nkomplu l-programm ta' ristrutturar u rinnovar tal-biċċerija pubblika.

## Trasferiment ta' art agrikola bejn membri tal-istess familja

Biex nindirizzaw il-ħafna talbiet għat-trasferiment ta' raba li baqgħu pendenti, se jsiru provvedimenti legali biex niffaċilitaw it-trasferiment tal-art agrikola tal-gvern bejn bdiewa, speċjalment bejn membri tal-istess familja.

**Għajnuna lil bdiewa żgħażagħ**

Se jidħlu fis-seħħ provvedimenti legali li jiffaċilitaw t-trasferiment ta' art agrikola tal-Gvern favur bdiewa żgħażagħ. L-art in kwistjoni se tkun offruta lilhom bi ħlas ta' qbiela baxx għall-ewwel ħames snin.

**Sajd u akwakultura**

Fil-qasam tas-sajd fl-2017 se nagħmlu titjib fil-postijiet ta' żbark fosthom il-bini ta' uffiċċju permanenti f'Marsaxlokk.

Kif jintemmu l-evalwazzjonijiet ambjentali u l-preparamenti biex jinkiseb il-permess meħtieġ għall-iżvilupp ta' *breakwater* ġdid għas-sajjieda f'Marsaxlokk u għat-tiswija u t-titjib ta' dak preżenti, tinħareġ sejħa għal offerti biex il-proġett jitwettaq. Dan għandu jsir fl-2017.

Fil-qasam tal-akwakultura se nkomplu l-ħidma fil-qasam tar-riċerka b'enfasi fuq id-diversifikazzjoni lejn speċi mhux meħuda mis-salvaġġ kif ukoll fuq l-iżvilupp ta' ikel ħaj biex jintuża f'mafqas.

Qed jitħejja wkoll pjan għall-iżvilupp ta' akwakultura *offshore* sostenibbli biex nirregolaw lil dan is-settur u niżguraw li ma jħallix impatt ambjentali negattiv.

*Ippjanar u propjetà tal-Gvern*

**Twaqqif ta' awtorità tal-artijiet**

Fil-qasam tal-ippjanar is-sena d-dieħla se nkunu qed nibdlu d-Dipartiment tal-Artijiet f'awtorità awtonoma bi struttura li aktar taqbel maż-żminijiet tal-lum. [21]

**Ċnus temporanji**

Għal min għandu propjetà tal-gvern b'titolu ta' ċens temporanju, fejn il-perjodu taċ-ċens skada jew wasal biex jiskadi, se jkollu perjodu ta' ċens ieħor bl-istess kundizzjonijiet taċ-ċens oriġinali, ħlief għal ħlas ta' ċens li jrid jiġi stmat mill-ġdid. [22]

**Skema tal-ħwienet**

Se nerġgħu niftħu l-iskema għal ħwienet f'lokalitajiet barra l-Belt Valletta. Din l-iskema tapplika għal dawk il-ħwienet propjetà tal-gvern li qegħdin mikrija jew mogħtija b'ċens u li issa l-kerrejja, iċ-ċenswalisti rikonoxxuti jew operaturi terzi se jkunu jistgħu jibbenfikaw, taħt ċerti termini u kundizzjonijiet, minn titlu ta' ċens temporanju għal perjodu ta' 45 sena.

**Inċentivi fiskali għall-iżvilupp ta' parkeġġi pubbliċi**

Fis-sena li ġejja l-Awtorità tal-Ippjanar mistennija toħroġ proposti dwar kif tista' tinċentiva l-iżvilupp ta' parkeġġi pubbliċi ġodda li jinkludu spazji miftuħa.

**Rifużjoni ta' spejjeż fuq xogħol ta' restawr**

Biex inħarsu l-wirt kulturali u storiku tal-gżejjer tagħna, permezz tal-Awtorità tal-Ippjanar fl-2017 il-Gvern se jikkontribwixxi parti mill-ispejjeż li jsiru fuq xogħol ta' restawr fuq faċċati ta' bini storiku favur is-sid li jagħmel dawn l-ispejjeż. Dettalji ta' din l-iskema jitħabbru 'l quddiem mill-Awtorità.

**Jispiċċa l-*capping* ta' proġetti kbar**

Bħalissa pagamenti bin-nifs għal applikazzjonijet ta' żvilupp għal proġetti kbar setgħu jinfirxu fuq perjodu ta' żmien. L-Awtorità issa se tkun qed tneħħi għal kollox il-*capping* eżistenti fuq dan l-arranġament ta' €0.5 miljun.

**Għawdex**

Sur President, l-Għawdxin jafu sew f'dawn l-aħħar tliet snin kemm kien hemm bidla qawwija fl-andament ekonomiku fil-gżira tagħhom. Dan is-suċċess kien dovut għall-ħeġġa u għall-interess ġenwin li aħna dejjem urejna f'din il-gżira biex inwettqu inizjattivi li ġabu attività ekonomika li l-Għawdxin qatt ma raw bħalha.

Għax nemmnu li t-turiżmu għandu jibqa' mutur ewlieni tal-ekonomija Għawdxija, f'dawn l-aħħar snin saħħaħnih kemm flaħna. Infakkar biss il-proġett taċ-Ċittadella fejn għamilna investiment ta' aktar minn €14-il miljun.

B'riżultat ta' din il-ħidma kontinwa, il-qgħad f'Għawdex niżel minn kwazi 750 f'Marzu tal-2013 għal ftit iktar minn 500 f'Ġunju li għadda. F'dan iż-żmien rajna wkoll żieda qawwija ta' Għawdxin li baqgħu jaħdmu f'Għawdex stess.

Se nimxu allura fuq dawn il-linji.

**Proġetti li jagħtu dimensjoni ġdida lil Għawdex**

Fost il-proġetti li se jagħtu dimensjoni ġdida u fl-istess ħin ikomplu jiddiversifikaw l-ekonomija Għawdxija hemm l-investiment li diġa' lħaqna ftehim dwaru fl-isptar ġenerali u fl-iskola medika ta' Barts kif ukoll iċ-ċentru diġitali li se jinbena fiż-Żona Industrijali tax-Xewkija li ġa semmejt.

Biex insaħħu l-infrastruttura diġitali f'Għawdex qed nallokaw investiment sostanzjali ta' €3.2 miljun fis-sentejn li ġejjin biex Għawdex ikollha *fibre optic link* li tkompli tissapportja din l-infrastruttura. Din il-*link* għandha sservi biex nattiraw aktar investiment fis-settur tal-IT u tal-ekonomija diġitali li rridu li jservi bħala niċċa ġdida ta' żvilupp fil-gżira.

Barra minn hekk, biex inġibu aktar serħan il-moħħ għall-investiment kbir li qed jirnexxielna nressqu lejn Għawdex se nkunu qed inneħħu d-dipendenza fuq *fibre optic link* waħda u ninvestu fit-tieni *fibre optic cable* bejn iż-żewg gżejjer.

**Għajnuna lil studenti Għawdxin**

Barra milli nkomplu ngħinu studenti Għawdxin li jistudjaw f'Malta, se nestendu s-sussidju li llum nagħtu lil dawk li jistudjaw *full-time* fl-Università ta' Malta u fl-MCAST biex jilħaq ukoll lil dawk l-Għawdxin li jattendu xi istituzzjoni privata ta' edukazzjoni għolja f'Malta.

**Xogħlijiet madwar Għawdex**

Fis-sena li ġejja se nibdew ix-xogħol fuq proġett għat-twaqqif tal-Mużew għal Għawdex li hu stmat li se jiswa' madwar €5 miljun.

Se nkunu qed inwettqu wkoll dak li ta' qabilna wegħdu kemm-il darba u qatt ma waslu għalih. Grazzi għal sħubija mas-settur privat, Għawdex fl-aħħar se jkollu pixxina ġdida li tista' sservi ukoll biex inġibu 'l quddiem it-turiżmu sportiv f'din il-gżira. [23]

Ser ikompli x-xogħol fuq il-Qorti ta' Għawdex biex tinħareġ miċ-Ċittadella u minflok din topera minn kumpless modern. L-istess ser

nagħmlu għall-iskola primarja f'Victoria, li minn bini storiku sejrin nittrasferuha għal bini ġdid u attrezzat għall-bżonnijiet tal-lum.

Se nkomplu naħdmu wkoll fuq il-proġetti tad-Dar tal-Anzjani f'Għajnsielem b'investiment ta' €6 miljun u l-proġett tat-taraġ li jniffed il-parkeġġ fil-qalba tar-Rabat ma' Pjazza San Franġisk b'investiment ta' €3 miljun.
Se nwettqu wkoll għadd ta' proġetti biex insebbħu l-pjazez ewlenin tal-irħula; innaddfu l-widien; nibnu mill-ġdid ħitan tas-sejjieħ f'diversi lokalitajiet; u nirrestawraw postijiet storiċi fosthom il-Mitħna tax-Xewkija u l-Għar ta' Kalipso.[24]

Fl-2017 fi ħsiebna li nkomplu għaddejjin bi programm vast ta' xogħol biex nagħtu wiċċ ġdid lil diversi toroq f'Għawdex li ilhom abbandunati snin sħaħ.

**Il-proġett taċ-Ċittadella**

Fl-2017 irridu niżguraw li issir manutenzjoni kontinwa biex iċ-Ċittadella titgawda minn ġenerazzjonijiet futuri. [25]

Is-sena li ġejja se nagħtu bidu għal proċess ta' konsultazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-lum fir-rigward tal-*parking* fir-Rabat, Għawdex iktar u iktar issa li ċ-Ċittadella saret attrazzjoni ewlenija.

**Konnessjonijiet aħjar bejn Għawdex u Malta**

Biex inżidu l-konnessjoni marittima ta' Għawdex ma' Malta bdejna l-ħidma neċessarja, b'talba għas-sottomissjoni ta' proposti (RFP), biex jiġi varat servizz ta' *fast ferry* bejn il-Belt Valletta u l-Imġarr f'Għawdex.

Fl-istess ħin sar progress sostanzjali fuq il-konnessjoni permanenti bejn Malta u Għawdex. Kmieni fl-2017 għandhom isiru eżamijiet ġeoloġiċi biex b'dan it-tagħrif se nkunu nistgħu nibnu mudell ġeologiku ta' taħt qiegħ il-baħar.[26]

Fl-2017 se nkunu qed naħdmu wkoll biex tinħareġ l-ewwel fażi tas-sejħa pubblika ta' *design*, *build and operate* għal *sub seabed tunnel* li tgħaqqad iż-żewġ gżejjer.

***White paper* dwar devoluzzjoni fir-rigward ta' Għawdex**

Matul l-2017 se nkunu qed noħorġu white paper li permezz tagħha nagħtu bidu għal proċess ta' konsultazzjoni dwar id-devoluzzjoni ta' ċerti responsabbiltajiet għall-gżira ta' Għawdex. L-għan tagħna hu li ssir diskussjoni mifruxa dwar dawk l-attivitajiet amministrattvi u xogħol ieħor marbut direttament mal-gżira Għawdxija u dwar jekk u kemm hu fattibbli li dawn jibdew jaqgħu taħt tmexxija u direzzjoni li tittieħed minn Għawdex stess. Dan kollu jifforma parti minn process ta' deċentralizzazzjoni li fl-istess ħin ikun qed jagħti aktar leħen lill-Għawdxin.

[1] Fl-2017 l-Enemalta se tkompli tinvesti f'teknoloġiji avvanzati li jkomplu jinxterdu fost l-1,400 *substation* f'Malta u Għawdex biex intejjbu aktar il-provvista u d-distribuzzjoni tal-elettriku waqt li nkomplu l-ġlieda kontra s-serq tal-elettriku li nizel għal taħt 3%, l-inqas livelli qatt reġistrat f'Malta u ferm inqas mill-medja Ewropea.

[2] L-istudju finali tar-rotta li ser jinkludi wkoll id-disinn tas-sistema sħiħa tal-*pipeline* u l-i*Scoping Report* biex jinbeda il-proċess ta' permess ambjentali fl-Italja u f'Malta għandu jitlesta fl-2017.

[3] Għat-tfassil ta' pjan integrat dwar il-klima u l-enerġija għall-perjodu 2020-2030 l-Energy and Water Agency bdiet ix-xogħol preparatorju biex tiġbor it-tagħrif neċessarju.

[4] Wara li ftit ilu saret sejħa għall-offerti għax-xogħol li hu meħtieġ, dalwaqt jibdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet taħt skema għal min irid jinvesti f'dan il-farm li se jitħaddem fl-2017. Hemm il-ħsieb li l-Enemalta wkoll tiżviluppa solar farms fejn il-pubbliku jingħata ċans li jinvesti fihom.

[5] Se nibdew inħaddmu skema li permezz tagħha jkun hemm għajnuna *b'feed-in-tariff* għal installazzjonijiet ta' enerġija rinovabbli, primarjament *photovoltaic installations* akbar minn 1 MW. Is-siti se jintgħażlu skont is-*Solar Farm Policy*.

[6] Fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija, l-aġenzija Energy and Water Agency ser tħares lejn ir-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mir-rapport ta' awditjar fuq l-effiċjenza fl-enerġija li sar fuq numru ta' binjiet tal-gvern mill-kumpanija Bosch wara li sar *Memorandum of Understanding* bejn il-Gvern u din l-istess kumpanija.

[7] Il-promozzjoni ta' *energy audits* ser tkompli fl-2017 u tiġi estiża għall-intrapriżi kollha, f'kollaborazzjoni mal-Malta Enterprise u l-Malta Business Bureau.

[8] Fl-2017 l-aġenzija ser tkun qed tapplika għal fondi mill-Unjoni Ewropea biex jinbidlu aktar minn 2,000 *street lighting* konvenzjonali b'LEDs li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija.

[9] Bħalissa qed isiru l-istudji meħtieġa sabiex tiġi stabbilita pjattaforma ta' *benchmarks* għal kull lukanda.

[10] Wara li l-Unjoni Ewropea approvat fondi għall-iżvilupp ta' skemi solari u biex jintlaħqu l-miri nazzjonali li ġew stabbiliti għal enerġija rinnovabbli, fix-xhur li ġejjin il-Malita plc bi sħab mal-Malta Government Investments Limited se toħrog għall-bejgħ *Solar Bonds* li jkunu jistgħu jinxtraw mill-pubbliku. Dawn il-bonds se jiffinanzjaw il-kiri ta' sistemi ta' pannelli solari li jitwaħħlu minn stabbilimenti kummerċjali u b'hekk kumpaniji li jinvestu f'dawn is-sistemi se jkollhom opportunita` oħra ta' finanzjament. Hemm il-ħsieb li dawn il-bonds jintużaw ukoll għall-finanzjament ta' sistemi solari f'żoni pubbliċi li jiġu identifikati aktar 'il quddiem.

[11] Dan kollu se jsir bħala kumpens għall-inkonvenjent li seta' inħoloq lir-residenti waqt li sar il-proġett u se tagħmel tajjeb għalih il-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma.

[12] Din il-wegħda se nkomplu nonorawha fl-2017 meta nħallsu lura l-ammont kollu ta' taxxa lil dawk li rreġistraw vettura fl-2006. Dan ifisser li sal-aħħar tal-2017 se nkunu ħallasna b'kollox madwar €9.5 miljun f'taxxa li nġabret żejda mill-amministrazzjoni ta' qabel.

[13] Dan il-pjan għandu jinkludi miżuri pożittivi flimkien ma' inċentivi li dawn l-entitajiet lesti joffru lill-ħaddiema tagħhom biex jiġu għax-xoghol u jmorru lura b'mezz tat-trasport li mhux il-karozza individwali tagħhom. L-Awtorità tal-Ippjanar diġà addottat pjan simili b'suċċess u dan wassal biex aktar minn 80 impjegat qed jipparteċipaw f'dawn l-inizjattivi.

[14] Ir-*records* juru li bħalissa hemm diġà madwar 5,000 persuna li s-sena d-dieħla jagħlqu 18-il sena u għandhom tal-linja card. Dawn ser jircievu refuzjoni tagħha.

[15] Din ser tkun qed tkopri rimbors ta' nfiq kapitali ieħor relatat mal-użu tar-roti, bħal ngħidu aħna installazzjoni ta' *showers*. Qed jiġu allokati €150,000 li se jkunu għad-dispożizzjoni ta' *board* li ser jitwaqqaf li jinkludi rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet li jippromwovu l-użu tal-*bicycles* biex jamministra t-twettiq ta' din il-miżura.

[16] Hawn ta' min isemmi s-soluzzjoni ta' aċċess temporanju li nstabet dan l-aħħar biex tittaffa l-problema ta' traffiku li filgħodu jkun ħiereġ mill-Kottonera u l-inħawi tal-madwar lejn il-Belt Valletta. Nemmnu li meta hu l-każ u sa fejn hu possibbli, l-awtoritajiet responsabbli mill-immaniġġjar tat-traffiku għandhom isibu soluzzjonijiet prattiċi, ukoll *short term*, biex itaffu problemi li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien u jimplimentawhom minnufih.

[17] Din hija ekwivalenti ghal 120 fil-mija tal-valur tax-xogħol, bl-ammont addizzjonali ta' 20 fil-mija ma jeccedix il-€15,000.

[18] Hawn tinħass il-ħtieġa ta' inforzar aktar b'saħħtu u ta' pieni aktar iebsa ma' min jabbuża u emendi fil-leġislazzjoni f'dan is-sens se jkunu qed jidħlu fis-seħħ s-sena d-dieħla, bl-għan aħħari jkun dak ta' struttura u sistema ta' prosekuzzjoni dedikati biss ghal reati ambjentali kif hemm f'pajjiżi oħra.

[19] Fl-istess waqt se nkomplu għaddejjin bir-riformi legali neċessarji relatati max-xiri mis-servizz pubbliku ta' prodotti sostenibbli (*green public procurement*) u nwettqu miżuri marbuta mal-kunċett ta' ekonomija li tirrispetta l-ambjent (*green economy*).

[20] F'dan il-kuntest hemm ukoll il-ħsieb li fl-2017 nibdew ninvestigaw il-possibilità li nsebbħu l-ambjent urban fil-gżejjer tagħna bi proġett innovattiv, il-ħolqien tal-hekk imsejjħa *vertical gardens*, biex spazji u binjiet pubbliċi li huma adattati għal dan il-għan nużawhom u nibdluhom fi spazji u binjiet ħodor. Il-ħsieb hu li nistħarrġu wkoll il-possibilità li din l-iskema nħaddmuha fi sħubija mas-settur privat.

[21] L-awtorità tkun trid taqleb is-sistema kurrrenti ta' files għal waħda diġitali biex tassigura aktar effiċjenza u trasparenza fil-proċess amministrattiv. L-awtorità trid tfassal standards ta' kif ghandhom isiru l-valutazzjonijiet tal-propjetà b'mod professjonali.

[22] Dan jgħodd għal dawk iċ-ċenswalisti li joperaw huma stess il-propjetà u żammew intiera l-istess propjetà suġġetta għaċ-cens u l-propjetà ma nqasmitx biex inkriet jew ngħatat b'sub-ċens lil terzi u mhux qed tintuża bħala residenza ordinarja li hi ġa koperta taħt liġijiet oħra

[23] Wara li ħarġet talba għal proposti biex is-settur privat jiddisinja, jibni u jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-kumpless, qed nistennew li sal-aħħar ta' din is-sena jkun iffirmat il-kuntratt fuq dan il-proġett. Dan għandu jwassal biex fl-2017 inkunu nistgħu nibdew ix-xogħol li għandu jieħu madwar sena u nofs.

[24] Fis-snin li ġejjin irridu nimmaniġġjaw aħjar il-bajjiet Għawdxin. Se nagħtu prijorità lil Ħondoq ir-Rummien u lil Marsalforn, żewġ bajjiet li nagħtaw l-i*status* ta' *Beach of Quality* matul din s-sena waqt li qed jiġu kkunsidrati għall-għoti tal-*Blue Flag* għas-sena li ġejja.

[25] Dak li ksibna bil-proġett tar-restawr taċ-Ċittadella irridu li ma jintilifx iżda jibqa' jinżamm fl-aħjar mod. Għal dan il-għan se nkunu qed nistudjaw il-possibilitajiet ta' kif wieħed jista' jniedi proġetti bil-għan li dan l-investiment ikun sostenibbli.

[26] Intlaħaq ftehim bejn l-Università ta' Malta u Transport Malta, li bih fil-ġimgħat li ġejjin se jsiru testijiet siżmiċi.

## Inkomplu nsaħħu l-kompetittività ta' pajjiżna

Sur President, l-investiment li tħabbar matul dawn l-aħħar ftit xhur li joriġina mill-Ġordan, Singapore, l-Ingilterra, iċ-Ċina, il-Qatar u l-Istati Uniti tal-Amerika, juri biċ-ċar ir-riżultati li kiseb dan il-Gvern f'dak li jagħmel lil pajjiżna kompetittiv u attraenti għall-investituri barranin. Dan ser ikompli għas-snin li ġejjin għax il-Gvern jemmen li dan il-pajjiż għandu ħafna x'joffri.

### Bank Malti għall-Iżvilupp

L-infrastruttura finanzjarja tagħna se nsaħħuha sew meta, fl-2017, se jkun qed jopera l-Bank Malti għall-Iżvilupp. Permezz ta' dan il-Bank se jkollna struttura finanzjarja ġdida li tispeċjalizza fl-iżvilupp tal-investiment f'pajjiżna. Il-Bank se jkollu kapital awtorizzat ta' €200 miljun, li minnu se jkun hemm kapital inizjali mħallas (*paid up capital*) ta' €30 miljun.[1]

### Twaqqif ta' Aġenzija ta' Kreditu għall-Esportazzjoni (*Export Credit Agency*)

Bi pjaċir inħabbar li x-xogħol fuq it-twaqqif ta' Aġenzija ta' Kreditu għall-Esportazzjoni jinsab miexi skont ma kien ippjanat.[2]

**Niġġieldu l-kompetizzjoni inġusta –**
***Twaqqif tal-Joint Enforcement Task Force***

Fil-ġlieda tagħna kontra l-kompetizzjoni inġusta fin-negozju u l-evażjoni tat-taxxa, qed inwaqqfu *Joint Enforcement Task Force* biex niżguraw ħidma konġunta bejn id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, id-Dipartiment tal-VAT kif ukoll id-Dipartiment tad-Dwana. It-*Tax Compliance Unit* ukoll se tkun qed tagħti sehem attiv f'din l-inizjattiva ġdida.

Fost il-prijoritajiet tal-*Joint Enforcement Task Force* se jkun hemm kontrolli u *spot checks* aktar frekwenti fuq min iħaddem impjegati li ma jkunux reġistrati, u fuq sidien ta' propjetà mikrija li ma tkunx iddikjarata mal-awtoritajiet, kif ukoll kompetizzjoni inġusta minn ċertu importazzjonijiet.

**Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku (*EFSI*)**

Il-Fond Ewropew għall-Investiment Strategiku (*EFSI*) hu strument importanti li jista' jkompli jixpruna t-tkabbir ekonomiku tagħna.

Wara li waqqafna l-Bank Malti għall-Iżvilupp, issa qed inħejju pjanijiet biex permezz ta' dan il-bank inkunu nistgħu nibbenefikaw ukoll mill-fondi tal-*EFSI* biex noħolqu aktar opportunitajiet ta' investiment.

Il-Gvern diġà identifika l-proġett tal-*breakwater* ta’ Marsamxett biex jiġi ffinanzjat mill-EFSI biex nirriġeneraw il-port ta’ Marsamxett.

Fl-istess ħin qed nikkunsidraw inizjattivi oħra li jikkwalifikaw taħt dan il-Fond biex inkunu nistgħu nagħmlu l-aħjar użu minnu għall-ġid tagħna lkoll.

### *IIP* u Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali

Matul din is-sena se nkomplu bil-programm suċċess ta' Ċittadinanza b' Investiment (*IIP*), li qed iġib ġid u investiment lejn pajjiżna. Se jibda jopera l-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali li jamministra parti sostanzjali mill-fondi li qed jidħlu minn dan il-programm. Aċċess għal dawn il-fondi se jibda jinfetaħ għal proġetti ta' interess nazzjonali kif ukoll permezz ta' proġetti pilota għall-Kunsilli Lokali.

### *Accelerator* Internazzjonali

Biex nagħtu aktar għajnuna professjonali lil *start-ups* lokali, se nġibu f’pajjiżna *Accelerator* Internazzjonali. Dan għandu jgħin biex f’pajjiżna jiġu kkreati niċeċ ekonomiċi ġodda, speċjalment f’oqsma ta’ teknoloġiji ġodda, u biex nattiraw operaturi internazzjonali li għandhom aċċess għal networks ta’ imprendituri li jkunu jistgħu jgħinu lil *start-ups* Maltin ikabbru l-operat tagħhom.

## Fondi Ewropej

Il-fondi Ewropej li assorbejna b'għaqal kemm ilna li sirna membri fl-Unjoni Ewropea taw sehem qawwi biex permezz tagħhom bnejna pajjiż aktar modern, kattarna l-ġid u saħħaħna diversi oqsma tal-infrastruttura fosthom, l-edukazzjoni, l-*ICT*, xogħol, kultura, turiżmu, enerġija rinnovabbli, saħħa, sajd u migrazzjoni. Fl-2017, se nkunu qed nagħmlu ħilitna biex intejbu aktar ir-rata li biha nassorbu fondi Ewropej allokati għas-snin 2014-2020.

F'dan il-kuntest nixtieq infakkar fl-impenn kbir li se nkunu qed nidħlu għalih fl-ewwel sitt xhur tas-sena li ġejja meta se nkunu responsabbli mill-Presidenza tal-Kunsill Ewropew. Din se tkun okkażjoni storika għal pajjiżna u l-Gvern huwa mħejji għal din ir-responsabbiltà.

Il-prijoritajiet tagħna se jinkludu l-immigrazzjoni, ir-relazzjoni tal-Unjoni mal-ġirien ta' Malta fil-Mediterran, l-aspett marittimu partikolarment it-trasport u t-turiżmu, u l-iżvilupp tas-suq uniku komuni speċjalment fil-qasam tal-*SMEs*. Ta' interess partikolari għalina hemm l-aspetti soċjali, finanzjarju u monetarju, il-kummerċ internazzjonali, riċerka u innovazzjoni flimkien mal-istrateġija diġitali u l-enerġija.

Aħna ċerti li wara x-xogħol iebes u t-tħejjijiet li għamilna f'dawn l-aħħar xhur kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-abbozz tal-programm nazzjonali tal-Presidenza Maltija kif ukoll il-

preparamenti għal-laqgħat fi ħdan il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u laqgħat oħra ta’ livell għoli li se jsiru waqt il-Presidenza ta’ pajjiżna, se jirnexxielna nżommu isem Malta fuq quddiem.

Nemmnu li kull min hu ta’ rieda tajba jaqbel ma’ dan u lest jagħti kull sapport biex minn din l-isfida l-Gvern u l-poplu Malti joħorgu b’wiċċhom minn quddiem

Din is-sena se naraw ukoll li jkun hemm *relaunch* tal-*MEUSAC* biex iżid ir-relevanza tiegħu fil-proċess ta' Ewropejizzazzjoni tal-pajjiż.

**Servizzi Finanzjarji**

Sa mill-bidunett, aħna għarafna li s-settur tas-servizzi finanzjarji u dak tal-kummerċ internazzjonali huma ċentrali għall-ekonomija tagħna. Dawn is-setturi jipprovdu impjiegi tal-ogħla kwalità u jħallu dħul fil-pajjiż permezz ta' taxxi, investiment barrani, il-kiri ta' propjetà, xiri ta' prodotti u servizzi, eċċ.

Aħna nibqgħu dejjem impenjati li nagħtu s-*support* tagħna lil dawn is-setturi billi, fuq kollox, nisħqu fuq il-jedd ta' Malta li toffri sistema kompetittiva ta' tassazzjoni, filwaqt li nirrispettaw il-prinċipji internazzjonali ta' trasparenza u skambju ta' informazzjoni.

Għaldaqstant, se nkomplu nsostnu u niddefendu s-sistema tat-taxxa Maltija fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali waqt li fl-istess

ħin se nkomplu naħdmu biex niżguraw li s-sistema tat-taxxa Maltija tibqa' aġġornata mal-aħħar żviluppi.

Għal dan il-għan, aħna fi ħsiebna nintroduċu miżuri ġodda maħsuba biex ikomplu jkabbru l-investiment barrani f'pajjiżna, bħal, sistema li tagħti l-istess benefiċċju lill-investiment kapitali bħas-self u l-introduzzjoni ta' regoli dettaljati ta' *Tax Consolidation* li jippermettu lil gruppi ta' kumpaniji li jikkalkulaw il-profitti u t-telf tagħhom fuq bażi ta' grupp.  Fi ħsiebna wkoll ninvestu biex inkomplu ntejbu is-sistema ta' tassazzjoni li tikkostitwixxi wieħed mill-elementi ewlenin li jixprunaw l-investiment barrani fil-gżejjer tagħna.

Il-Gvern kompla jsaħħaħ lis-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bit-twaqqif tal-Awtorità ta' Riżoluzzjoni u tal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji.

Se nkomplu wkoll niżviluppaw il-qafas leġislattiv biex nirregolaw oqsma u proċessi ġodda fl-oqsma tal-assigurazzjoni, tal-fondi ta' investiment kollettiv u tas-*securitisation* biex nassiguraw li s-settur finanzjarju Malti jkompli jikber b'mod dinamiku.

**Ninkoraġġixxu investiment fuq il-Borża ta' Malta**

Il-Gvern se jinċentiva aktar persuni biex jinvestu flushom fuq il-Borża ta' Malta filwaqt li jħajjar ukoll aktar intrapriżi jagħmlu aċċess għal kreditu mill-istess Borża.

Għal dan il-għan fl-2017 se nagħtu inċentivi fiskali ġodda, fil-forma ta Risk Investment Scheme, din id-darba għal min jinvesti flusu f'kumpanija (*SME*) jew f'investiment ġewwa fond li jkun mifrux fuq diversi kumpaniji (*SMEs*) reġistrati fuq *alternative trading platform* bħal *Prospects* fuq il-Borża ta' Malta. Min jinvesti b'dan il-mod se jkun jista' jingħata kreditu mit-taxxa sa massimu ta' €250,000 fis-sena.

Barra minn hekk, se nagħtu wkoll inċentivi fiskali lil dawk l-imprendituri li jbigħu ishma tagħhom lill-pubbliku permezz tal-illistjar tal-kumpanija fuq il-Borża ta' Malta. Illum qligħ kapitali miġmugħ fuq ishma li jkollhom qabel l-illistjar fuq l-exchange prinċipali, hu taxxabbli bir-rata ta' 15%. Dan il-qligħ issa se jiġi eżenti mill-ħlas ta' taxxa.

Dan l-inċentiv se jkun applikabbli wkoll għal-imprendituri li jillistjaw fuq l-*alternative trading platform*.[3]

Dawn l-inċentivi qed indaħħluhom biex nagħtu għarfien b'mod konkret għar-riskju u l-inizjattiva li jkunu ħadu l-promoturi oriġinali.

Dawn il-miżuri sejrin jikkumplimentaw numru ta' inizjattivi li se tkun qed tintroduċi l-Borża ta' Malta.

**Inċentivi għal *employers* biex iwaqqfu pensjonijiet privati**

Fid-diskors tal-baġit tas-sena l-oħra semmejt li kont se nwaqqaf *working group* biex jikkonsidra benefiċċji fiskali li jingħataw għal *employers,* marbuta ma' pensjoni privata fuq bażi volontarja fuq il-post tax-xogħol.

Wara li dan il-*group* ressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, illum jien nista' nħabbar il-miżuri li se noffru mis-sena d-dieħla għal *employers* li, fuq bażi volontarja, jiddeċiedu li joffru pensjoni privata għall-ħaddiema tagħhom.

Il-Gvern ser jagħti inċentivi fiskali f'forma ta' kreditu ta' taxxa lil dawk il-kumpaniji li jinvestu fi skemi ta' pensjoni f'isem il-ħaddiema.[4]

***Maritime hub***

Il-proġett biex is-sit industrijali fejn qabel kien hemm it-tarzna tal-Marsa jinbidel f'ċentru għall-industrija taż-żejt u l-gass u l-loġistika se jieħu spinta fl-2017 wara li lħaqna ftehim mal-*Ablecare Oildfield Services Holdings Limited* li ser tinvesti madwar €55 miljun fuq medda ta' għaxar snin.[5]

Fost attivitajiet oħra, dan iċ-ċentru se jipprovdi faċilitajiet għat-tiswija u riċertifikazzjoni tar-riggijiet; il-ħażna ta' makkinarju u faċilitajiet loġistiċi; u loġistika u assistenza lill-kumpaniji fit-tħaffir taż-żejt.

**Żona *free trade* u ċentru ta' loġistika internazzjonali**

Ninsabu kommessi li npoġġu lil Malta fuq il-mappa bħala ċentru ta' loġistika internazzjonali billi nżidu n-natura u l-volum tal-attivitajiet ġewwa żoni *free trade*.

Biex nisfruttaw il-potenzjal ta' Malta bħala bażi internazzjonali tal-loġistika, matul din is-sena ħdimna fuq pjan biex permezz ta' Public Private Partnership jiġi żviluppat ċentru internazzjonali tal-loġistika fuq sit ta' 40,000 metru kwadru f'Ħal-Far b'investiment stmat ta' €80 miljun. Dan il-pjan se nkomplu nwettquh matul is-sena li ġejja meta se nkunu qed inwaqqfu awtorità biex tiggverna u tirregolarizza l-attivitajiet f'dawn il-*hubs* ġodda li jkunu dikjarati żoni *free trade*.[6]

**Malta Marittima**

Bil-Maritime Proof of Concept Fund se nkunu qed ninkoraġġixxu akkademiċi u studenti b'ideat kreattivi u innovattivi li jiksbu appoġġ finanzjarju biex jiżviluppaw l-ideat tagħhom fil-kamp ta' negozju fil-qasam marittimu f''*business concepts*'.[7]

**Twaqqif ta' Property Malta**

Flimkien mal-MDA se nwaqqfu entità bl-isem ta' Property Malta li tagħmilha ta' katalist biex inħajru barranin jiġu jgħixu u jinvestu fil-gżejjer tagħna. L-għan hu li Property Malta tieħu sehem f'attivitajiet internazzjonali ta' promozzjoni u reklamar biex nattiraw investituri u nies li jixtiequ jixtru *holiday homes* biex dawn in-nies jistabbilixxu ruħhom f'Malta.

**Il-Life Sciences Park**

Fix-xhur li ġejjin hemm prospetti qawwija li se jkomplu jiżdiedu l-kumpaniji li joperaw mil-Life Sciences Park wara ħidma qawwija minn Malta Enterprise biex tattira aktar investiment fis-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni.[8] Sabiex inkomplu nsaħħu dan is-settur, in-National Skills Council se jevalwa l-ħiliet u l-ħtieġa tar-riżorsi umani fis-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni.

**Il-qasam tal-*gaming***

Is-sena li ġejja l-Awtorità tal-Gaming se tkun qed taħdem fuq riformi fil-qafas regolatorju li jagħrfu l-bżonnijiet tal-industrija u li permezz tagħhom ikollha l-mezzi u s-setgħat meħtieġa biex tilħaq l-għanijiet tagħha skont il-liġi.

Barra minn hekk il-qafas leġiżlattiv se jindirizza r-regolamentazzjoni tal-logħob b'mod li ma joħnoqx l-innovazzjoni fis-settur waqt li jkompli jsaħħaħ il-protezzjoni ta' min jilgħab u l-enfasi fuq logħob b'mod responsabbli.[9]

## Ekonomija diġitali

Fil-qafas tal-iStrateġija Nazzjonali Diġitali – Digital Malta, qed inwettqu l-viżjoni li pajjiżna jkun imsaħħaħ bl-użu tat-teknoloġija f'kull qasam tas-soċjeta'.

Biex inwettqu l-aġenda diġitali tal-pajjiż se nkomplu nsaħħu n-network u d-data centres tal-Gvern biex dan in-network ikun iktar effiċjenti u joffri aktar *business continuity.*

Biex insaħħu l-pożizzjoni tagħna fejn jidħlu riskji li ġejjin mid-dinja tal-informatika, se nniedu l-istrateġija tas-Cybersecurity u tul is-snin li ġejjin se niffukaw fuq l-implimentazzjoni tagħha.

## Komunikazzjoni

Is-settur tal-komunikazzjoni hu l-qafas ta' ekonomija diġitali soda u hu fundamentali għall-industrija tal-ICT f'Malta. Aħna impenjati li nkomplu nsostnu l-iżvilupp fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-ICT.[10]

Biex nagħmlu lil pajjiżna fost l-ewwel WiFi state fid-dinja, se nkomplu nżidu l-firxa ta' *hotspots*.

Se nkomplu wkoll il-proġett li jassigura konnettività internazzjonali akbar permezz ta' *cable* sottomarin ġdid bejn Malta u Marsilja u qed tiġi evalwata kull possibilità ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea. Il-ħsieb wara dan il-proġett hu li jkollna għażla iktar wiesgħa u effiċjenti.

**Il-Crafts Village f'Ta' Qali**

Se nibbenefikaw minn fondi tal-Unjoni Ewropea biex finalment isir il-proġett Ta' Qali Crafts Village bi spiża ta' madwar €14-il miljun. Dan ukoll se jinbeda fl-2017.[11]

**Qasam Industrijali tax-Xewkija**

Se nestendu ż-żona Industrijali tax-Xewkija fuq żewġ binarji b'investiment ta' €16-il miljun għal *business workshops* ġodda u għal servizzi finanzjarji, ICT, riċerka u taħriġ.[12]

**Ċentru għall-manifattura tal-ikel fl-Imrieħel**

Qed naħdmu wkoll fuq proġett biex is-sit fejn qabel kien hemm il-fabbrika Dowty isir ċentru għall-manifattura tal-ikel.[13]

**Skemi ġodda ta' għajnuna lin-negozji**

Malta Enterprise se tniedi għadd ta' skemi lin-negozji. Fost dawn insibu skema li toffri għajnuna finanzjarja għat-twaqqif ta' negozji minn individwi żvantaġġati biex iwaqqfu negozji sostenibbli permezz ta' assistenza finanzjarja li tista' tlaħħaq sa €25,000 għal kull negozju.[14] Taħt skema ta' kreditu fiskali fuq twettiq ta' xogħol ta' riċerka, l-għajnuna tvarja minn 25 sa 45 fil-mija ta' spejjeż magħmula f'dan ir-rigward.

Taħt skema għall-iżvilupp ta' loghob diġitali b'tema kulturali, l-għajnuna tingħata f'forma ta' kreditu fiskali li jlaħħaq sa 30 fil-mija ta' spejjeż marbutin mal-iżvilupp tal-logħba.

**Tnaqqis ta' tariffi (*planning fees*) għall-industrija**

Is-sena li ġejja l-Awtorità tal-Ippjanar se tnaqqas it-tariffi (*planning fees*) marbuta ma' proġetti u żvilupp industrjali f'żoni industrijali biex dawn it-tariffi jieħdu post it-tariffi kummerċjali eżistenti.

**Tnaqqis fil-burokrazija biex jinfetaħ negozju[15]**

Biex iż-żmien li jitwaqqaf negozju minn 30 jum jonqos għal 3 ijiem, b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2017, il-ħwienet u postijiet oħra kummerċjali mhux ser ikollhom aktar il-ħtieġa ta' liċenzja tal-kummerċ biex imexxu l-attività kummerċjali tagħhom. B'din il-

miżura, dawn in-negozji ser jiffrankaw bejniethom aktar minn €1.3 miljun fis-sena.

**Tibdil fil-ħinijiet tal-ftuħ għall-ħwienet**

Se nimplimentaw tibdil fil-ħinijiet tal-ftuħ għall-ħwienet u postijiet kummerċjali oħra u b'hekk sibna bilanċ ġust bejn l-interessi kummerċjali u tal-pubbliku u tal-ħaddiema kkonċernati.[16]

**Kummerċ ġust b'inqas burokrazija**

Aħna ninsabu kommessi li niffaċilitaw il-kummerċ ġust. Fl-istess ħin nassiguraw il-kontrolli meħtieġa biex nilqgħu għal kull tip ta' attività illeċta u illegali – u dan se nkomplu nagħmluh permezz ta' aktar faċilitajiet għall-infurzar fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana.

Wara li neħħejna r-rekwiżit tal-obbligu ta' garanzija bankarja kontra pagamenti b'ċekkijiet, biex inkomplu nnaqqsu l-burokrazija, is-sena d-dieħla se nibdew inħaddmu *import system* elettronika u se jkun hemm sistema ta' ħlas *online*.

**Burokrazija inqas għal-*Start Ups* żgħar**

Il-Gvern jixtieq iħajjar aktar gradwati żgħażagħ jidħlu fin-negozju. Għalhekk, qegħdin nipproponu li żagħżagħ li ggradwaw minn istituzzjoni post-sekondarja matul dawnn l-aħħar tlett snin u li jwaqqfu kumpanija li ma jkollhiex turnover ta' aktar minn 80,000

ewro fis-sena jingħataw għażla jew li jeżentaw il-kumpannija tagħhom mill-awditjar għall-ewwel sentejn jew inkella, jekk jagħżlu li jmorru għall-awditjar, jingħataw deduzzjoni mit-taxxa ta' 120% tal-ispiża tal-awditjar sa massimu ta' 700 ewro fis-sena.

**Public private partnerships**

Fl-2017 Projects Malta trid tara li l-proġetti li sar qbil dwarhom bejn il-Gvern u l-privat jimxu mal-parametri maqbula. Fost dawn hemm l-investiment fl-Isptar San Luqa, Karen Grech u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn ix-xogħol f'San Luqa mistenni jinbeda din is-sena waqt li x-xogħol f'Għawdex mistenni jibda kmieni s-sena d-dieħla.

Hemm ukoll l-iżvilupp ta' trasport marittimu li jgħaqqad b'mod sostenibbli l-arterji ewlenin mal-Belt Valletta.

Wara li sar *Memorandum of Understanding* bejn il-Gvern u l-kumpanija Huawei, se jsir *Joint Innovation Centre* bejn l-Università ta' Malta u l-Huawei għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-informatika.

Projects Malta se tindirizza  l-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ f'diversi żoni fosthom il-Mosta, Wied il-Għajn, Birkirkara, St. Andrews u l-Birgu.

Fix-xhur li ġejjin Projects Malta se tkun qed tara l-vijabilità li toħroġ sejha pubblika biex il-bini li qabel kien l-isptar navali fl-Imtarfa

jinbidel fi skola indipendenti internazzjonali li toffri korsijiet li jwasslu għal Baċellerat Internazzjonali.

Fl-2017 il-*Public Private Partnership* bejn il-Gvern u r-Royal Malta Yacht Club se twettaq miżuri biex inġibu 'l quddiem is-settur tal-*yachting* u tara l-impatt ekonomiku li tħalli r-Rolex Middle Sea Race biex naraw kif nistgħu nattiraw tiġrijiet simili.

Hawn nixtieq insemmi li wara li rnexxielna nattiraw investiment privat u barrani biex issir yacht marina ġdida f'Sa Maison, fl-2017 se naħdmu favur aktar investiment f'dan il-qasam. Se nkunu qed noħorġu sejħa għal offerti għal proġett ġdid fi Gżira Gardens waqt li qed inħarsu wkoll lejn yacht marina f'Marsaskala.

TradeMalta, li hi *Public Private Partnership* bejn Projects Malta u l-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija, fl-2017 se tkompli tgħin kumpaniji Maltin biex jesportaw il-prodotti u s-servizzi tagħhom permezz ta' żjarat ta' negozju fi swieq barranin fosthom il-Lvant Nofsani, il-Golf u r-Russja u business fora u seminars iffukati fuq swieq partikulari, fosthom l-Istati Uniti.

F'Marzu li għadda twaqqfet l-iMrieħel Enterprise Zone Foundation bejn il-Gvern u 18-il kumpanija privata biex tieħu ħsieb iż-żona industrijali tal-Imrieħel.[17]

**Turiżmu**

It-tkabbir fin-numru ta' turisti hu importanti u nemmen li n-numru ta' 1.9 miljun turist li mistennija jżuru l-gżejjer tagħna din is-sena nistgħu nkomplu ntellgħuh għal żewġ miljun fl-2017. Fl-istess ħin żieda fil-valur miżjud mill-attivitajiet ġenerati minn dan is-settur u titjib sostnut fil-kwalità tal-prodott li noffru huma għanijiet importanti oħra li rridu nżommu quddiem għajnejna.

Il-progamm ta' ħidma, inizjattivi u proġetti għas-sena li ġejja għandu jgħin biex nilħqu dawn l-għanjiet.

F'dan is-settur, permezz tal-*Malta Enterprise*, se tigi offruta għajnuna fuq spejjeż marbuta ma' xogħol ta' rinnovazzjoni fuq lukandi u ristoranti – din toffri kreditu fiskali marbut ma' spejjeż għal xogħol ta' rinnovazzjoni, sa massimu ta' €50,000 għar-ristoranti u €200,000 għal-lukandi.

Taħt skema oħra tingħata għajnuna fiskali biex ristoranti lokali, b'mod temporanju, jingaġġaw koki b'esperjenza fil-kamp internazzjonali: din l-għajnuna tasal sa massimu ta' €10,000.

**Air Malta**

Waħda mill-akbar sfidi li writna fl-2013 kienet l-Air Malta fejn sibna kumpanija li kienet qed titlef miljuni kbar. Minkejja pjan ta' ristrutturar miftiehem mal-Unjoni Ewropea biex insalvaw il-linja tal-ajru nazzjonali, sibna ħafna sħab iswed fuq ix-xefaq.

Il-pjan strategiku tagħna għall-Air Malta hu bbażat fuq għarfien li f’industrija fejn kulħadd qed jikkonsolida, l-Air Malta ma tistax tibqa’ tikkompeti bħala *stand alone airline* bi flotta ta’ tmien jew għaxar ajruplani. Għalhekk nagħrfu l-ħtieġa li niffurmaw parti minn organizzazzjoni tal-ajru akbar għax dan jagħtina vantaġġ fejn jidħlu l-kirjiet tal-ajruplani u x-xiri ta’ żejt, sistemi tal-IT, ecc.

Kull possibilità tibqa’ miftuħa u l-Gvern se jqabbel biss fejn jaqbel lil Air Malta u lil pajjiżna.

**Strateġija ta’ reklamar barra l-pajjiż**

Fil-fehma tal-awtoritajiet li huma responsabbli mill-industrija tat-turiżmu, l-għodod promozzjonali li użajna u għadna nużaw biex nirreklamaw il-gżejjer tagħna mhux dejjem żammew il-pass mal-ħtigijiet li jinbidlu minn żmien għal żmien fis-swieq tat-turiżmu internazzjonali.

Għal din ir-raġuni rridu mhux biss nippromwovu l-gżejjer tagħna b’mod aktar modern u konvinċenti biex nolqtu l-kulturi u l-gosti ta’ nies ġejjin minn pajjiżi differenti. Irridu wkoll nagħmlu użu aktar effettiv ta’ mezzi kontemporanji ta’ komunikazzjoni diġitali li llum għandhom sehem qawwi sew fil-mod kif pajjiż jippożizzjona ruħu aħjar bħala destinazzjoni turistika.

## Strateġija għal Kemmuna

Jekk tassew irridu nippriservaw il-valur uniku li jikseb il-prodott turistiku tagħna bis-saħħa ta' Kemmuna, rridu llum qabel għada nindirizzaw l-isfidi ġejjin l-aktar mid-daqs ta' din il-gżira u n-numru dejjem jiżdied ta' viżitaturi li fix-xhur ta' Lulju u Awwissu jlaħħqu għal madwar 5,000 persuna kuljum.

F'dan l-isfond, is-sena d-dieħla se nkunu qed nirriformaw il-mod kif jiġu organizzati l-attivitajiet għat-turisti fuq din il-gżira u fl-ibħra ta' madwarha fid-dawl tal-pjan nazzjonali għall-ħarsien tal-ambjent naturali tal-gżejjer Maltin.

Wara diskussjonijiet bejn l-imsieħba konċernati, se nkunu qed inwaqqfu kumitat operattiv immexxi mill-Ministeru tat-Turiżmu u li jinkludi rappreżentanti ta' diversi entitajiet u ministeri biex għall-ewwel darba naħdmu flimkien biex Kemmuna tingħata l-istatus ta' Park Nazzjonali. Il-kumitat se jara wkoll li n-Natura 2000 *Management Plan* tal-gżejjer ta' Kemmuna jitwettaq. [18]

## L-Istitut għall-Istudji Turistiċi

Bis-saħħa ta' ftehim ma' għadd ta' istituzzjonijiet lokali u internazzjonali, matul din is-sena beda l-proċess biex l-istudenti jkunu jistgħu minn Settembru 2017 jattendu korsijiet li joffri l-Istitut b'kollaborazzjoni ma' dawn l-istituzzjonijiet u li jwasslu għal livell ta' baċellerat bl-unuri.

Sar ħafna xogħol ukoll biex mill-2017 inniedu skema bil-kollaborazzjoni ta' entitajiet barranin biex dawk li llum jaħdmu fis-settur tal-ospitalità u t-turiżmu isirilhom proċess ta' validazzjoni tal-ħiliet li jkunu kisbu matul is-snin. B'hekk, dawn il-ħaddiema jkunu jistgħu jingħataw ċertifikat akkreditat li bih javvanzaw fil-karriera tagħhom jew ikomplu t-tagħlim f'livelli aktar għolja.

**Il-kontribuzzjoni miġbura mit-turisti**

Wara li minn din is-sena bdejna niġbru kontribuzzjoni ta' 50 ċenteżmu fuq kull lejl li turist iqatta' f'pajjiżna, issa se jkun qed jaħdem *trust*, magħmul minn rappreżentanti tal-Gvern u tal-privat, li jkun inkarigat li jagħżel il-proġetti li għandhom jitwettqu bil-flus miġubra minn dawn il-kontribuzzjonijiet. Dawn il-proġetti se jkunu implimentati mill-aġenzija l-ġdida li se tkun qed tieħu ħsieb id-dehra ġenerali tal-gżejjer Maltin u li se tkun qed tamministra wkoll dawn il-fondi.

B'hekk, inkunu qed nagħtu wkoll rwol akbar lis-settur privat fl-immaniġġjar u t-tisbiħ tal-pajjiż.

**Is-settur tal-konferenzi**

Biex is-settur tal-konferenzi jibqa' sors li jġib dħul tajjeb fl-ekonomija, fl-2017 se nkomplu għaddejjin bi proġett estensiv biex intejbu s-servizzi u l-faċilitajiet fiċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi waqt li fl-istess ħin niġġeneraw dħul ġdid.

**Aktar aċċessibilità għall-ibħra tagħna u titjib fil-prodott kostali**

Il-Ministeru għat-Turiżmu, il-Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi u *Projects Malta* se jvaraw proċessi kompetittivi biex operaturi privati jidħlu fi sħab mal-Gvern u jipprovdu aċċess aħjar għall-ibħra tagħna permezz ta' interventi riversibbli li ma jkollhomx impatt negattiv.

Se jkun hemm ukoll immaniġġjar aħjar tal-bajjiet tagħna; inżidu l-livell ta' sigurtà f'żoni turistiċi prominenti, intejbu l-faċilitajiet sanitarji; u naraw li l-indafa pubblika fil-pajjiż in ġenerali tingħata l-attenzjoni li jixirqilha.

**Inċentivi għas-settur tal-films**

Il-Ministeru għat-Turiżmu u l-Kummissjoni tal-*Films* qed jaħdmu biex intejbu l-pakkett ta' inċentivi għall-produzzjoni tal-*films* u nħajru aktar kumpaniji ta' produzzjoni internazzjonali li jiġu jiffilmjaw f'pajjiżna.  Dan iservi wkoll ta' reklamar għalina bħala destinazzjoni turistika, dak li jissejjaħ *screen tourism*.

Se nkunu qed nagħmlu bidliet oħra fil-*Malta Film Fund* biex ikun aktar effettiv u nagħtu spinta wkoll lill-industrija indiġena tal-iffimjar.

**Riformi fil-qasam tal-ġustizzja**

Sur President, kif ġa għedt, l-organizzazzjoni legali illum tingħata sehem qawwi fil-kejl ta' kemm fuq livell internazzjonali pajjiż hu ippreparat u lest li jħajjar u jilqa' l-investiment. Aħna nagħrfu bis-sħiħ l-importanza ta' dan il-kejl.

Kemm għal din ir-raġuni kif ukoll minħabba l-fatt li aħna rridu li jkollna pajjiż li jimxi fuq ir-*rule of law* skont qafas ta' liġijiet li jirrispettaw id-drittijiet bażiċi ta' kull persuna, aħna nibqgħu impenjati li nkomplu r-riforma fil-qasam tal-ġustizzja li bdejna f'dawn l-aħħar tliet snin.

L-għan ta' din ir-riforma hu ċar: li kull ċittadin għandu dritt li mill-qrati jieħu servizz li hu ġust u li jidher u jinħass li hu ġust, fil-ħin u bla dewmien żejjed. Is-soċjetà kummerċjali tagħna bi dritt ukoll trid li t-tilwim li jista' jinqala' minn żmien għal żmien jiġi solvut malajr.

Il-lista twila ta' riformi li wettaqna fil-ġustizzja, anki fil-qasam kostituzzjonali, wasslu għal titjib fil-kwalità ta' dan is-settur, ġabu aktar ħeffa fil-proċeduri ġudizzjarji u saħħew il-ġudikatura. Madankollu baqa' aktar xi jsir.

Fl-2017 se nkunu qed inwettqu dawn il-miżuri prinċipali:

- nagħfsu biex aktar prosekuzzjonijiet jitmexxew mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u mhux mill-Korp tal-Pulizija;
- nwaqqfu reġistru elettroniku ta' kumpaniji jew persuni dikjarati insolventi;
- inkomplu nsaħħu l-medjazzjoni bħala mod alternattiv biex wieħed jirriżolvi t-tilwim; u
- inkomplu nżidu l-ammont ta' atti ġudizzjarji li jistgħu jiġu preżentati online;

Fl-2017 se nżidu tlett awli ġodda fil-bini tal-Qorti biex l-ammont ta' awli ntellgħuh għal 27 u nagħmlu faċilitajiet infrastrutturali oħra bħal-librerija u *training room* ġdida.

Se nistudjaw bis-serjetà wkoll jekk wasalx il-mument li f'pajjiżna jkollna mill-ġdid sezzjoni tal-Kummerċ fi ħdan il-Qorti Ċivili.
Se nkomplu nsaħħu l-Aġenzija tal-Għajnuna Legali u nwettqu l-wegħda taghna li jiġi assenjat imħallef biex iservi fil-Qorti ta' Għawdex.

Se nkomplu nżidu r-riżorsi u ntejbu iktar il-faċilitajiet eżistenti fil-Qorti tal-Familja.

Fl-2017 irridu wkoll nestendu l-proġett pilota tas-sistema ġdida tal-informatika fil-kamp kriminali.

## Kunsilli Lokali

Biex il-Kunsilli Lokali jkollhom aktar riżorsi, aħna nibqgħu kommessi li fondi li kienu jintefqu kieku jsiru elezzjonijiet lokali fl-2017 għandhom igawdu minnhom  dawn l-istess kunsilli.  Għal dan il-għan qed nipprogrammaw biex, fil-*medium term*, l-allokazzjoni ta' kull sena għad-dispożizzjoni tal-Kunsilli Lokali tkun tirrifletti wkoll fondi ffrankati minħabba l-fatt li dawn l-elezzjonijiet issa mhux se jsiru.

## L-*Urban Improvement Fund* u CPPS

L-Awtorità tal-Ippjanar qed tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Kunsilli Lokali fondi apposta ġo fond, magħruf bħala *Planning Fund*, biex jintuża f'żoni reġjonali tal-Kunsilli Lokali fejn huma rakkomandati inizjattivi mifruxa bejn diversi kunsilli.  Persuni, entitajiet u Kunsilli Lokali jistgħu japplikaw għal dawn il-fondi għat-tisbiħ tal-lokalità u l-Awtorità tiffinanzja sa 70 fil-mija tal-ispejjeż infrastrutturali.

## Infurzar lokali

Il-fatt li issa għandna entità waħda li tirregolarizza l-inforzar lokali – l-Aġenzija għall-Inforzar Lokali (LESA) – wassal għal aktar sens u għaqal fil-mod ta' kif jiġi amministrat l-inforzar.

Fl-2017 il-LESA se tkompli ssaħħaħ il-kampanji tagħha għal tagħlim fis-sewqan u sewqan aħjar. Se tkun qiegħda wkoll timxi fuq riforma fil-kastigi ta' min jikser il-ligijiet tas-sewqan b'mod li fil-każ ta' kontravvenzjonijiet minuri għal darba waħda biss jinħareg *warning ticket* minflok multa. Fl-istess ħin il-LESA se tkun qed tieħu ħsieb b'aktar qawwa l-inforzar ta' reati ambjentali.

Ser inħarxu l-ġlieda kontra s-sewqan taħt l-influenza tax-xorb, filwaqt li ndaħħlu aktar dixxiplina fost is-sewwieqa f'pajjiżna. Dan billi wara konsultazzjoni sejrin indaħħlu s-sistema tal-punti għas-sewwieqa kollha, filwaqt li ngħollu l-pieni għas-sewqan taħt l-influenza ta' alkoħol.

**Monitoraġġ tal-finanzjament tal-partiti politiċi**

Bħala parti mill-proċess ta' monitoraġġ wara li għaddejna l-liġi dwar il-finanzjament tal-partiti, fl-2017 se titqabbad ditta ta' awdituri professjonali li, b'mod indipendenti, tkun qed tiskrutinizza d-donazzjonijiet lil dawn il-partiti.

**Trasparenza fil-ħatra ta' awtoritajiet**

Wara l-bidliet radikali li diġà għamilna favur aktar governanza tajba, din is-sena stess se nkunu qed mmexxu 'l quddiem liġi ġdida li se ddaħħal skrutinju fuq il-ħatra ta' *chairpersons* ta' awtoritajiet ewlenin u ta' ambaxxaturi bl-involviment sħiħ ta' dan il-Parlament.

**Relazzjonijiet industrijali**

Wara diskussjonijiet bejn l-imsieħba soċjali fi ħdan il-Bord għar-Relazzjonijiet Industrijali, matul is-sena li ġejja se jidħlu fis-seħħ emendi importanti fil-liġi tax-xogħol.

Is-sena 2017 se tkun sena li fiha d-Dipartiment tax-Xogħol, minbarra li jkompli jaħdem bis-sħiħ kontra l-prekarjat, jibda jagħmel użu minn sistema elettronika aġġornata li qed tiġi żviluppata li permezz tagħha jkunu jistgħu jsiru spezzjonijiet f'postijiet tax-xogħol f'anqas ħin u b'aktar effiċjenza.

Fil-kuntest tal-proposta li għandu jingħata ħlas ugwali għal xogħol tal-istess valur, fl-2017 se nkunu qed niftħu proċess ta' konsultazzjoni mal-istakeholders kollha involuti, inklużi dawk involuti f'aġenziji ta' xogħol temporanju, biex jinġabar tagħrif sħih dwar l-implikazzjonijiet kollha ta' pass bħal dan li permezz tiegħu l-paga u l-kundizzjoniet tax-xoghol ta' ħaddiema ta' kuntrattur (sub-contractor) ikunu fuq l-istess livell bħal dawk tal-ħaddiema li jkunu tal-post fejn huma jkunu qed jaħdmu.

**Leave tal-mard (*sick leave*)**

Il-Gvern se jniedi proċess ta' konsultazzjoni dwar il-proposta li ġenitur ikun jista' jibbenefika minn *leave* tal-mard meta jimirdu t-tfal.

**Għajnuna finanzjarja f'każ ta' inċident fatali jew gravi fuq il-post tax-xogħol.**

F'dan il-kuntest nixtieq infakkar l-impenn tagħna li nevalwaw il-possibilità li tiddaħħal xi forma ta' protezzjoni ta' assigurazzjoni sew lill-membri tal-korpi dixxiplinati kollha kif ukoll imjegati oħra tal-Gvern.

Din il-miżura se nwettquha tul is-sena li ġejja u se tapplika għal kull impjegat fis-servizz pubbliku.

Filwaqt li l-Gvern irid jiżgura li kull impjegat tiegħu jingħata ilbies protettiv adattat għax-xogħol tiegħu u t-taħriġ neċessarju, fil-każ sfortunat li impjegat waqt il-qadi ta' dmirijietu jsofri korriment li jwassal għal diżabilità permanenti li ma tħallihx ikompli jaħdem, jew fil-każ li impjegat jitlef ħajtu, il-Gvern jagħti kumpens finanzjarju lill-impjegat jew lill-werrieta, mingħajr ma jkun hemm għalfejn li tinfetaħ kawża legali.

Matul is-sena id-dieħla l-impjegati kollha fis-servizz pubbliku se jkunu qed jingħataw aktar dettalji fuq din il-miżura.

**Liġijiet ġodda għall-2017**

Is-sena li ġejja se nkunu qed immexxu proposti ta' liġijiet dwar il-koabitazzjoni u kontra l-prattiċi ta' konverżjoni.

**Għoti tad-demm minn persuni omosesswali**

Is-sena li ġejja se nwettqu pass ieħor lejn soċjetà li tirrispetta tassew u bil-fatti l-orjentazzjoni sesswali ta' persuni LGBTI meta se nagħmlu proċess ta' konsulatazzjoni dwar l-għoti tad-demm minn persuni omosesswali.

**Vot miż-żgħażagħ**

Wara li tajna dritt liż-żgħażagħ ta' 16-il sena li jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u tal-Kumitati Amministrattivi, il-pass li jmiss hu l-ftuħ ta' konsultazzjoni biex nanalizzaw b'moħħ miftuħ l-estensjoni ta' dan id-dritt għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u dawk ġenerali.

**Il-volontarjat**

Fis-settur volontarju se nkunu qegħdin, permezz ta' emendi fil-liġi dwar il-volontarjat, inkomplu nsostnu dan is-settur filwaqt li nżidu t-traparenza u l-kontabilità.

Wara li fl-aħħar sentejn, f'koperazzjoni mal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, waqqafna żewġ ċentri fil-Belt Valleta u fil-Qawra, fil-bidu tal-2017 se nkunu qed niftħu ċentru fir-Rabat u ieħor f'Marsaxlokk.

Biex insostnu u ninkoraġġixxu l-volontarjat, se nkunu qed nestendu l-iskema ta' stipendji għal żgħażagħ li jagħmlu volontarjat barra minn Malta.

---

[1] Hawn ta' min jgħid li wara evalwazzjoni tal-operazzjonijiet ta' self li l-Bank kien propost li jagħmel, il-kapital u l-fondi li kellhom jintużaw biex jiffinanzjaw is-self, il-garanzija li l-bank kien se jkollu minn għand il-Gvern kif ukoll il-governanza u l-awtonomija li l-Gvern kien qed jipproponi li jkollu l-Bank, il-Eurostat approvat li l-Bank ma jitqiesx bhala parti mill-Gvern ġenerali u ma jidħolx fil-finanzi pubblici u dejn tal-Gvern.

[2] Diġà sar ħafna xogħol preparatorju fuq din il-proposta u saru wkoll konsultazzjonijiet mal-banek li joperaw fil-qasam tal-iffinanzjar tal-kummerċ (*trade finance*) biex niżguraw sew l-appoġġ kif ukoll l-interess tagħhom fi skema ta' kreditu għall-esportazzjoni.

[3] Iktar ma jkun għoli l-perċentwal ta' ishma offruti lill-pubbliku, iktar ikun it-tnaqqis fuq it-taxxa fuq il-qligħ kapitali.

[4] L-investiment totali f'pensjoni privata li kumpanija tagħmel se jkun ikkunsidrat bħala spiża rikurrenti għal fini ta' kalkulazzjoni ta' taxxa għal dik il-kumpanija.

Barra minn hekk, il-kumpanija ser tkun qed tingħata kreditu ta' taxxa addizzjonali ta' €150 għal kull elf ewro li tinvesti f'isem l-impjegati tagħha. Dan ifisser li għal kull elf ewro li kumpanija tinvesti fuq kull impjegat, fir-realtà l-impatt finanzjarju għal kumpanija se jkun ta' €500.

Biex nagħtu opportunità li anki *self employed* u *employers* ta' negozji żgħar ikunu jistgħu jdaħħlu l-ħaddiema tagħhom f'dawn l-iskemi ta' pensjoni privata, se nemendaw il-regoli dwar il-pensjonijiet privati biex ikun possibbli li assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw setturi ta' negozji jistgħu jamministraw dawn l-iskemi ta' pensjonijiet kollettivi f'isem l-impjegati tal-membri tagħhom u n-negozji żgħar igawdu mill-istess inċentivi fiskali imsemmijja.

Barra minn hekk, għal impjegat, dan l-investiment f'ismu mill-*employer* tiegħu mhux se jiġi ikkunsidrat bħala *fringe benefit* u allura ma jħallasx taxxa fuqu.

Fl-istess ħin impjegat se jingħata ċans li jinvesti f'din l-istess skema u jekk jagħmel hekk, jingħata tnaqqis mit-taxxa sa massimu ta' €150 fis-sena, skont l-investiment li jkun għamel. L-inċentiva ta' tnaqqis ta' taxxa marbuta mal-iskema tat-*Third Pillar Pension* ser tibqa' tingħata wkoll.

Dan ifisser li f'familja tradizzjonali fejn il-mara u r-raġel ikunu f'impieg u kull wieħed minnhom jinvesti fi skema ta' pensjoni privata fuq ix-xogħol kif ukoll fit-*Third Pillar Pension*, bħala familja se jkunu qed jiffrankaw tnaqqis ta' taxxa sa massimu ta' €1,100 kull sena.

Il-Gvern se jikkonsulta mas-imsieħba soċjali u dawk involuti f'dan il-qasam biex din il-miżura tidħol fis-seħħ.

[5] Wara li ntlaħaq ftehim ma' Ablecare Oilfield Services Holdings Limited biex jiġi żviluppat ċentru marittimu fis-sit industrijali fejn qabel kien hemm il-Marsa Shipbuilding Yard, fl-2017 din il-kumpanija ewlenija fl-industrija tat-tiftix taż-żejt u gass se tkun għaddejja bil-pjan tagħha li tinvesti aktar minn €50 miljun f'dan il-proġett.

[6] Bħala l-ewwel pass biex nisfruttaw il-potenzjal tagħna bħala bażi internazzjonali tal-loġistika, tfassal pjan biex permezz ta' *public private partnership* jiġi żviluppat ċentru internazzjonali ta' loġistika fuq sit ta' madwar 40,000m² f'Hal Far b'investiment totali ta' €80 miljun. Bis-saħħa ta' dan il-proġett hemm il-ħsieb li jsir ukoll titjib sinjifikanti fil-faċilità ta' *groupage* fl-istess sit.

[7] Dan il-fond ta' mhux aktar minn €100,000 se jgħin biex jitnaqqas id-distakk tal-bidu bejn laboratorju u l-iżvilupp għas-suq u tipprovdi appoġġ għal riċerktaturi u intraprendituri.

[8] Sa issa l-Malta Enterprise approvat l-allokazzjoni ta' aktar minn 27 kumpanija b'aktar minn 6,000m² ta' spazju fil-Life Sciences Park. Fl-2017 il-Malta Enterprise se tkompli għaddejja bil-ħidma tagħha biex tattira lejn pajjiżna aktar investiment fis-settur tar-riċerka u innovazzjoni u hemm prospetti sbieħ li jkomplu jiżdiedu l-kumpaniji li joperaw minn dan is-sit.

[9] Għalkemm is-settur tal-gaming hu t-tieni l-akbar settur f'Malta, l-Awtorita tagħraf li l-industrija mhux issib biżejjed persuni li għandhom il-ħiliet neċessarji biex jaħdmu f'dan il-qasam. Għal dan il-għan ħasset il-ħtieġa li jkun hawn akkademja jew istitut fuq it-tagħlim li hu neċessarju għal min irid jaħdem f'din l-industrija. Għal dan il-għan qed jiġi varat il-European Gaming Institute of Malta biex jiżgura li t-tagħlim li qed jiġi offrut ikun ta' livell u rikonoxxut mill-industrija.

[10] Fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena hu stmat li s-settur tal-ICT f'Malta ikkontribwixxa madwar 6.1% għall-valur miżjud fl-ekonomija.

[11] Bħala parti minn dan il-proġett madwar 50 intrapriża se jirċievu assistenza waqt li hu mistenni li dawn l-espansjonijiet se jwasslu għal żieda ta' madwar 20 impjieg ġdid. Fix-xhur li ġejjin mistenni joħroġ it-tender tax-xogħol ta' dan il-proġett.

[12] F'dan il-proġett fl-ispazju battal fiż-żona industrijali tax-Xewkija magħruf bħala l-Ħofra se jiġu żviluppati 15-il *business workshop* ġdid b'total ta' madwar 5,400m² għal attività industrijali waqt li f'parti mis-sit illum okkupata mill-Malta Dairy Products se tiġi żviluppata faċilità li sservi għal għanijiet differenti biex takkomoda, fost setturi oħra, operazzjonijiet bħalma huma servizzi finanzjarji, ICT, riċerka u taħriġ. B'kollox madwar 25 intrapriża mistennija jibbenefikaw minn dan il-proġett u bejniethom joħolqu madwar 150 impjieg ġdid.

[13] Wara li iżżarmat l-istruttura tal-ħadid fejn qabel kien hemm il-fabbrika Dowty u beda x-xogħol biex dan is-sit isir centru għall-manifattura tal-ikel, intlaħaq ftehim biex għadd ta' kumpaniji ewlenin f'dan is-settur jimxu lejn din iż-żona fix-xhur li ġejjin.

[15] Iż-żmien neċessarju biex jitwaqqaf negozju ġdid se jinżel għal 3 ijiem mill-1 ta' Jannar 2017. Minn dak in-nhar ħwienet u postijiet oħra kummerċjali li qabel kienu jeħtieġu liċenzja tal-kummerċ taħt Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 mhux se jkollhom aktar il-ħtieġa ta' liċenzja tal-kummerċ biex imexxu l-attività kummerċjali tagħhom. L-istess japplika għal dawk li kienu jeħtieġu liċenzja tal-kummerċ biex iwettqu l-attività tagħhom għand il-klijent, jiġifieri mhux minn binja kummerċjali. Bis-saħħa ta' din il-miżura, dawn in-negozji se jiffrankaw bejniethom aktar minn €1.3 miljun fis-sena. Fl-istess ħin kull min jixtieq jibda negozju, se jkun jista' jagħmel hekk permezz ta' applikazzjoni *online*.

[16] Wara konsultazzjoni pubblika wiesa', il-gvern se jimplimenta tibdil fil-ħinijiet tal-ftuħ għal ħwienet u postijiet kummerċjali oħra. Filwaqt li dawk li ġa għandhom il-possibilità li jiftħu f'festi pubbliċi u l-Ħdud se jibqgħu jżommu dan id-dritt, il-postijiet kummerċjali l-oħra kollha se jingħataw il-possibilità li jiftħu l-Ħdud filwaqt li jagħżlu ġurnata oħra li fiha jkunu obbligati li jżommu l-post magħluq. B'dan il-mod instab bilanċ ġust bejn l-interessi kummerċjali u dawk tal-pubbliku u tal-ħaddiema konċernati.

Fl-istess ħin bħala servizz ġdid lin-negozji u l-pubbliku, id-Dipartiment tal-Kummerċ se jibda jżomm reġistru tan-negozji bil-ħinijiet tal-ftuħ rispettiv ta' kull wieħed minnhom. Dan it-tagħrif ikun aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' *app* fejn wieħed ikun mhux biss jista' jillokalizza ħanut kummerċjali permezz ta' google map iżda jkollu wkoll tagħrif dwar il-ħinijiet ta' meta jkun miftuħ.

[17] Fil-kuntest ta' Masterplan bil-ħsieb ewlieni li jtejjeb din iż-żona, fl-2017 il-Fondazzjoni se tieħu ħsieb li jsir *branding* tal-Mrieħel bħala *central business district* u tfittex soluzzjonijiet għall-problema ta' parkeġġ. Il-Fondazzjoni trid ukoll tidentifika mod kif se jiġi ffinanzjat l-iżvilupp ta' toroq ewlenin u tiswijiet ta' toroq oħra fiż-żona inkluż dawl *eco-friendly*.

[18] Jeħtieġ li l-operaturi kollha f'Kemmuma jimxu fuq parametri maqbula u biex niżguraw li kulħadd jagħti sehemu u jimxi mal-ftehim, se nappuntaw ukoll numru żgħir ta' *rangers* ambjentali.

Wara li nagħmlu l-istudji meħtieġa, irridu naslu biex nistabbilixxu n-numru ta' turisti li l-gżira kapaċi tilqa' bla ma tnaqqas jew titlef mill-attrazzjonijiet ewlenin tagħha u nsibu sistema biex namministraw l-inżul tal-viżitaturi fuqha. Irridu ndaħħlu wkoll arranġamenti ġodda u effiċjenti għall-ġbir ta' kontribuzzjoni ambjentali li tmur għall-immaniġġjar ta' din il-gżira.

## Saħħa, sport u kultura

Il-prijoritajiet tagħna fil-qasam tas-saħħa matul din il-leġiżlatura huma indirizzati biex innaqqsu ż-żmien ta' stennija għall-operazzjonijiet u fl-emerġenza; naħdmu fuq il-problema ta' nuqqas ta' sodod, u nsibu tarf il-problema ta' mediċini *out of stock*.

Dan għamilnih b'suċċess waqt li komplejna ntejbu aktar l-aċċess u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa fl-oqsma kollha.

Ħdimna wkoll biex ftaħna l-bibien għal investiment privat b'inizjattivi ma' investituri li għandhom iwasslu għal tiġdid u aktar sostenibilità f'bosta oqsma fis-servizz lokali tas-saħħa. Qed nirreferi għall-investiment qawwi ta' €200 miljun fl-iSptar Ġenerali ta' Għawdex, l-iSptar San Luqa u l-iSptar Karin Grech.

Saru wkoll numru ta' *public private partnerships* biex, b'kollaborazzjoni mas-settur privat, noffru servizzi aktar effiċjenti.

Fl-istess ħin qed isir investiment dirett mis-settur privat li jikkumplimenta l-ħidma tagħna.

L-għanijiet ewlenin tagħna fl-2017 huma li nkomplu naħdmu biex inqarrbu s-servizz tas-saħħa aktar lejn iċ-ċittadin waqt li nkomplu ntejbu l-kwalità tas-servizzi li noffru lill-poplu tagħna.

Insemmi dak li se nwettqu fl-2017.

**Kura primarja**

Biex inkomplu nespandu l-kura primarja, fl-2017 se nagħtu bidu għal hub reġjonali fis-sit fejn kien hemm il-*ground* Pace Grasso f'Raħal Ġdid u nkomplu l-programm biex nirranġaw ċentri oħra tas-saħħa. Se nibdew proġett ieħor fl-2017 li se jwassal għal ċentru tas-saħħa ġdid f'Ħal Kirkop.

**Sptar ġdid speċjalizzat fil-kura għall-ommijiet u tfal**

Se nibdew ukoll il-ħidma li se twassal biex fis-snin li ġejjin ikollna sptar speċjalizzat fil-kura għall-ommijiet u tfal.[1]

**Skema tal-iSpiżjar tal-Għażla Tiegħek**

Taħt l-iskema tal-iSpiżjar tal-Għażla Tiegħek, fl-2017 il-proġett pilota biex inwasslu l-mediċini fid-djar ta' pazjenti 'l fuq minn 70 sena jew li għandhom problemi ta' mobilità se jilħaq aktar lokalitajiet.

Fl-2017 se nibdew inwasslu wkoll lill-pazjenti fid-djar tagħhom trattament li jkun goff jew tqil wisq biex jinġarr.

**Saħħa mentali**

Ser naraw kif inħaddmu il-mudell ta' *public private partnership* fil-qasam tas-saħħa mentali li jwassal għall-irranġar tal-iSptar Monte Karmeli u għal sptar ġdid għal kura akuta psikjatrika.

Se nkomplu nsaħħu s-sapport fil-komunità anki fil-qasam tas-saħħa mentali b'ħidma ma' NGOs biex inżidu l-firxa ta' servizzi qrib iċ-ċittadin.

**Sptar Mater Dei**

Fl-iSptar Mater Dei se nibdew proċess ieħor ta' investiment f'tagħmir mediku biex dan l-isptar ikompli joffri servizzi ta' kwalità u b'aktar effiċjenza.

Fi ħsiebna wkoll li, wara li ndirizzajna l-lista ta' stennija għal proċeduri kirurġiċi, inkluż *hip and knee replacement*, fl-2017 nagħmlu l-almu tagħna biex nindirizzaw listi oħra ta' stennija, partikolarment fl-*outpatients* u fit-teatri.

Se nibdew ukoll ix-xogħol fuq proġett li jwassal għall-estensjoni tal-*car park*.

**Ġlieda kontra d-dijabete**

Biex nindirizzaw il-problema tad-dijabete, se nkomplu nintroduċu mediċini ġodda fil-formolarju tal-gvern u nintroduċu insulini ġodda. Se naghtu b'xejn ukoll *glucose sticks* għal min ibati mid-dijabete *Type 1* u *Type 2*.

Wara li fl-2012 il-gvern preċedenti naqqas il-benefiċċji lil pazjenti bid-dijabete, fl-2017 se nintroduċu aktar benefiċċji lil dawn il-persuni. Pazjenti dijabetiċi bil-kartuna s-safra se jibdew jibbenefikaw minn kura dentali bla ħlas; sussidju fuq in-nuċċalijiet; aċċess għal antibijotiċi b'xejn; kif ukoll kura kontra z-zokkor.

B'hekk inkunu daħħlna sistema aktar ekwa.

**Ġlieda kontra l-kanċer**

L-għan tat-tieni pjan tagħna kontra l-kanċer sas-sena 2021 hu li sa dak iż-żmien is-servizzi tagħna kontra l-kanċer jilħqu livell ta' eċċellenza.

Aħna kommessi li nkomplu ninvestu fil-ġlieda kontra l-kanċer. Għalhekk se ninvestu f'mediċini aktar moderni u effettivi. Se ndaħħlu mediċini ġodda kontra l-kanċer fil-formolarju tal-gvern bl-għan aħħari jkun li fuq medda ta' snin il-mediċini għall-kura tal-kanċer ikunu b'xejn.[2]

Il-Gvern se jikkonsulta mal-imsieħba soċjali dwar l-introduzzjoni ta' leave mediku speċjali bi ħlas, b'żieda mal-*leave* ta' mard statutorju, lil ħaddiem b'dijanjożi tal-marda tal-kanċer li jkun qed jingħata trattament jew xi forma ta' kura kontra din il-marda.

Mill-1 ta' Jannar 2017 mhux se jkun permess li jsir tipjip f'karozzi fil-preżenza tat-tfal biex b'hekk insegwu fil-passi ta' pajjiżi żviluppati oħra.

**Iċ-ċimiterju Addolorata u ċ-ċimiterju tal-Mellieħa**

Taht arrangamenti ta' *public public partnership*, fl-2017 se jkun qed isir xogħol fuq estensjonijiet fiċ-ċimiterju Santa Maria Addolorata kif ukoll fiċ-ċimiterju Sultana tal-Vittorji fil-Mellieħa.

**Sport**

Sur President, poplu li jipprattika – aktar milli biss iħobb – l-isport, hu poplu aktar b'saħħtu. Għalhekk is-sena d-dieħla se nwettqu miżuri biex inġibu l-isport aktar qrib in-nies.

**Bini ta' aktar pixxini**

Fil-bidu tas-sena d-dieħla se nibdew ix-xogħol fuq *indoor pool* fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera waqt li deċiżjoni dwar il-bini ta' aktar faċilitajiet simili tittieħed wara li jitlesta l-istudju fuq pixxina oħra f'Wied il-Għajn.

Biex il-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq inġibuha fi stat aħjar, fl-2017 se nkomplu nwettqu programm ta' xogħol fejn se naqilgħu d-*deck* u nagħmluh mill-ġdid u nagħmlu wkoll manutenzjoni tal-art tal-istands.

**Faċilitajiet oħra**

Ser nagħmlu xogħol estensiv fil-Marsa Sports Ground biex faċilitajiet eżistenti jiġu modernizzati u jservu għal dixxiplini differenti.

Qed nippjanaw ukoll li nżidu l-faċilitajiet fl-iskola Marija Assunta fil-Ħamrun għal aktar dixxiplini fosthom *snooker*, *handball, table tennis, table football*, *basketball, darts* u *jogging track*.

Is-sena d-dieħla se nibdew ukoll ix-xogħol fuq kumpless sportiv ġdid f'Santa Venera. Qed nippjanaw ukoll li nimmodernizzaw il-Padiljun f'Ta' Qali li hu wżat mill-Malta Basketball Association. Ser inkunu qed naħdmu wkoll fuq *shooting range* ġdida permezz ta' sejħa pubblika.

Se nagħmlu faċilitajiet għal-laqghat fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera waqt li f'Marsaskala, minbarra l-pixxina li ġa semmejt, se nibnu wkoll ċentru ġdid għall-għaddasa u *ground* tal-*football.*

Fl-2017 se nikkonkludu l-proposta biex il-korsa taż-żwiemel tal-Marsa, flimkien mal-privat, inġibuha fuq livell internazzjonali.

Wara li ħriġna espressjoni ta' interess biex nistudjaw il-possibilità li jkollna *track* tal-karozzi li qajmet interess qawwi, fl-2017 inkunu qed nieħdu deċiżjoni fuq il-pass li jmiss dwar dan il-proġett.

**Kultura**

Għax nemmnu bis-sħiħ li l-arti u l-kultura huma importanti fil-proċess ta' żvilupp nazzjonali, fl-2017 se nkomplu nagħtu l-importanza li tixraq lil dan is-settur bil-miżuri li se nsemmi.

**Fond Nazzjonali għall-Eċċellenza**

Se nwaqqfu Fond Nazzjonali għall-Eċċellenza mmexxi mill-Kunsill Malti għall-Arti li bih ser nagħtu għotjiet lil artisti u professjonisti fl-oqsma kulturali u kreattivi.[3]

**Proġett għal teatri lokali**

Se naħdmu biex aktar minn ħamsin teatru lokali f'Malta u f'Għawdex jiġu żviluppati u jservu għal provi u produzzjonijiet artistiċi. B'hekk sidien privati ta' dawn l-ispazji jistgħu b'mod indipendenti joħolqu pjanijiet strutturali għall-bini u għall-potenzjal artistiku tagħhom. L-għan huwa li tinħoloq skema ta' investiment

biex dawn l-ispazji, wħud minnhom storiċi, jiġu żviluppati bħala spazji għal attività artistika.

**Valletta 2018**

Bis-saħħa ta' Valletta 2018 se nħallu legat ħaj li jgħin ġenerazzjoni ta' artisti jkabbru t-talenti tagħhom. Bi pjaċir nagħraf il-progress sostanzjali reġistrat fit-tħejjija tal-programm kulturali permezz ta' kollaborazzjoni siewja bejn il-Gvern u s-settur privat.

Wara ġenerazzjonijiet sħaħ ta' telqa fil-belt kapitali tagħna, fl-2017 se nkomplu ghaddejjin b'inizjattivi biex insebbħu l-attrazzjonijiet kulturali b'rabta ma' Valletta 2018 u r-riġenerazzjoni tal-Belt.

Fost dawn insibu l-Mużew il-Ġdid tal-Arti (MUŻA) fil-Berġa tal-Italja, il-Valletta Design Cluster fil-Biċċerija l-Antika, ir-riġenerazzjoni ta' Strada Stretta, is-Suq l-Antik, ir-rijabilitazzjoni tal-Knisja tal-Giżwiti, il-Mużew il-Ġdid tal-Arti Kontemporanja, il-faċċata ta' barra tat-Teatru Manoel u r-restawr tal-faċċata ta' Palazzo Ferreria u Palazzo Castellania.

Barra minn dawn ix-xogħlijiet, hemm maħsuba wkoll għadd ta' proġetti oħra marbuta mar-riġenerazzjoni tan-naħa t'isfel tal-Belt Valletta. Fl-2017 se jitnieda proċess biex noħorġu sejħiet biex is-settur privat iressaq proposti għar-riġenerazzjoni tal-Pixkerija u l-bini li hemm fil-qrib f'Moll il-Barriera, tal-binja Evans kif ukoll taċ-ċentru tal-eżamijiet ħdejn il-Forti Sant Iermu.[4]

## Ħarsien ta' wirt storiku

Wara d-*demerger* tal-MEPA f'żewġ awtoritajiet separati, ir-rwol u l-operat tas-Sovraintendenza tal-Patrimonju Kulturali fil-ħarsien tal-wirt storiku ngħataw aktar importanza. Għal dan il-għan, matul is-sena li ġejja se nagħtu izjed riżorsi lis-Sovraintendenza biex taħdem aħjar.

[1] Mill-ftuħ tal-emerġenza tat-tfal fl-isptar Mater Dei, ingħataw il-kura tnax-il elf tifel u tifla matul l-ewwel tmien xhur ta' din is-sena.

[2] Qed ninvestigaw ukoll il-possibilità li nintroduċu facilità ta' testijiet kliniċi f'pajjiżna għal mediċini ġodda kontra l-kanċer.

[3] Dan biex ikunu jistgħu isegwu programmi ta' taħriġ fl-iżvilupp kontinwu u professjonali tagħhom, inkluż programmi ta' taħriġ f'*cultural leadership*.
Biex it-talenti kreattvi taż-żgħażagħ tagħna jkomplu jiżviluppaw, se nwaqqfu programm għal artisti żgħażagħ. Permezz ta' dan il-programm immexxi mill-Kunsill Malti ghall-Arti, artisti żgħażagħ ikunu jistgħu joħolqu proġetti kreattivi u jsegwu programm ta' apprentistat u *mentoring* biex b'hekk ngħinuhom joħolqu karriera fl-industriji kulturali u kreattivi.

[4] Il-ħsieb hu li nibdlu l-użu attwali ta' dawn il-binjiet u s-settur privat jingħata aktar opportunitajiet ta' investiment biex tiżdied l-attività fil-belt kapitali.

## Inkomplu nibnu soċjetà inklussiva

Sur President, nixtieq nikkonkludi dan il-baġit bħal ma bdejtu, billi naraw li l-ġid li jinħoloq jilħaq lil kulħadd. Minbarra l-pakkett ta' miżuri li jagħtu assistenza finanzjarja, il-Gvern qed jimplementa miżuri oħra li permezz ta' servizzi, ċentri, programmi u proġetti oħra se jkomplu jtejbu l-kwalità ta' ħajja tal-familji tagħna.

Nibda billi nsemmi l-għajnuna li ser tingħata fl-oqsma tad-djar.

### *Oqsma tad-Djar*

### Liftijiet u xogħol ta' tisbiħ fil-bini residenzjali tal-Gvern

Lejn l-aħħar kwart tas-sena d-dieħla l-Awtorità tad-Djar, bl-għajnuna ta' fondi Ewropej, ser tagħti bidu ghal proġett importanti mifrux fuq medda ta' sitt snin biex jiġu nstallati liftijiet u jsir xogħol ta' tisbiħ fl-oqsma tal-bini residenzjali tal-Gvern. Ix-xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni fil-partijiet komuni u t-twaħħil tal-liftijiet ser isiru f'211 binja fejn jgħixu madwar 4,400 persuna, fosthom 1,200 anzjan u mitejn persuna b'diżabilità. Barra fil-binjiet infushom ix-xogħol ta' tisbiħ ser isir ukoll fil-madwar tagħhom biex b'hekk ir-residenti jkunu jistgħu jgħixu f'ambjent isbaħ u aħjar.[1]

### Proġett ta' *social housing* ta' €50 miljun

Matul is-sena d-dieħla se jkunu qed jinbnew l-ewwel *units* bħala parti mill-proġett kbir ta' €50 miljun li kont ħabbart fil-Baġit li għadda u li fuq medda ta' 3 snin se jkun qed jirrizulta f'numru konsiderevoli ta' akkomodazzjoni soċjali.[2]

**Assistent personali għal persuni b'diżabilità**

Qegħdin naħsbu biex inniedu skema li permezz tagħha persuna b'diżabilità jkollha l-għajnuna ta' assistent personali skont l-ħtiġijiet tagħha. L-iskema li hija msejsa fuq dik imħaddma mill-*Independent Living Institute* ta' l-Iżvezja, ser tkun miftuħa għal persuni ta' kull età, bl-ispiża tas-servizz tinqasam bejn il-Gvern u dawk li jagħmlu użu mis-servizz.  L-ispiża annwali ser tkun qed tlaħħaq ftit aktar minn €1 miljun.

**Inkomplu l-proġett Soċjetà Ġusta**

Ser inkomplu nagħtu spinta lill-proġett Soċjetà Ġusta, bil-għan li jinħolqu total ta' għaxart idjar żgħar fil-komunità li jilqgħu fihom persuni b'diżabilità. Permezz ta' dawn id-djar, il-ġenituri ta' dawn il-persuni b'diżabilità jkollhom moħħhom mistrieħ għal meta jiġu nieqsa. S'issa lestejna tlett idjar (fis-Siġġiewi, r-Rabat, Għawdex, u ż-Żurrieq) u, għas-sena d-dieħla, qed nippjanaw li jkollna lesti numru ta' djar oħra.

***Ngħinu lill-Anzjani***

**Servizz ta' *Respite***

Ser nintroduċu servizz ta' *respite* immirat għal dawk il-*carers* li jaħdmu b'mod informali iżda direttament fid-dar tal-individwu dipendenti. Bis-saħħa ta' dan is-servizz, kull sitt ġimgħat, dawn il-*carers* ser jingħataw appoġġ biex tingħatalhom ġimgħa ta' mistrieħ, biex f'sena jkollhom massimu ta' tliet perjodi ta' mistrieħ.

B'hekk, niżguraw li dawn il-*carers* ikollhom ħarsien soċjali xieraq u ma jkunux esklużi soċjalment.

### *Meals on Wheels*

It-*tender* tal-*Meals on Wheels* ġie mogħti u huwa maħsub li sal-aħħar ta' din is-sena ser titneħħa l-lista ta' stennija. Dan grazzi għaż-żieda fil-baġit allokat għal dan l-iskop bil-għan li s-servizzi fil-komunità jkomplu dejjem jissaħħu. Il-Gvern ħa ħsieb li jtejjeb il-kwalità tal-ikel u jnaqqas ir-riskji relatati mat-tqassim tiegħu.

### Proġett fil-binja Rużar Briffa

Fil-qasam tal-anzjani, ser tingħata spinta biex il-binja Rużar Briffa f'San Vinċenz de Paule titkabbar u tingħata dehra aħjar. B'hekk, kemm il-pazjenti u kif ukoll il-ħaddiema jkunu jistgħu jgħixu u jaħdmu f'ambjent aħjar. Permezz ta' dan il-proġett l-għadd ta' swali ser jiżdiedu għal sitta u b'hekk inkunu nistgħu noħolqu spazju akbar biex nilqgħu aktar pazjenti f'dan iċ-ċentru.

### Tkabbir u modernizzar fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Imtarfa

Ser jitkabbar u jiġi mmodernizzat iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Imtarfa, sabiex joffri aktar faċilitajiet u jakkomoda aħjar lil dawk il-persuni li jagħmlu użu minnu matul il-ġimgħa.[3]

F'dan il-qasam ser naħdmu biex barra li jiġu msebbħa u mgħammra aħjar l-għaxar ċentri ta' matul il-jum għall-persuni b'diżabilità, jinfetaħ ċentru ieħor ta' din ix-xorta fin-nofs ta' Malta biex jintlaħqu aktar persuni li għandhom bżonn dawn is-servizzi.

## Tkompli l-ħidma fuq il-proġett REACH

Sadanittant, kompliet il-ħidma fuq il-proġett REACH imħabbar is-sena l-oħra li ser isir fin-Naxxar.[4] Dan huwa proġett li jinkorpora fih servizzi differenti addattati għal kulħadd, inklużi persuni b'diżabilità. Permezz ta' dan il-proġett, ser tkompli tiġi ndirizzata l-*waiting list* tal-Aġenzija Sapport, b'servizzi professjonali u b'infrastruttura moderna, iddisinjata fuq il-kunċett tal-*Universal Design*.

## Ħidma għall-ħarsien tas-soċjetà

Il-Fondazzjoni għas-Servizzi għall-Ħarsien Soċjali tħoss li l-aċċess b'superviżjoni bejn it-tfal u l-ġenituri li ma jgħixux magħhom, jew membri oħra tal-familja, huwa importanti ferm. Dan għaliex, dan huwa l-ħin fejn id-diffikultajiet li jkunu qed jiffaċjaw jistgħu jingħelbu u r-relazzjonijiet ta' bejniethom jistgħu jerġgħu jieħdu r-ruħ. Għal dan il-għan, il-Fondazzjoni ser issaħħaħ is-servizz ta' aċċess taħt superviżjoni b'professjonisti mħarrġa u f'post xieraq fejn it-tfal ma jħossuhomx f'riskju u jkunu aktar ħielsa biex jirrelataw mal-familjari b'mod san. Mill-banda l-oħra, il-ġenturi jitgħallmu l-ħiliet li għandhom bżonn biex irabbu lil uliedhom.

## Ċentru Sigur għaż-Żgħażagħ Bniet

Il-Fondazzjoni ser twaqqaf Ċentru Sigur għaż-Żgħażagħ Bniet li jopera fuq sistema terapewtika, bil-ħsieb li jgħin lil dawk iż-żgħażagħ li għandhom imġieba diffiċli li tpoġġi lilhom u lil ta' madwarhom f'periklu u twassalhom biex ixellfu difrejhom mal-liġi. Barra li jinżammu 'l bogħod mill-periklu, f'dan iċ-ċentru jitgħallmu l-

ħiliet li għandhom bżonn biex jgħixu fis-soċjetà u jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-komunità.

### Programm pilota ġdid minn Sedqa

L-aġenzija Sedqa, fi ħdan il-Fondazzjoni, se twettaq programm pilota ġdid iffukat fuq koppji, bi tfal minuri, li jkunu għaddejjin minn proċess ta' separazzjoni, biex tindirizza aħjar il-problemi u l-bżonnijiet tagħhom fl-isfond tal-Politika għal-Trobbija Pożittiva ippublikata mill-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali. Dan il-programm, li qed jitnieda b' kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, ser jindirizza l-ħtiġijiet tas-soċjetà Maltija biex kemm jista' jkun, jiġu evitati l-faqar u l-esklużjoni soċjali, speċjalment fost ulied il-koppji li jkunu għaddejjin minn proċess ta' separazzjoni.

### Fond soċjali għal studenti f'diffikultà

Se noħolqu fond immirat biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' studenti f'diffikultà, mhux biss biex jgħinhom fejn jidħol l-għixien materjali iżda wkoll f'oqsma bħal kultura u sport. Il-ħsieb hu li l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u l-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà jaħdmu flimkien mal-prinċipali tal-kulleġġi u l-kapijiet tal-iskejjel biex jamministraw dan il-fond fl-aħjar interess tal-istudenti.

Għall-ewwel sena ta' dan il-fond qed nallokaw is-somma ta' €1 miljun.

## Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà

Fl-aħħarnett nixtieq insemmi li bl-għajnuna tal-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà ser inkunu nistgħu wkoll ngħinu biex innaqsu problemi assoċjati ma' aspetti partikulari ta' esklużjoni soċjali bħal, ngħidu aħna, dik li ġejja minn tfal li, għal xi raġuni jew oħra, jitilqu kmieni mill-iskola.

---

[1] Il-proġett ser jiswa 'l fuq minn €23 miljun, bi 80 fil-mija minnhom ser jinkisbu mill-Fond Ewropew għal Żvilupp Reġjonali (ERDF).

[2] Barra minn hekk saret applikazzjoni għall-fondi Ewropej sabiex fil-ħames snin li ġejjin isir *upgrading* u *embellishment* tal-*housing estates* kollha f'pajjiżna. Permezz ta' dan il-proġett propost se nkunu qed ninstallaw mijiet ta' *lifts* fi blokok fejn hemm persuni bi problemi ta' mobilità, il-partijiet komuni fil-blokok tal-appartamenti ser jiġu rranġati u se jsiru xogħlijiet kbar ta' *landscaping*.

[3] Il-proġett huwa maħsub fuq medda ta' tliet snin u ser jiswa' mad-€9 miljun. L-ewwel żewġ fażijiet mistennija jkunu lesti sal-aħħar tal-2017.

[4] Tlesta x-xogħol preparatorju kollu u ġiet sottomessa applikazzjoni għall-fondi Ewropej

## Għeluq

Sur President, dan il-baġit li ħabbart hu bbażat fuq tbassir responsabbli u prudenti. Bħat-tliet baġits ta' qablu bnejna l-miżuri tal-baġit b'mod realistiku. It-*targets* fiskali jistgħu jintlaħqu kollha, bil-piż tad-dejn nistennewh jaqa' għal taħt is-60 fil-mija.

Ħsibna mhux biss għas-sena li ġejja, imma anke għas-snin ta' wara.

Għadda ż-żmien fejn partijiet sbieħ tal-baġits jibqgħu fuq il-karta għax ikunu bbażati fuq tbassir li kien imur żmerċ.

Għandi pjacir ngħid li taħt dan il-Gvern, dan la seħħ u l-anqas mhu ser iseħħ.

B'hekk biss qed jirnexxilu l-Gvern Malti jirbaħ il-fiduċja tal-familji, tan-negozji, u tal-istituzzjonijiet finanzjarji u politiċi internazzjonali.

L-'A-' *rating* ta' pajjiżna ma' Standard and Poor's ilħaqnih għax ġejna *upgarded* mhux għax ġejna *downgraded*. Dik hi d-differenza.

Fl-istess ħin, bnejna mill-ġdid is-saħħa ekonomika ta' pajjiżna. Tajna ħajja ġdida lil daqstant eluf ta' żgħażagħ bla xogħol u eluf ta' persuni dipendenti fuq il-benefiċċji soċjali, eluf ta' nisa li riedu imma ma setgħux joħorġu jaħdmu, u eluf ta' pensjonanti bi dħul baxx. Eluf kbar li kienu tħallew fil-ġenb minn dak ta' qabilna.

Sur President, f'dan id-diskors urejt biċ-ċar li minkejja dawn is-suċċessi, il-kbir għal pajjiżna għadu ġej. B'ekonomija b'saħħitha, pajjiżna jista' jiddeċiedi hu l-futur tiegħu.

B’ dan il-baġit qed naraw li tassew il-ġid jasal għand kulħadd.

Grazzi.

*STATEMENT* **A**

**DĦUL 2016 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MIT-TAXXI** | | | | | | |
| Diretti - | Taxxa tad-Dħul | 1,206,700,000 | 1,246,000,000 | 39,300,000 | - | Mistenni dħul aktar minħabba żieda fl-infurzar kif ukoll mit-tkabbir ekonomiku. |
| | Sigurta` Soċjali | 785,700,000 | 798,000,000 | 12,300,000 | - | Minħabba li kien hemm tnaqqis f'dawk il-persuni li jirreġistraw għax-xogħol u żieda fl-impjiegi, mistenni dħul akbar minn dak previst waqt il-preparazzjoni tal-baġit. |
| Indiretti - | Dwana u Sisa | 283,980,000 | 284,420,000 | 440,000 | - | Għalkemm se jkun hemm dħul anqas minn *Machine-Made Cigarettes* u *Non-Alcoholic Beverages*, mistenni dħul akbar minn dak previst taħt *Import Duty - Ad Valorem* u *Cement*. |
| | Liċenzji, Taxxi u Multi | 274,458,000 | 297,113,000 | 22,655,000 | - | Ir-reviżjoni fuq l-istima oriġinali hija dovuta minħabba dħul akbar mit-taxxa fuq dokumenti. |
| | Taxxa fuq il-Valur Miżjud | 729,000,000 | 735,000,000 | 6,000,000 | - | Minħabba t-tkabbir ekonomiku, huwa mistenni li sa l-aħħar tas-sena d-dħul se jkun akbar minn dak previst. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MIT-TAXXI** | | **3,279,838,000** | **3,360,533,000** | **80,695,000** | | |

*STATEMENT* A

**DĦUL 2016 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL IEĦOR** | | | | | |
| Drittijiet ta' Uffiċċju | 51,150,000 | 60,974,000 | 9,824,000 | - | Dħul akbar minn dak previst hu mistenni mill-*Individual Investor Programme* . |
| Ħlas lura lid-Dipartimenti | 30,195,000 | 30,095,000 | - | 100,000 | |
| Korporazzjonijiet Pubbliċi | 815,000 | 0 | - | 815,000 | Wara l-konverżjoni f'*public limited company* , dan il-pagament m'għadux dovut lill-Gvern minħabba li l-investiment kapitali u *debentures* ġew trasferiti f'ishma kapitali. |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 50,000,000 | 50,000,000 | - | - | |
| Kera | 30,680,000 | 31,374,000 | 694,000 | - | Dħul akbar huwa mistenni prinċiparjament minn *Rents of non-residential tenements* u *Payments for encroachment on Government property* . |
| Profitti minn Investimenti | 37,150,000 | 39,376,000 | 2,226,000 | - | *Dividends* ogħla minn dawk previsti huma mistennija mill-*Enemed* u mill-*Libyan Arab-Maltese Holding Co. Ltd* . |

*STATEMENT* A

**DĦUL 2016 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| Interessi fuq self mogħti mill-Gvern | 356,000 | 358,500 | 2,500 | - | |
| Għotjiet Barranin | 99,468,000 | 81,402,000 | - | 18,066,000 | Ir-rimborż oriġinali se jkun anqas milli stmat għalkemm il-bilanċ huwa mistenni li jidħol tul is-sena d-dieħla (2017). |
| Dħul Mixxellanju | 33,592,000 | 29,775,431 | - | 3,816,569 | Id-dħul taħt din il-kategorija huwa mistenni li jkun anqas minn dak previst waqt il-preparazzjoni għall-baġit prinċiparjament minn Bejgħ ta' Artijiet tal-Gvern. Dan in-nuqqas se jiġi kkumpensat minn dħul akbar minn *Proceeds from sale of MG stocks by auction* , *Concession Fees* u minn rimborż fuq depożiti ta' akkomodazzjoni tas-Summit taċ-*CHOGM* . |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL IEĦOR** | **333,406,000** | **323,354,931** | | **10,051,069** | |
| **DĦUL TOTALI** | **3,613,244,000** | **3,683,887,931** | **70,643,931** | | |

## *STATEMENT* A
## DĦUL 2016 : ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MHUX ORDINARJU** | | | | | |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | 600,000,000 | 600,000,000 | - | - | |
| Ħlas lura ta' self mogħti mill-Gvern | 11,986,000 | 11,984,000 | - | 2,000 | |
| Dħul Straordinarju | 889,000 | 1,131,000 | 242,000 | - | Dan l-ammont jirrappreżenta dħul mit-trasferiment tal-*Malta Public Transport Services* għal din is-sena. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MHUX ORDINARJU** | **612,875,000** | **613,115,000** | **240,000** | | |
| **DĦUL GLOBALI** | **4,226,119,000** | **4,297,002,931** | **70,883,931** | | |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 Uffiċċju tal-President | 3,868,000 | 4,314,000 | 446,000 | - | Hija meħtieġa żieda fl-allokazzjoni tal-*Operational and Maintenance Expenses* (primarjament fit-*Travel* u *Equipment*). |
| 2 Kamra tad-Deputati | 9,194,000 | 6,663,000 | - | 2,531,000 | In-tnaqqis seħħ primarjament fir-*Rent* u *Contractual Services* minħabba iż-żmien meħtieġ għall-*handover* tal-bini tal-Parlament il-ġdid. |
| 3 Uffiċċju tal-*Ombudsman* | 1,025,000 | 1,025,000 | - | - | |
| 4 Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | 2,900,000 | 2,900,000 | - | - | |
| 5 Uffiċċju tal-Prim Ministru | 27,201,000 | 33,671,000 | 6,470,000 | - | Meħtieġa żieda fil-kategorija tal-*Operational and Maintenance Expenses* (primarjament fit-*Travel Information Services* u *Professional Services*), kif ukoll fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (primarjament fic-*CHOGM 2015* u *EU-Africa Summit*). |
| 6 Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku | 681,000 | 634,000 | - | 47,000 | |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 Informazzjoni | 1,350,000 | 1,202,000 | - | 148,000 | |
| 8 Stamperija tal-Gvern | 1,434,000 | 1,335,000 | - | 99,000 | |
| 9 Uffiċċju Elettorali | 2,099,000 | 2,012,000 | - | 87,000 | |
| 10 Taqsima Propjeta' tal-Gvern | 5,275,000 | 7,181,000 | 1,906,000 | - | Se jkun hemm żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives*, biex tkopri l-ispejjeż marbuta ma' *Dues to Malita Investments Plc*. |
| 11 Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali | 32,867,000 | 33,416,000 | 549,000 | - | Fondi addizzjonali huma meħtieġa fil-kategorija tal-*Personal Emoluments* (primarjament fis-*Salaries and Wages*). |
| 12 Ministeru għall-Affarijiet Barranin | 30,326,000 | 28,818,000 | - | 1,508,000 | Tnaqqis huwa mistenni taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments*, primarjament fis-*Salaries and Wages*. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 13 Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol | 242,364,000 | 252,922,000 | 10,558,000 | - | Hija mistennija żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments*, (primarjament fis-*Salaries and Wages*). Iż-żieda hija mistennija ukoll taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (primarjament fil-*Learning Support Assistants in Private Schools*), u fil-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* (primarjament taħt il-*Foundation for Educational Services*, *Employment and Training Corporation*, *Malta Council for Science and Technology* u *Commission for Higher Education*). |
| 14 Edukazzjoni | 216,059,000 | 216,202,000 | 143,000 | - | Hija mistennija żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Operational and Maintenance Expenses* (fl-*School Transport*). |
| 15 Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima | 66,303,000 | 65,056,000 | - | 1,247,000 | Tnaqqis fin-nefqa hu mistenni taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* (primarjament taħt *Salaries and Wages*) u mit-tnaqqis fl-allokazzjoni meħtieġa minn l-*Environmental and Resources Authority* fl-2016. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 16 Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura | 95,149,000 | 94,203,000 | - | 946,000 | Huwa mistenni tnaqqis fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages*) li parti minnha se tagħmel tajjeb għan-nefqa akbar fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (*Scrappage Scheme*). |
| 17 Ministeru għal Għawdex | 29,759,000 | 28,914,000 | - | 845,000 | Huwa mistenni tnaqqis fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments*, primarjament fis-*Salaries and Wages*. |
| 18 Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili | 12,043,000 | 12,990,000 | 947,000 | - | Hija mistennija żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments*, primarjament fis-*Salaries and Wages*, u taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (*Assistance to Non-Governmental Organisations*). |
| 19 Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali | 1,419,000 | 1,521,000 | 102,000 | - | |
| 20 Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar | 34,434,000 | 36,127,000 | 1,693,000 | - | Hija mistennija żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Operational and Maintenance Expenses*, primarjament *Information Services*, *Contractual Services* u *Professional Services*. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 21 Kummerċ | 2,015,000 | 1,999,000 | - | 16,000 | |
| 22 Ministeru għall-Finanzi | 119,874,000 | 112,126,000 | - | 7,748,000 | Parti mit-tnaqqis fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (primarjament taħt l-*EU Own Resources' cash payments* ) ġiet utilizzata taħt il-*Compensation Payments* . |
| 23 It-Teżor | 11,314,000 | 12,044,000 | 730,000 | - | Hija mistennija żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* , primarjament taħt *Interest Expenditure/SEPA Banking Charges* . |
| 24 Pensjonijiet | 91,124,000 | 95,124,000 | 4,000,000 | - | Se jkun hemm żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* , primarjament taħt *Pensions & Gratuities* . |
| 25 Ħlasijiet fuq Self | 761,105,000 | 769,579,000 | 8,474,000 | - | Parti mit-tnaqqis taħt il-kategorija ta' l-*Interest* (*MGS and Treasury Bills* ) se tikkumpensa għaż-żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tad-*Direct Loan Repayment* . |
| 26 Taxxi Interni | 8,309,000 | 8,161,000 | - | 148,000 | |
| 27 V.A.T. | 6,181,000 | 6,143,000 | - | 38,000 | |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 28 Dwana | 11,287,000 | 11,190,000 | - | 97,000 | |
| 29 Kuntratti | 1,999,000 | 1,692,000 | - | 307,000 | Tnaqqis huwa mistenni taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* , primarjament fis-*Salaries and Wages* . |
| 30 Politika Ekonomika | 1,462,000 | 1,286,000 | - | 176,000 | Tnaqqis huwa mistenni taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* , primarjament fis-*Salaries and Wages* . |
| 31 Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa | 73,754,000 | 73,374,000 | - | 380,000 | Huwa mistenni li jkun hemm tnaqqis fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (*Eco Reduction* u *Hotel Energy Efficiency Scheme* ) u fil-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* taħt l-*Engineering Resources Ltd* , filwaqt li fondi addizzjonali huma meħtieġa fil-kategorija tal-*Operational and Maintenance Expenses* (*Professional Services)* , fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (*Projects Malta)* u fil-kategorija tal-C*ontributions to Government Entities* (*Water Services Corporation)* . |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 32 Saħħa | 466,889,000 | 495,226,000 | 28,337,000 | - | Fondi addizjonali huma meħtieġa fil-kategorija tal-*Operational and Maintenance Expenses* (primarjament taħt *Contractual Services*). Hija mistennija żieda fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives*, primarjament taħt *Special Treatment by Foreign Experts*, *Medicines & Surgical Materials*, *Pharmacy of Your Choice* u *Medical Beds at Gozo General Hospital*. Hija mistennija żieda wkoll fil-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* (*Karen Grech Rehabilitation Centre*), li parti minnha ġiet ikkumpensata minn tnaqqis fin-nefqa taħt *Waiting Lists for Medical Services* u *National Diabetes Strategy*. |
| 33 Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali | 59,917,000 | 60,805,000 | 888,000 | - | Kien hemm żieda fin-nefqa fil-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* (primarjament taħt *Sedqa*, *Appoġġ* u *Housing Authority*) li ġiet ikkumpensata fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (primarjament taħt *Residential Homes for Disabled* u l-*Assistance to Help the Elderly Live Independently*). |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 34 Politika Soċjali | 269,825,000 | 273,797,000 | 3,972,000 | - | Żieda akbar fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* taħt l-*State Contribution in terms of the Social Security Act, 1987* li jirrifletti żieda fil-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali għas-sena 2016. |
| 35 Benefiċċji tas-Sigurta' Soċjali | 898,700,000 | 895,300,000 | - | 3,400,000 | Tnaqqis ġie rreġistrat taħt il-kategorija tal-*Contributory Benefits* , primarjament fl-*Invalidity Pensions* u *Bonus* , kif ukoll fil-kategorija tan-*Non-Contributory Benefits* taħt iċ-*Children's Allowance* , *Social Assistance* (li jinkludi *In-work Benefit* ) u *Bonus* . Filwaqt li fondi addizzjonali kienu meħtieġa fil-kategorija tal-*Contributory Benefits* (*Retirement Pensions* u *Widows Pensions* ) u fil-kategorija tan-*Non-Contributory Benefits* (*Old Age Pensions* u *Disability Pensions/Allowance* ). |
| 36 *Standards* fil-Ħarsien Soċjali | 1,232,000 | 1,152,000 | - | 80,000 | |
| 37 Anzjani u Kura fil-Komunita' | 88,025,000 | 91,575,000 | 3,550,000 | - | Hija meħtieġa żieda taħt il-kategorija *Operational and Maintenance Expenses* (primarjament fil-*Contractual Services* ). |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 38 Ministeru għall-Ġustizzja , Kultura u Gvern Lokali | 37,906,000 | 39,477,000 | 1,571,000 | - | Hija mistennija żieda fin-nefqa fil-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* .. |
| 39 Servizz Ġudizzjarju | 13,956,000 | 13,649,000 | - | 307,000 | Tnaqqis huwa mistenni fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* ). |
| 40 Gvern Lokali | 40,286,000 | 40,097,000 | - | 189,000 | Tnaqqis huwa mistenni fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages* ). |
| 41 Ministeru għat-Turiżmu | 50,791,000 | 63,056,000 | 12,265,000 | - | Żieda akbar fil-kategorija tal-*Personal Emoluments* taħt is-*Salaries and Wages* , u fil-kategorija tal-*Operational and Maintenance Expenses* (*Contractual Services* u *Professional Services* ), kif ukoll fil-kategorija tal-*Contributions to Government Entities* taħt il-*Malta Tourism Authority* . |
| 42 Ministeru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali | 16,777,000 | 14,646,000 | - | 2,131,000 | Mistenni tnaqqis fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Programmes and Initiatives* (*Detention Services* ). |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 43 Forzi Armati ta' Malta | 45,946,000 | 46,771,000 | 825,000 | - | Hija mistennija żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* (*Allowances* u *Salaries and Wages*), kif ukoll fil-kategorija tal-*Operational and Maintenance Expenses* (*Incidental Expenses*). |
| 44 Pulizija | 59,084,000 | 57,484,000 | - | 1,600,000 | Tnaqqis huwa mistenni fin-nefqa taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments* (*Salaries and Wages*). |
| 45 Servizzi Korrettivi | 10,935,000 | 11,913,000 | 978,000 | - | Mistennija żieda fil-fondi taħt il-kategorija tal-*Personal Emoluments*, primarjament fl-*Overtime*. |
| 46 *Probation* u *Parole* | 1,078,000 | 1,089,000 | 11,000 | - | |
| 47 Protezzjoni Ċivili | 5,682,000 | 5,579,000 | - | 103,000 | |
| **NEFQA RIKORRENTI TOTALI U ĦLASIJIET FUQ SELF** | **3,971,203,000** | **4,035,440,000** | **64,237,000** | **-** | |

## STATEMENT Ċ

## NEFQA KAPITALI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| I Uffiċċju tal-President | 217,000 | 217,000 | - | - | |
| II Uffiċċju tal-Prim Ministru | 10,945,000 | 11,081,000 | 136,000 | - | Mistennija nefqa akbar primarjament minħabba titjib fil-propjetajiet tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru u taħt l-*ICT* Nefqa anqas hija mistennija fuq xogħlijiet fl-*IAID* u titjib fil-propjeta` tal-Istamperija tal-Gvern. |
| III Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali | 70,551,000 | 54,636,000 | - | 15,915,000 | Nefqa anqas hija mistennija l-aktar taħt il-Fondi għas-Sigurta' Interna - il-Fruntieri u l-Viża, u l-Pulizija, il-Fond għall-Asil u l-Migrazzjoni u l-Fondi Strutturali 2014-2020. Hija maħsuba żieda fin-nefqa taħt il-Fond Ewropew għall-Fruntieri Esteri, Fond Ewropew III għar-Refuġjati u l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi. |
| IV Ministeru għall-Affarijiet Barranin | 1,582,000 | 1,809,000 | 227,000 | - | Mistennija nefqa akbar l-iktar fuq xogħlijiet f'Konsolati barranin. |

## STATEMENT Ċ

## NEFQA KAPITALI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| VOT | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| V | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol | 33,051,000 | 38,463,000 | 5,412,000 | - | Mistennija nefqa aktar mill-istima primarjament taħt l-*ICT*, il-Fondi Struturali 2014-2020, titjib fi propjetajiet tal-Ministeru, *Esplora* u *ENIAC – Industrial Project Lab4 MEMS*. Din l-ispiża addizzjonali mistennija tkun ikkumpensata min-nefqa anqas l-aktar taħt l-*Fondi Strutturali 2007-2013* u t-Teknoloġija tal-Informatika fl-iskejjel tal-Gvern. |
| VI | Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima | 40,722,000 | 36,988,000 | - | 3,734,000 | L-infiq mistenni jkun akbar minħabba l-*ICT*, il-Fond ta' Koeżjoni 2007-2013, il-Fond Ewropew għas-Sajd, il-Fond Agrikolu għall-Iżvilipp Rurali 2007-2013, *Direct Centrally Managed Funds*, xogħlijiet estensivi fil-Ġonna tal-Argotti (trasferit mill-Vot tal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura), *WasteServ Malta Ltd* u titjib fil-faċilitajiet u tagħmir ġewwa s-sezzjoni tas-Sajd u Akkwakultura. Mistennija nefqa anqas taħt il-programm tal-*Life+*, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014-2020, il-Fond Agrikolu Ewropew ghall-Izvilupp Rurali 2014-2020 u l-Pitkalija ta' Ta' Qali. |

## STATEMENT Ċ

## NEFQA KAPITALI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| VOT | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| VII | Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura | 75,335,000 | 69,293,000 | - | 6,042,000 | Mistennija nefqa akbar mill-istima primarjament taħt il-Fondi Strutturali 2007-2013 u ta' Koeżjoni 2007-2013, it-toroq, u studju dwar fattibilta' dwar il-proġett li jgħaqqad lil Malta ma' Għawdex. Din l-ispiża addizzjonali mistennija tkun ikkumpensata min-nefqa anqas l-aktar taħt il-Fond ta'Koezjoni 2014-2020, il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, ir-Rilokazzjoni tad-Dipartimenti tax-Xogħlijiet, l-Effiċjenza dwar l-Energija *H2020*, *Deep Water Quay*, ir-restawr tal-Funtana tat-Tritoni u l-proġett tal-Ġonna tal-Argotti minħabba li dan ġie trasferit taħt il-Vot tal-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima. |
| VIII | Ministeru għall-Għawdex | 6,364,000 | 5,418,000 | - | 946,000 | L-ispiża mistennija tkun akbar taħt il-Fondi Strutturali 2014-2020 u d-Dar għall-Anzjani f'Għawdex. L-infiq fuq l-Eko-Għawdex, il-Villaġġ għall-Intrapriżi Żgħar u Medji, il-baga ġdida 'l barra mix-Xlendi u l-proġett tal-Qorti mistenni jkun anqas. |
| IX | Ministeru għad-Djologu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili | 1,671,000 | 1,260,000 | - | 411,000 | Mistennija nefqa aktar mill-istima taħt l-*ICT*. Din l-ispiża addizzjonali mistennija tkun ikkumpensata min-nefqa anqas fuq il-proġett tal-Pjazza ta' Raħal Ġdid u xogħlijiet u xiri ta' tagħmir għal-Laboratorji (*National Centre for Scientific and Quality Affairs*). |

## STATEMENT Ċ

## NEFQA KAPITALI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| X | Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar | 32,579,000 | 36,547,000 | 3,968,000 | - | Għalkemm mistennija nefqa anqas taħt il-*Private and Gated Estates*, it-*Taxiway* fil-Park tal-Avjazzjoni ta' Ħal-Safi u x-xogħlijiet fid-Dipartiment tal-Kummerċ, l-ispiża taħt dan il-Vot mistennija tkun aktar milli kien maħsub minħabba fondi addizzjonali meħtieġa taħt l-*ICT*, *e-Government*, *Digital Outreach Programme*, Fondi Strutturali 2007-2013 u l-Inċentivi għall-Investiment. |
| XI | Ministeru għall-Finanzi | 44,392,000 | 43,032,000 | - | 1,360,000 | Nefqa akbar taħt l-*Euro Currency* mistennija tkun ikkumpensata min-nefqa anqas l-aktar taħt l-*ICT Corporate Projects*, *Public Finance Management System* u l-*Hercule III Programme 2014-2020*. |
| XII | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa | 28,164,000 | 25,538,000 | - | 2,626,000 | In-nefqa aktar mill-istima taħt il-*Fondi Strutturali 2007-2013 u x-* xogħlijiet ta' kostruzzjoni fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex mistennija tkun ikkumpensata min-nefqa anqas l-aktar taħt il-Fondi ta'Koeżjoni 2007-2013, il-proġett għar-Riġenerazzjoni ta' Marsaxlokk, *Integrated Health Information Systems*, *Centralised Stores* u l-Isptar tal-Onkoloġija. |

## STATEMENT Ċ

## NEFQA KAPITALI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XIII | Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali | 5,358,000 | 5,680,000 | 322,000 | - | Mistennija nefqa aktar mill-istima għal titjib ta' bini taħt ir-responsabbilta' tal-Ministeru u xogħlijiet ta' restawr ta' Palazzo Ferreria. Nefqa anqas hija mistennija taħt il-Fond għal *European Aid to the Most Deprived* u l-bini u l-immaniġġjar ta' *shared Semi-Independent Town Centre* . |
| XIV | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali | 10,162,000 | 9,317,000 | - | 845,000 | Mistennija nefqa akbar taħt proġetti ġodda tal-*ICT EEA/Norwegian Financial Mechanisms 2009-2014* u *Design Cluster* . Infiq inqas milli kien maħsub huwa mistenni l-iktar taħt il-Fondi Strutturali 2007-2013, Restawr tal-Fortizzi, Fortifikazzjonijiet u Postijiet Storici, il-Villaġġ tal-Karnival u Monumenti Nazzjonali. |
| XV | Ministeru għat-Turiżmu | 6,707,000 | 15,248,000 | 8,541,000 | - | L-ispiża mistennija tkun akbar taħt il-Fondi Strutturali 2017-2013, l-inċentivi għall-Industrija tal-Films u r-Rilokazzjoni tal-Awtorita' tat-Turiżmu filwaqt li mistennija nefqa anqas l-iktar fuq L-Istitut għall-Istudji Turistiċi. |

## STATEMENT Ċ

## NEFQA KAPITALI 2016: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XVI | Ministeru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali | 23,540,000 | 25,130,000 | 1,590,000 | - | Filwaqt li mistennija nefqa akbar taħt dan il-Vot, primarjament taħt *EEA/Norwegian Financial Mechanisms 2009-2014*, xiri ta' tagħmir għar-Riċerka u Żvilupp, *National Risk Assessment* u l-programm kapitali tal-Forzi Armati ta' Malta, in-nefqa taħt proġetti ġodda tal-*ICT National Identity Management Systems* u l-programm kapitali tal-Protezzjoni Ċivili mistennija tkun anqas minn dik proġettata. |
| | **TOTAL NEFQA KAPITALI** | **391,340,000** | **379,657,000** | **-** | **11,683,000** | |